IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2020
COM(2020) 579 final

2013/0186 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew

(riformulazzjoni)

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2020) 187 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-mod kif inhu organizzat u mmaniġġjat l-ispazju tal-ajru Ewropew permezz ta' riforma tal-industrija li tipprovdi s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS). L-iżvilupp tagħha involva żewġ pakketti leġiżlattivi komprensivi – "SES I" u "SES II" – u magħmula minn erba' Regolamenti[1].

L-esperjenza bl-SES I mill-2004 u bl-SES II mill-2009 wriet li l-prinċipji u l-orjentazzjoni ġenerali tal-SES huma validi u jenħtieġ jinżammu. Iżda minkejja dan il-korp ta' leġiżlazzjoni, il-kostijiet tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) għadhom għaljin u għadu qed jippersisti d-dewmien, b'detriment għall-ambjent. Din is-sitwazzjoni qed tinħoloq minħabba kapaċità limitata, u minħabba ineffiċjenzi fl-ATM li jinvolvu konġestjoni, anki f'kundizzjonijiet normali. Hu ċar li l-objettivi stabbiliti meta l-SES ġie stabbilit għall-ewwel darba ma ntlaħqux għalkollox tul il-perjodu taż-żmien mistenni.

Għalhekk, din il-proposta emendata għandha l-għan li mhux biss tneħħi l-ineffiċjenzi attwali fl-ATM li huma ta' detriment għall-ambjent, iżda anki li ssaħħaħ aspetti utli oħra rigward l-ATM, bħal forniment aktar aġli ta' servizzi tad-*data* u inċentivi, li jistgħu jtejbu b'mod attiv u jikkontribwixxu biex tkompli titnaqqas l-impronta ambjentali tal-avjazzjoni..

Il-proposta oriġinali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) (magħrufa bl-abbrevjazzjoni SES2+) ġiet adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Ġunju 2013. Din saret bil-ħsieb li tħaffef l-implimentazzjoni tar-riforma tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mingħajr ma titbiegħed mill-objettivi u l-prinċipji oriġinali tagħha.

Fil-frattemp, is-settur tal-avjazzjoni kompla jevolvi, bi żviluppi fit-teknoloġija u tkabbir ġenerali sostnut fit-traffiku sa kmieni fl-2020, minn mindu ġiet adottata l-proposta iżda b'mod aktar ġenerali fl-aħħar għaxar snin. Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tnaqqis qawwi fit-traffiku u dan ħareġ fid-dieher li strutturalment l-SES hu nieqes mir-reżiljenza għax il-forniment tas-servizzi bilkemm jista' jiġi aġġustat għall-iżviluppi tat-traffiku. Il-kuntest politiku evolva bl-istess mod. B'mod partikolari, il-Ftehim ta' Pariġi ġie adottat u jinvolvi l-ħtieġa li l-avjazzjoni tikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 (fil-kuntest ta'

---

[1] "Ir-Regolament Qafas" (ir-Regolament (KE) Nru 549/2004) – li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew; "ir-Regolament tal-Forniment ta' Servizz" (ir-Regolament (KE) Nru 550/2004) dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew; "ir-Regolament tal-Ispazju tal-Arja" (ir-Regolament (KE) Nru 551/2004) dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew; u "ir-Regolament ta' Interoperabilità" (ir-Regolament (KE) Nru 552/2004) dwar l-interoperabilità tan-Network Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru.

Il-pakkett magħmul mill-verżjoni inizjali ta' dawk ir-Regolamenti hu magħruf bħala "SES I". Dawn l-erba' Regolamenti lkoll sarulhom emendi permezz tar-Regolament (KE) Nru 1070/2009, magħruf bħala "SES II".

Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tħassar, soġġett għal perjodu tranżitorju għal ċerti dispożizzjonijiet, permezz tar-Regolament (UE) 2018/1139 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

żieda kontinwa u rapida fl-emissjonijiet s'issa). F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew bl-objettiv li tikseb in-newtralità tal-karbonju u tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. Il-proposta leġiżlattiva SES2+ jenħtieġ tiġi aġġornata biex tkun tirrifletti dawn il-bidliet.

Biex is-settur ikun jista' jirrealizza aħjar il-potenzjal ekonomiku tiegħu filwaqt li jopera b'mod aktar sostenibbli, jeħtieġ tkun prevista reviżjoni li tiżgura forniment aktar flessibbli tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, li tkun xierqa għall-ambjent operatorju ta' żmienna u tal-ġejjieni. Jenħtieġ li r-regoli proposti jagħmluha possibbli li l-kapaċità tiġi adattata malajr u b'mod effiċjenti għal żidiet jew tnaqqis fid-domanda jew għal ħtiġijiet ġeografiċi li jvarjaw. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u b'mod aktar konkret għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 fis-settur tal-avjazzjoni, li għandu importanza ewlenija. It-tnaqqis meħtieġ f'dawk l-emissjonijiet jinvolvi ġabra ta' miżuri differenti li ħafna minnhom se jifirxu l-effetti tagħhom biss fuq medda itwal taż-żmien. Madankollu, b'reviżjoni fil-ħin tas-sistema tal-SES u bl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda riżultanti, l-ewwel tnaqqis tanġibbli tas-CO_2 ikun jista' jinkiseb mill-bidu tal-2025.

Minbarra l-ħtieġa għal reviżjoni ġenerali, ir-raġunijiet speċifiċi biex tiġi emendata l-proposta SES2+ fost l-oħrajn jinkludu dan li ġej:

- It-test jeħtieġ jiġi ssimplifikat u allinjat mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li daħlet fis-seħħ minn mindu waqfu n-negozjati dwar il-proposta oriġinali tal-SES2+ tal-2013[2];
- Uħud mid-definizzjonijiet u mir-regoli jeħtieġ jiġu adattati biex ikunu jirriflettu l-għarfien tal-partijiet ikkonċernati u l-esperjenza miksuba, kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti ta' rapporti u studji mwettqa dan l-aħħar[3];
- Jidher xieraq li jiġu riflessi r-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport tal-Grupp ta' Persuni Għorrief dwar il-futur tal-Ajru Uniku Ewropew[4].
- L-istess japplika għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-proġett pilota tal-Parlament Ewropew dwar l-arkitettura futura tal-Ispazju tal-Ajru Ewropew u mir-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
- Bl-istess mod hu importanti li jiġu riflessi l-iżviluppi teknoloġiċi riċenti fis-settur tal-avjazzjoni u l-impenji espressi fil-Patt Ekoloġiku Ewropew b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Minkejja bosta bidliet, din il-proposta emendata għandha l-istess objettivi tal-proposta SES2+ tal-2013, iżda xi kultant timmira li tiksibhom b'mezzi differenti. Xi drabi nżammu s-soluzzjonijiet li jikkorrispondu għall-alternattivi preferuti identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2013, iżda wħud mis-soluzzjonijiet ġew aġġornati biex ikunu jirriflettu bidliet fis-settur. It-Taqsima 4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni mehmuż tiddeskrivi l-modifiki fid-dettall u tippreżenta evidenza li tappoġġahom.

---

2 Primarjament, ir-Regolament (UE) 2018/1139.

3 Ara l-Anness III tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż.

4 https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/2019-04-report-of-the-wise-persons-group-on-the-future- of-the-single-european-sky.pdf

Peress li l-objettivi ewlenin u l-alternattivi ppreferuti stabbiliti fil-valutazzjoni tal-impatt se jibqgħu jinżammu fl-essenza tagħhom, aktarx li r-regoli proposti hawnhekk ma jkunux jinvolvu impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali differenti b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-proposta oriġinali tal-SES2+. Għaldaqstant m'hemmx bżonn issir valutazzjoni tal-impatt ġdida għal din il-proposta emendata, lil hinn mill-analiżi li hemm fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal imsemmi hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa tal-2015[5] li għandha l-Kummissjoni tappella għal adozzjoni malajr mill-koleġiżlaturi, tar-Regolament stabbilit fil-proposta tal-SES2+. L-emenda għal dik il-proposta hi konformi bis-sħiħ mal-istrateġija ġenerali tal-Kummissjoni għal dan il-qasam ta' politika u, b'mod partikolari, jenħtieġ tiffaċilita l-progress fir-rigward ta' dan il-fajl leġiżlattiv.

Il-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew hi marbuta mill-qrib mal-korp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni u mal-kompiti fdati lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-"Aġenzija")[6]. Din il-proposta hi maħsuba fost l-oħrajn biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni billi telimina ċerti duplikazzjonijiet bejn ir-regoli eżistenti u tallinja l-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew mar-Regolament Bażiku tal-EASA.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-titjib tar-regoli tal-SES ġie identifikat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala miżura li tista' tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 fis-settur tal-avjazzjoni. Titjib bħal dan għandu b'mod partikolari jnaqqas il-konġestjoni u b'hekk jippermetti l-użu aktar ta' sikwit tar-rotot diretti. Il-proposta fiha wkoll elementi importanti mmirati lejn it-tisħiħ tad-diġitalizzazzjoni u s-suq intern, li huma żewġ prijoritajiet oħra tal-Kummissjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din l-emenda proposta hi l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt lill-Unjoni li taġixxi f'dan il-qasam, li hu wieħed ta' kompetenza kondiviża.

Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, b'mod aktar speċifiku, ilha koperta mill-2004 b'dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li ma jistgħux jiġu emendati mill-Istati Membri b'mod awtonomu. Fis-sustanza, u min-natura tagħha, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru taffettwa l-

5 https://ec.europa.eu/transport/modes/air/aviation-strategy_en
6 Ir-Regolament (UE) 2018/1139.

ispazju tal-ajru tal-Unjoni Ewropea kollha, u l-movimenti transfruntieri tal-persuni, tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital huma inerenti għall-avjazzjoni u għalhekk huma ttrattati bl-aktar mod effiċjenti fil-livell tal-Unjoni.

Hemm bżonn tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex l-ispazju tal-ajru Ewropew jiġi deframmentat u b'hekk tkun tista' ssir ġestjoni aktar effiċjenti li tkun kapaċi tindirizza n-nuqqas ta' kapaċità f'perspettiva ġenerali u b'hekk jiġu miġġielda d-dewmien u l-emissjonijiet addizzjonali riżultanti.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Tiffoka fuq elementi appoġġati bid-diversi kontributi elenkati fl-Anness III tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż magħha.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta oriġinali saret biex jiġu emendati r-Regolamenti eżistenti, u jiġu riformulati f'wieħed fl-interess taċ-ċarezza. Dan l-approċċ jibqa' ġustifikat, u jenħtieġ jintuża l-istess strument ta' Regolament riformulat, soġġett għall-bidliet meħtieġa fis-sustanza.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Valutazzjoni tal-impatt ġdida lil hinn minn dik li tirfed il-proposta inizjali fl-2013 [SWD (2013) 206 final] titqies mhux meħtieġa għax l-objettivi ewlenin u l-alternattivi ppreferuti ma nbidlux b'mod sinifikanti, u għax l-impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali tat-test propost hawnhekk jenħtieġ ma jvarjawx b'mod sinifikanti mill-impatti li kienu mistennija li jirriżultaw mit-termini tal-proposta inizjali tal-SES2+.

Iżda d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' din il-proposta emendata [*add reference*] jippreżenta evidenza u analiżi addizzjonali, b'mod partikolari b'rabta mal-aġġornamenti meta mqabbla mas-soluzzjonijiet biex jinkisbu l-alternattivi ppreferuti tal-2013. Dawk l-aġġornamenti jirriflettu l-bidliet fis-settur u mezzi oħra ġodda jew emendati biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti. Elementi addizzjonali bnew fuq id-diversi kontributi miġbura fl-aħħar snin. Fl-2017, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ħarġet Rapport Speċjali dwar l-Ajru Uniku Ewropew, li jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Fl-2019, il-QEA segwiet l-analiżi preċedenti tagħha b'Rapport Speċjali ieħor dwar ir-regolamentazzjoni tal-modernizzazzjoni tal-ATM fl-UE. Ir-rapport jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, li huma indirizzati direttament f'din il-proposta emendata jew inkella jistgħu jiġu indirizzati b'atti tal-Kummissjoni bbażati fuq setgħat eżistenti jew proposti.

Fl-2019, twaqqaf Grupp ta' Persuni Għorrief, magħmul minn ħmistax-il espert eminenti fil-qasam, biex jivvaluta s-sitwazzjoni attwali u l-ħtiġijiet futuri għall-ATM fl-UE. Wara bosta xhur ta' konsultazzjonijiet fil-forma ta' seduti mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali rilevanti kollha, f'April 2019 il-Grupp ħareġ ir-Rapport tal-Grupp ta' Persuni Għorrief dwar

il-futur tal-Ajru Uniku Ewropew, li jirrifletti l-fehma komuni tal-Grupp u jinkludi għaxar rakkomandazzjonijiet[7]. B'mod parallel, ġie kkummissjonat Proġett Pilota mill-Parlament Ewropew dwar l-arkitettura futura tal-ispazju tal-ajru Ewropew, li wassal ukoll għal rapport f'Marzu 2019. Waqt il-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, f'Settembru 2019 saret konferenza ta' livell għoli dwar il-futur tal-Ajru Uniku Ewropew, li wasslet għal dikjarazzjoni konġunta ffirmata tal-partijiet ikkonċernati li tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej jieħdu azzjoni biex jissimplifikaw il-qafas regolatorju u l-istruttura istituzzjonali biex iwieġbu għall-ħtiġijiet attwali u futuri tal-ATM Ewropea, biex tkun adattata għall-iskop tagħha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta emendata**

Bħal qabel, qed jiġi propost li r-Regolamenti SES eżistenti jingħaqdu f'Regolament wieħed, li kien jeħtieġ għadd ta' bidliet. L-istrument il-ġdid hu strutturat f'sitt Kapitoli:

- Il-Kapitolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali

- Il-Kapitolu II: Awtoritajiet superviżorji nazzjonali

- Il-Kapitolu III: Forniment tas-servizzi

- Il-Kapitolu IV: Ġestjoni tan-network

- Il-Kapitolu V: L-ispazju tal-ajru, l-interoperabbiltà u l-innovazzjoni teknoloġika

- Il-Kapitolu VI: Dispożizzjonijiet finali

F'dan il-kuntest, qed jiġi propost li jitneħħew l-elementi li jikkoinċidu mar-Regolament (UE) 2018/1139. Bl-istess mod, ċerti dettalji qed jiġu emendati b'mod paralleli fir-Regolament (UE) 2018/1139, biex ikun żgurat l-allinjament korrett taż-żewġ Regolamenti. Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tħassar bir-Regolament (UE) 2018/1139 u bħala tali ma għadux jitqies f'din il-proposta emendata. Iżda nżamm l-objettiv tal-interoperabbiltà fl-Ajru Uniku Ewropew.

Awtoritajiet superviżorji nazzjonali (l-Artikoli 3, 4 u 5, li jridu jinqraw flimkien mal-Artikolu 114i ġdid tar-Regolament (UE) 2018/1139, stabbilit fi proposta separata ppreżentata fl-istess ħin[8])

Waħda mill-ħtiġijiet ewlenin għal azzjoni li ġew identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt tikkonsisti fit-tisħiħ tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, fir-rigward tal-indipendenza u l-għarfien espert tagħhom, iżda wkoll fir-rigward tar-riżorsi tagħhom. Għal dan il-għan, l-Artikolu 3 jiddeskrivi l-livell ta' indipendenza li l-awtoritajiet jeħtieġ ikollhom mill-fornituri

---

[7] https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/2019-04-report-of-the-wise-persons-group-on-the-future- of-the-single-european-sky.pdf

[8] COM(2020) 577

tas-servizzi li beħsiebhom jissorveljaw, u minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra. L-applikazzjoni tar-reġim propost teħtieġ riorganizzazzjoni amministrattiva minn qabel f'xi Stati Membri, u għalhekk qed jiġu ssuġġerit ukoll li jkun permess perjodu tranżitorju ta' 48 xahar f'dan ir-rigward (abbozz tal-Artikolu 46(2)). Barra minn hekk, qed jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar espliċiti fir-rigward tal-kompetenzi u l-indipendenza tal-persunal impjegat, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni inkarigati b'deċiżjonijiet strateġiċi. Għall-istess effett, l-abbozz tal-Artikolu 20, dwar il-"bażi tal-kost għall-imposti", jirreferi b'mod espliċitu, bħala element eliġibbli wieħed, għall-kostijiet li jġarrbu l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fir-rigward tas-sorveljanza u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Din ir-regola toħloq ambitu għal finanzjament xieraq tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali permezz ta' tariffi korrispondenti.

Fost l-oħrajn biex tittejjeb il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet, fl-interess li jitkattru l-għarfien espert u l-aqwa prattiki, qed jiġi propost li jitwaqqaf forum xieraq għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, fil-forma tal-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni (ara l-abbozz tal-Artikoli 114a u 114i ġodda tar-Regolament (UE) 2018/1139).

Qed jiġi propost li ssir distinzjoni ċara bejn il-kompiti tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, kompetenti fi kwistjonijiet li jappartjenu għall-Ajru Uniku Ewropew, u l-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni koperti mir-Regolament (UE) 2018/1139. Jenħtieġ li l-awtoritajiet preċedenti jkunu responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni ekonomika relatata mal-kundizzjonijiet finanzjarji meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, għall-monitoraġġ tal-akkwist tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kif ukoll għall-applikazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti. Dawn l-awtoritajiet tal-aħħar jibqgħu responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tas-sikurezza u għal kompiti oħra deskritti fir-Regolament (UE) 2018/1139.

Iċ-ċertifikazzjoni ekonomika tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u d-deżinjazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (l-Artikoli 6 u 7)

Iċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza relatati mas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru huma koperti mir-Regolament 2018/1139. Minbarra ċ-ċertifikati meħtieġa skont dan, il-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ ikun bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati ċerti rekwiżiti rigward ir-robustezza finanzjarja, ir-responsabbiltà u l-kopertura tal-assigurazzjoni. Għal dawn il-finijiet, qed jiġi propost li jkun previst ċertifikat ekonomiku maħruġ mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

Il-proposta emendata tistipula wkoll li d-deżinjazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru trid issir għal perjodu massimu ta' għaxar (10) snin. L-għan hu li jkun żgurat li d-deżinjazzjoni tiġi vvalutata mill-ġdid perjodikament.

Servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tat-traffiku tal-ajru fit-terminal (l-Artikolu 8)

Is-servizzi mogħtija b'appoġġ għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jistgħu joffru titjib kosteffiċjenti, u huma mistennija jippermettu aktar flessibbiltà u jippromwovu l-innovazzjoni. Dan it-titjib possibbli jista' jinkiseb b'forniment skont ċerti kundizzjonijiet tas-suq, li għalihom dawk is-servizzi huma adattati minħabba n-natura tagħhom. Għalhekk, qed jiġi

propost li l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 jiġi ssostitwit b'regola dwar il-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tat-traffiku tal-ajru fit-terminal bil-kundizzjonijiet tas-suq.

Is-servizzi tat-traffiku tal-ajru, li huma meqjusa bħala monopolji naturali, fil-prinċipju jibqgħu soġġetti għal rekwiżit ta' deżinjazzjoni ta' fornitur partikolari mill-awtoritajiet responsabbli. Iżda l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jenħtieġ ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jakkwistawx servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS jew tal-MET. Fir-rigward tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, l-operaturi tal-ajruporti jenħtieġ ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jakkwistawx servizzi għall-kontroll tal-ajrudrom, meta dan l-akkwist ikun jippermetti titjib fil-kostefiċjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru. Skont l-istess kundizzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ ikunu jistgħu jippermettu l-akkwist ta' servizzi għall-kontroll tal-avviċinament.

Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jkunu evitati diskriminazzjoni, sussidjar reċiproku u distorsjoni tal-kompetizzjoni, is-servizzi en route jenħtieġ ikunu separati mil-lat organizzattiv minn servizzi oħra tan-navigazzjoni bl-ajru. .

Servizzi ta' informazzjoni komuni (l-Artikolu 9)

L-Artikolu 9 ta' din il-proposta emendata jinkludi dispożizzjonijiet dwar is-servizzi ta' informazzjoni komuni meħtieġa biex tkun tista' ssir ġestjoni sikura tat-traffiku tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (it-traffiku tad-droni). L-Artikolu hu allinjat mal-iżviluppi regolatorji riċenti dwar it-tħaddim tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord. Qed jiġi propost li jiġi regolat l-ipprezzar ta' dawn is-servizzi biex jiġi kkontrollat il-kost tal-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord.

Skemi ta' prestazzjoni u imposti u l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (l-Artikoli 10 sa 25)

Ir-regolamentazzjoni ekonomika jenħtieġ tissaħħaħ u ssir aktar effiċjenti. Għal dan il-għan, qed jiġi propost li l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati stess jiġu fdati bil-kompitu li jabbozzaw u jissottomettu l-pjanijiet ta' prestazzjoni tagħhom għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti. Skont il-każ, dik l-awtorità tista' tkun l-Aġenzija li taġixxi bħala l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) jew awtorità superviżorja nazzjonali.

Il-funzjoni tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, li għaliha hemm stabbiliti regoli ta' governanza apposta fil-proposta li temenda r-Regolament (UE) 2018/1139, tfasslet b'tali mod li tippermetti li d-deċiżjonijiet rilevanti jittieħdu bl-għarfien espert u l-indipendenza meħtieġa. Ir-regoli ta' finanzjament proposti jenħtieġ jiżguraw li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi meħtieġa. Għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali, qed jiġi propost li d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB ikunu soġġetti għal proċedura ta' appell miftuħa għall-partijiet ikkonċernati.

Din il-proposta emendata tistabbilixxi r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti. B'mod partikolari, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB hi inkarigata mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi en route u fit-terminal, u mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma

responsabbli mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal. Għal dan il-għan, iridu jiġu ppreżentati pjanijiet separati għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati li jipprovdu ż-żewġ tipi ta' servizzi.

It-termini tal-iskema ta' imposti proposta huma allinjati ma' dan l-approċċ il-ġdid. Barra minn hekk, qed jiġi propost li jiġu stabbiliti mekkaniżmi għall-modulazzjoni tal-imposti fil-livell tal-Unjoni kollha, biex ikun appoġġat b'mod partikolari t-titjib fil-prestazzjoni ambjentali jew il-kwalità tas-servizz.

Fl-aħħar nett, qed jiġi propost li jiżdiedu ċerti rekwiżiti mar-regoli dwar it-trasparenza tal-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (l-Artikolu 25). L-intenzjoni hi li tingħata għajnuna biex ikunu evitati s-sussidjar inkroċjat u d-distorsjonijiet riżultanti. Ir-regola jenħtieġ b'mod partikolari tiffaċilita l-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 9.

Blokok Funzjonali tal-Ispazju tal-Ajru

Il-proposta emendata ma għadhiex tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru (FABs). In-nuqqas ta' dawn ir-regoli ma jżommx lill-Istati Membri milli jżommu jew joħolqu FABs, jekk jitqies utli. In-nuqqas ta' dawn ir-regoli lanqas ma jipprevjeni forom flessibbli ta' koperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

Ġestjoni tan-Network (l-Artikoli 26, 27 u 28)

L-Artikolu 26 jelenka l-funzjonijiet tan-network u jistabbilixxi l-objettivi tagħhom. L-Artikolu 27 jistabbilixxi r-rwol tal-Maniġer tan-Network, jiġifieri li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-ħatra tal-Maniġer tan-Network, il-kompiti tiegħu u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li dan irid japplika.

Qed jiġi propost li l-funzjonijiet tan-network ikunu soġġetti għal regoli speċifiċi tal-iskema ta' prestazzjoni (l-Artikolu 16).

Skont l-Artikolu 28, il-Maniġer tan-Network irid jippubblika l-kontijiet finanzjarji tiegħu u jsirlu awditjar indipendenti.

Disponibbiltà u aċċess għad-**data** ***(l-Artikolu 31)***

Qed jiġi propost li jiġu modifikati r-regoli dwar din il-kwistjoni (anki meta mqabbla mal-proposta inizjali), biex jeħfief il-forniment tas-servizzi tad-*data* dwar it-traffiku tal-ajru f'suq transfruntier u madwar l-Unjoni kollha. Barra minn hekk, it-termini tal-abbozz tal-Artikolu 31 huma tali li jiżguraw li l-parteċipanti ġodda fis-suq tad-*data* jkollhom aċċess għad-*data* operazzjonali rilevanti anki qabel iċ-ċertifikazzjoni. Biex ikunu evitati sussidji inkroċjati jew imposti doppji, qed jiġi propost li jiġu stabbiliti prinċipji tal-ipprezzar adegwati.

Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru (l-Artikolu 33)

L-Artikolu 33 jirrifletti fil-biċċa l-kbira l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004 u jkompli jalloka r-responsabbiltà lill-Istati Membri li jiżguraw l-applikazzjoni tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru. Iżda dan jeħtieġ ukoll li dan il-kunċett jiġi applikat b'mod

konsistenti mal-Pjan Regolatorju tal-ATM. L-Artikolu 33 jikkumplimenta r-rekwiżit essenzjali stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1139 li permezz tiegħu l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru trid tappoġġa l-applikazzjoni uniformi tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.

Koordinazzjoni tas-SESAR (l-Artikolu 34)

L-Artikolu 34 jeżiġi li l-entitajiet rilevanti jikkoperaw bejniethom biex jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-fażijiet differenti tal-proġett SESAR.

- **Bidliet meta mqabbla mal-proposta oriġinali msemmija fil-punt 1**

It-tibdiliet li saru f'din il-proposta emendata, meta mqabbla mal-proposta msemmija fil-punt 1, huma dawn li ġejjin:

<u>Premessi</u>

(1) Il-Premessa 1 hi ssimplifikata biex tkun taqra:

"*Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[9]*, ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[10]*, u r-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[11] *ġew emendati b'mod sostanzjali. Peress li għad iridu jsiru iżjed emendi, jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jiġu riformulati fl-interess taċ-ċarezza.*".

(2) Il-premessa 2 titħassar.

(3) Il-premessa 3 hi nnumerata mill-ġdid bħala premessa 2 u saru l-bidliet li ġejjin:

(a) wara r-referenza għar-"Regolament (KE) Nru 552/2004", jiżdiedu l-kelmiet "tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]";

(b) il-premessa mhux numerata wara l-premessa 3 ssir it-tieni sentenza tal-premessa 2 u hi riformulata kif ġej:

"*L-adozzjoni tat-tieni pakkett, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[13]*, issaħħaħ aktar l-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew billi introduċiet l-iskema ta' prestazzjoni u l-kunċetti ta' Maniġers tan-Network biex tkompli ttejjeb il-prestazzjoni tan-network Ewropew tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru.*";

(c) tiddaħħal it-tieni sentenza li ġejja:

---

9 Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

10 Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

11 Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

12 Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26).

13 Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34).

"*Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tħassar bir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għax ir-regoli meħtieġa għall-interoperabbiltà tas-sistemi, il-kostitwenti u l-proċeduri tal-ATM ġew inkorporati f'dak ir-Regolament.*".

(4) Tiddaħħal il-premessa 3 ġdida li ġejja:

"*Biex jitqiesu l-bidliet introdotti fir-Regolament (UE) 2018/1139, jeħtieġ li l-kontenut ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament (UE) 2018/1139.*".

(5) Il-premessa 6 hi riformulata kif ġej:

"Għat-tfittxija simultanja li jintlaħqu l-objettivi tat-tkattir tal-istandards tas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru, u tat-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tas-servizzi tal-ATM u tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS) għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa, jeħtieġ jitqies il-fattur uman. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ jirrispettaw il-prinċipji ta' 'kultura ġusta'. Jenħtieġ jitqiesu u jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Dimensjoni Umana[14] *tal-Ajru Uniku Ewropew.*

(6) Tiddaħħal il-premessa 7 ġdida li ġejja:

"*It-titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-ATM jikkontribwixxi wkoll direttament għall-kisba tal-objettivi li jinsabu fil-Ftehim ta' Pariġi u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni.*'.

(7) Il-premessa 7 hi renumerata bħala l-premessa 8 u hi riformulata kif ġej:

"Fl-2004, l-Istati Membri adottaw dikjarazzjoni ġenerali dwar kwistjonijiet militari relatati mal-Ajru Uniku Ewropew. Skont din id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ, b'mod partikolari, itejbu l-koperazzjoni ċivili militari u, jekk u sal-punt meqjus meħtieġ mill-Istati Membri kollha kkonċernati, jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejn il-forzi armati tagħhom fil-kwistjonijiet kollha tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru."

(8) Il-premessa 8 hi renumerata bħala l-premessa 9, u l-premessa 9 hi mħassra.

(9) Fil-premessa 10, l-aħħar sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"*Din jenħtieġ ma tkunx twaqqaf lil awtorità superviżorja nazzjonali milli tkun parti minn awtorità regolatorja kompetenti għal diversi setturi regolati, jekk dik l-awtorità regolatorja tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza, jew milli tingħaqad f'termini tal-organizzazzjoni tagħha mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.*".

(10) Tiddaħħal il-premessa 11 ġdida li ġejja:

"*Il-finanzjament tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ jiżgura l-indipendenza tagħhom, u jenħtieġ ikun jippermettilhom joperaw skont il-prinċipji tal-ġustizzja, tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità. Jenħtieġ li proċeduri xierqa għall-ħatra tal-persunal ikunu jikkontribwixxu biex jiżguraw l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, filwaqt li jiżguraw b'mod partikolari li l-ħatra tal-persuni inkarigati mid-deċiżjonijiet strateġiċi ssir minn awtorità pubblika li ma teżerċitax direttament drittijiet ta' sjieda fuq il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.*".

(11) Il-premessa 11 hi renumerata bħala l-premessa 12 u l-ewwel sentenza hi riformulata kif ġej:

---

14 C(2017) 7518 final.

"L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u għalhekk jenħtieġ jikkoperaw bejniethom biex jippermettu l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-prinċipji tagħhom tal-ħidma u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-aqwa prattiki u proċeduri, u fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex jiżviluppaw approċċ komuni, inkluż permezz ta' koperazzjoni msaħħa fil-livell reġjonali.".

(12) Il-premessa 12 hi renumerata bħala l-premessa 43.

(13) Il-premessa 13 titħassar.

(14) Jiżdiedu l-premessi 13 u 14 ġodda li ġejjin:

"*(13) Il-koperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru hi mezz importanti biex titjieb il-prestazzjoni tas-sistema Ewropea tal-ATM u jenħtieġ tiġi mħeġġa. L-Istati Membri jenħtieġ ikunu jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koperazzjoni mhux limitati għal forom predefiniti ta' koperazzjoni u żoni ġeografiċi.*".

(14) Iċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza u s-sorveljanza tas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jsiru mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-Aġenzija), skont ir-rekwiżiti u l-proċessi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139. Rekwiżiti addizzjonali relatati mar-robustezza finanzjarja, mar-responsabbiltà u mal-kopertura tal-assigurazzjoni huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u jenħtieġ ikunu soġġetti għal ċertifikat ekonomiku. Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ ikun jista' joffri biss servizzi fl-Unjoni, fejn għandu ċertifikat tas-sikurezza u ċertifikat ekonomiku.".

(15) Il-premessa 14 hi renumerata bħala l-premessa 15.

(16) Jiżdiedu l-premessi 16 sa 33 ġodda li ġejjin:

"*(16) Jenħtieġ li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru, ipprovduti fuq bażi esklussiva, ikunu soġġetti għal deżinjazzjoni u rekwiżiti minimi ta' interess pubbliku.*

*(17) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew l-operaturi tal-ajruporti jenħtieġ ikollhom l-għażla li jakkwistaw servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tas-sorveljanza (CNS), servizzi tal-informazzjoni ajrunawtika (AIS), servizzi tad-*data *dwar it-traffiku tal-ajru (ADS), servizzi meteoroloġiċi (MET) jew servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal skont kundizzjonijiet tas-suq, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-sikurezza, meta jagħrfu li akkwist bħal dan ikun jippermetti titjib fil-kosteffiċjenza. Il-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal akkwist bħal dan hi mistennija tippermetti aktar flessibbiltà u tippromwovi l-innovazzjoni fis-servizzi, mingħajr ma taffettwa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-militar fejn jidħlu l-kunfidenzjalità, l-interoperabbiltà, ir-reżiljenza tas-sistema, l-aċċess għad-*data*, u s-sigurtà tal-ATM.*

(18) Meta jiġu akkwistati servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, dawn jenħtieġ li la jkunu soġġetti għall-iskema ta' imposti stabbilita f'dan ir-Regolament, u lanqas għall-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]*, marbuta mal-applikabbiltà ta' dik l-iskema.*

(19) Il-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route jenħtieġ ikun separat mil-lat organizzattiv mill-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tat-traffiku tal-

[15] Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

ajru fit-terminal, inkluż bis-separazzjoni tal-kontijiet, biex tkun żgurata t-trasparenza u jkunu evitati d-diskriminazzjoni, is-sussidjar reċiproku u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(20) Meta applikabbli, l-akkwist ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ isir f'konformità mad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] *u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[17]*. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.*

(21) Il-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord teħtieġ id-disponibbiltà ta' servizzi ta' informazzjoni komuni. Biex jiġu limitati l-kostijiet ta' din il-ġestjoni tat-traffiku, il-prezzijiet għal servizzi ta' informazzjoni komuni jenħtieġ ikunu bbażati fuq il-kost u valwazzjoni pożittiva raġonevoli għal profitt, u jenħtieġ ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Biex ikun jista' jsir il-forniment tas-servizzi, id-data meħtieġa jenħtieġ tkun disponibbli mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

(22) L-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti huma maħsuba biex is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, li jingħataw skont kundizzjonijiet li mhumiex il-kundizzjonijiet tas-suq, ikunu aktar kosteffiċjenti u biex jippromwovu kwalità aħjar tas-servizz, u għaldaqstant jenħtieġ ikunu jinkludu inċentivi rilevanti u xierqa. Fid-dawl ta' dan l-objettiv, jenħtieġ li l-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti ma jkunux ikopru s-servizzi mogħtija bil-kundizzjonijiet tas-suq.

(23) Biex tkun l-aktar effettiva, jenħtieġ li s-sorveljanza meħtieġa fir-rigward tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti tiġi mmirata lejn il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati bħala tali.

(24) Ir-responsabbiltajiet għas-sorveljanza fir-rigward tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti jenħtieġ jinqasmu b'mod xieraq.

(25) Minħabba l-elementi transfruntieri u tan-network inerenti fil-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u l-fatt li, minħabba f'hekk, il-prestazzjoni trid tiġi vvalutata b'mod partikolari fil-konfront tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, jenħtieġ ikun hemm korp tal-Unjoni inkarigat mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, soġġetti għal rieżami ġudizzjarju minn korp tal-appell u eventwalment mill-Qorti tal-Ġustizzja. Biex ikun żgurat li l-kompiti jitwettqu b'livell għoli ta' għarfien espert u bl-indipendenza meħtieġa, jenħtieġ li dak il-korp tal-Unjoni jkun l-Aġenzija li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), li jiffunzjona skont ir-regoli ta' governanza apposta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139. Minħabba l-għarfien tagħhom taċ-ċirkostanzi lokali, meħtieġa biex jivvalutaw is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkunu inkarigati mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal. L-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal tikkostitwixxi operazzjoni waħda, rilevanti għaż-żewġ tipi ta' servizzi, u għalhekk jenħtieġ tkun soġġetta għas-sorveljanza tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB.

---

16 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

17 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

(26) Jenħtieġ li l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fil-qasam tas-servizzi tan-navigazzjoni en route u fit-terminal ikunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni rispettivi għall-Unjoni kollha u jkunu konformi ma' ċerti kriterji tal-kwalità, biex jiżguraw kemm jista' jkun li l-miri stabbiliti jintlaħqu b'mod effettiv. Il-proċedura ta' valutazzjoni jenħtieġ tiżgura li n-nuqqasijiet jiġu kkoreġuti malajr.

(27) Il-prestazzjoni tal-funzjonijiet tan-network jenħtieġ tkun soġġetta għal kriterji speċifiċi għalihom, filwaqt li titqies in-natura partikolari ta' dawn il-funzjonijiet. Il-funzjonijiet tan-network jenħtieġ ikunu soġġetti għal miri ta' prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza.

(28) L-iskema ta' imposti jenħtieġ tkun ibbażata fuq il-prinċipju li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ iħallsu l-kost imġarrab għall-forniment tas-servizzi riċevuti, iżda jenħtieġ li jitqiesu biss il-kostijiet imputabbli għal dan is-servizz u mhux koperti mod ieħor. Il-kostijiet relatati mal-Maniġer tan-Network jenħtieġ jiġu inklużi fil-kostijiet determinati eliġibbli li jridu jiġu ddebitati lill-utenti tal-ispazju tal-ajru. L-imposti jenħtieġ ikunu jħeġġu l-forniment sikur, effiċjenti, effettiv u sostenibbli ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' sikurezza u kosteffiċjenza u jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni, u jenħtieġ jistimulaw forniment ta' servizzi integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni.

(29) Minħabba n-natura transfruntiera tal-avjazzjoni, jenħtieġ jiġu stabbiliti mekkaniżmi fil-livell tal-Unjoni kollha għall-modulazzjoni tal-imposti biex jittejbu l-prestazzjoni ambjentali u l-kwalità tas-servizz, b'mod partikolari b'żieda fl-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, b'żieda fil-kapaċità u bi tnaqqis fid-dewmien, filwaqt li jinżamm l-aqwa livell ta' sikurezza. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ ukoll ikollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu mekkaniżmi fil-livell lokali b'rabta mas-servizzi tat-terminal.

(30) Biex l-utenti tal-ispazju tal-ajru jingħataw inċentiv li jtiru bl-iqsar rotta, b'mod partikolari fi żminijiet ta' konġestjoni, jenħtieġ ikun possibbli li tiġi stabbilita rata unitarja komuni għas-servizzi en route madwar l-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew. L-istabbiliment ta' kull rata unitarja komuni bħal din jenħtieġ ikun newtrali fir-rigward tal-introjtu għall-forrituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(31) Jenħtieġ issir dispożizzjoni għat-trasparenza tal-kontijiet tal-forrituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, bħala mezz wieħed biex ikunu evitati s-sussidjar reċiproku u d-distorsjonijiet riżultanti.

(32) Il-funzjonijiet tan-network tal-ATM jenħtieġ jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru u jappoġġaw il-kisba ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Jenħtieġ li dawn jiżguraw l-użu sostenibbli, effiċjenti u ambjentalment ottimali tal-ispazju tal-ajru u tar-riżorsi skarsi, jirriflettu l-ħtiġijiet operazzjonali fl-iskjerament tal-infrastruttura tan-network Ewropew tal-ATM u jenħtieġ jipprovdu appoġġ f'każ ta' kriżijiet tan-network. Għadd ta' kompiti li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet jenħtieġ jitwettqu minn Maniġer tan-Network, li l-azzjoni tiegħu jenħtieġ tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati operazzjonali kollha.

(33) Fil-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet fejn jidħlu d-deċiżjonijiet li jrid jieħu l-Maniġer tan-Network, jenħtieġ li l-interess tan-network ikun jipprevali. Għalhekk jenħtieġ li l-partijiet fil-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet jagixxu kemm jista' jkun possibbli bil-ħsieb li jtejbu l-funzjonament u l-prestazzjoni tan-network. Il-proċeduri għall-proċess

koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet jenħtieġ jippromwovu l-interess tan-network, u jkunu b'tali mod li l-kwistjonijiet jiġu solvuti u meta possibbli jintlaħaq kunsens.".

(17) Il-premessa 15 hi renumerata bħala l-premessa 39 u hi riformulata kif ġej:

"*Il-kunċett ta' proġetti komuni jenħtieġ ikollu l-għan li jimplimenta, fil-ħin u b'mod koordinat u sinkronizzat, il-bidliet operazzjonali essenzjali identifikati fil-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew li jħallu impatt fuq in-network kollu. Il-Kummissjoni jenħtieġ tkun inkarigata twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji b'rabta mal-finanzjament biex titħaffef il-mobilizzazzjoni tal-proġett SESAR.*".

(18) Il-premessa 16 titħassar.

(19) Il-premessa 17 hi renumerata bħala l-premessa 37 u hi riformulata kif ġej:

"*L-użu sikur u effiċjenti tal-ispazju tal-ajru jista' jinkiseb biss b'koperazzjoni mill-qrib bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru ċivili u militari, li fil-prattika hi bbażata l-aktar fuq il-kunċett ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru u koordinazzjoni ċivili militari effettiva kif stabbilit mill-ICAO. Jenħtieġ jiġu stabbiliti regoli biex tkun żgurata l-applikazzjoni ta' dan il-kunċett, u l-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa li tipprevedi miżuri li jiżguraw armonizzazzjoni akbar.*".

(20) Il-premessa 18 hi renumerata bħala l-premessa 35 u hi riformulata kif ġej:

"*Id-disponibbiltà ta' data operazzjonali rilevanti hi essenzjali biex tippermetti l-forniment flessibbli ta' servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru, b'mod transfruntier u għall-Unjoni kollha. Għalhekk, din id-data jenħtieġ tkun disponibbli għall-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż għall-fornituri prospettivi ġodda tas-servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru. Il-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar l-istatus tal-ispazju tal-ajru u dwar sitwazzjonijiet speċifiċi tat-traffiku tal-ajru u t-tixrid fil-ħin ta' din l-informazzjoni lill-kontrolluri ċivili u militari għandha impatt dirett fuq is-sikurezza u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet. L-aċċess fil-ħin għal informazzjoni aġġornata dwar l-istatus tal-ispazju tal-ajru hi essenzjali għall-partijiet kollha li jixtiequ jisfruttaw l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru disponibbli meta jkunu qed jimlew jew jimlew bil-ġdid il-pjanijiet tat-titjiriet tagħhom.*".

(21) Il-premessa 19 hi renumerata bħala l-premessa 36 u hi riformulata kif ġej:

"*Il-forniment ta' informazzjoni ajrunawtika kompluta, ta' kwalità għolja u fil-ħin għandu impatt sinifikanti fuq is-sikurezza u fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ispazju tal-ajru tal-Unjoni u l-possibbiltajiet ta' moviment fi ħdanu. L-aċċess għal dik id-data jenħtieġ jiġi ffaċilitat b'infrastruttura ta' informazzjoni xierqa.*".

(22) Il-premessi 20-25 jitħassru.

(23) Il-premessa 26 hi renumerata bħala l-premessa 34 u hi riformulata kif ġej:

"*Biex tissaħħaħ l-enfasi fuq il-klijent min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u biex tiżdied il-possibbiltà għall-utenti tal-ispazju tal-ajru li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jolqtuhom, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'deċiżjonijiet operazzjonali maġġuri tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ isiru aktar effettivi.*".

(24) Tiddaħħal il-premessa 38 ġdida li ġejja:

"*Il-proġett SESAR għandu l-għan li jippermetti l-iżvilupp sikur, effiċjenti u ambjentalment sostenibbli tat-trasport bl-ajru billi jimmodernizza s-sistema Ewropea u globali tal-ATM. Biex tikkontribwixxi għall-effettività sħiħa tiegħu, jenħtieġ tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa bejn il-fażijiet tal-proġett. Il-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew jenħtieġ jirriżulta mill-fażi*

tad-definizzjoni ta' SESAR, u jenħtieġ jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.".

(25) Tiddaħħal il-premessa 40 ġdida li ġejja:

"*Il-konformità mar-rekwiżiti għas-sistemi u l-kostitwenti tal-ATM stabbiliti bir-Regolament (UE) 2018/1139 jenħtieġ tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk is-sistemi u l-kostitwenti, għall-benefiċċju tal-Ajru Uniku Ewropew.*".

(26) Il-premessa 27 titħassar.

(27) Il-premessa 28 hi renumerata bħala l-premessa 41 u hi emendata kif ġej:

(a) fl-ewwel sentenza, il-kelmiet "*u l-iskema ta' prestazzjoni*" jitħassru;

(b) it-tielet u r-raba' sentenzi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Meta tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament, hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.*".

(28) Il-premessa 29 titħassar.

(29) Il-premessa 30 hi renumerata bħala l-premessa 42 u hi riformulata kif ġej:

"*Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-modalitajiet tal-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' għażla għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni tar-regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni ekonomika tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru; tar-regoli għall-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti, b'mod partikolari dwar l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-klassifikazzjoni tas-servizzi tal-ġestjoni tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, il-kriterji u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri ta' prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Network, u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni; tar-regoli dwar l-għoti tal-informazzjoni fuq il-kostijiet u l-imposti, il-kontenut u l-istabbiliment ta' bażi tal-kost għall-imposti u l-istabbiliment ta' rati unitarji għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, mekkaniżmi ta' inċentivi u mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tar-riskji, il-ħatra tal-Maniġer tan-Network u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-ħatra, il-kompiti tal-Maniġer tan-Network u l-mekkaniżmi ta' governanza li jridu jiġu applikati għalih; tar-regoli dwar l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-network, il-modalitajiet tal-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar deċiżjonijiet operazzjonali maġġuri tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, ir-rekwiżiti b'rabta mad-disponibbiltà ta' data operazzjonali, il-kundizzjonijiet tal-aċċess u l-iffissar tal-prezzijiet tal-aċċess, l-applikazzjoni tal-kunċett ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru, l-istabbiliment ta' proġetti komuni u l-mekkaniżmi ta'*

governanza applikabbli għalihom. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]*.".*

(30) Il-premessi 31 u 32 jitħassru.

(31) Il-premessa 33 hi renumerata bħala l-premessa 44.

(32) Il-premessa 34 titħassar.

(33) Il-premessi 35 u 36 huma sostitwiti bil-premessa 45 ġdida li ġejja:

"*Fid-dawl tal-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja fir-rigward tas-sovranità u l-ġurisdizzjoni fit-territorju fejn jinsab l-ajruport, dan ir-Regolament jenħtieġ ma jkunx japplika għall-ajruport ta' Ġibiltà.*".

(34) Il-premessa 37 hi renumerata bħala l-premessa 46. L-ewwel sentenza hi riformulata kif ġej:

"Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri, iżda minħabba l-iskala transnazzjonali tal-azzjoni jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.".

Kapitolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali

(35) Fl-Artikolu 1 (Suġġett u kamp ta' applikazzjoni), isiru l-bidliet li ġejjin:

(a) Il-paragrafu 1 hu riformulat kif ġej:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament xieraq tal-Ajru Uniku Ewropew biex isaħħaħ l-istandards attwali tat-traffiku tal-ajru, jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru u jtejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u s-sistema tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS) għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa, bil-ħsieb li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru. L-Ajru Uniku Ewropew għandu jkun jikkonsisti minn network pan-Ewropew koerenti, spazju tal-ajru progressivament aktar integrat, sistema tal-ġestjoni tan-network u sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bbażata fuq is-sikurezza, l-effiċjenza u l-interoperabbiltà, u l-modernizzazzjoni teknoloġika, għall-benefiċċju tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru, taċ-ċittadini u tal-ambjent.";

(b) Fil-paragrafu 2, ir-referenza għall-Artikolu 38 hi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 44;

(c) Fil-paragrafu 3, it-tieni sentenza hi riformulata kif ġej:

"*F'dan il-kuntest, ir-Regolament għandu l-għan li jgħin lill-Istati Membri, fl-oqsma li jkopri, biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago, billi jipprovdi bażi għal interpretazzjoni komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tiegħu, u billi jiżgura li dawn id-dispożizzjonijiet jitqiesu kif jixraq f'dan ir-Regolament u fir-regoli mfassla għall-implimentazzjoni tiegħu.*";

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(d) Il-paragrafu 4 hu riformulat kif ġej:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ispazju tal-ajru fir-reġjuni EUR tal-ICAO li fihom l-Istati Membri huma responsabbli għall-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw dan ir-Regolament għall-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom f'reġjuni oħra tal-ICAO, diment li jinformaw b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.";

(e) Il-paragrafu 5 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*[Jekk ir-Regolament jiġi adottat qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni: Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-ajruport ta' Ġibiltà.]*";

(f) Jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"*Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, meta ssir referenza għall-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-Aġenzija), din ir-referenza għandha tinftiehem bħala mmirata lejn l-Aġenzija fil-kapaċità tagħha bħala awtorità tas-sikurezza u mhux bħala awtorità inkarigata mill-analiżi tal-prestazzjoni.*".

(36) Fl-Artikolu 2 (Definizzjonijiet), fir-rigward tal-punti 1 sa 22, isiru l-bidliet u l-inserzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-punt 1 hu renumerat bħala l-punt 5 u l-punt (a) tiegħu hu riformulat kif ġej:

"*(a) jiġu evitati kolliżjonijiet:*

(i) bejn l-inġenji tal-ajru;

(ii) fiż-żona tal-immanuvrar bejn l-inġenji tal-ajru u l-ostakli;";

(b) Il-punt 2 hu renumerat bħala l-punt 1 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizz ta' kontroll tal-ajrudrom" tfisser servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC) għat-traffiku tal-ajrudrom;*";

(c) Il-punt 3 hu renumerat bħala l-punt 2 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizz ta' informazzjoni ajrunawtika" tfisser servizz stabbilit f'żona definita ta' kopertura, li jkun responsabbli għall-forniment ta' informazzjoni u data ajrunawtika meħtieġa għas-sikurezza, ir-regolarità u l-effiċjenza tan-navigazzjoni bl-ajru;*";

(d) Il-punt 4 hu riformulat kif ġej:

"*"servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS)" tfisser servizzi tat-traffiku tal-ajru; servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tas-sorveljanza (CNS); servizzi meteoroloġiċi (MET); servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika (AIS); u servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru (ADS);*";

(e) Il-punt 5 hu renumerat bħala l-punt 3 u hu riformulat kif ġej:

"*"fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru" tfisser entità pubblika jew privata li tipprovdi servizz wieħed jew aktar tan-navigazzjoni bl-ajru għat-traffiku tal-ajru ġenerali;*";

(f) Il-punti 6 u 7 huma renumerati bħala l-punti 11 u 12 rispettivament. Il-punt 12 hu riformulat kif ġej:

"*"ġestjoni tal-ispazju tal-ajru" tfisser funzjoni tal-ippjanar bl-objettiv primarju li tisfrutta bl-aħjar mod possibbli l-ispazju tal-ajru disponibbli permezz ta' parteċipazzjoni dinamika fil-ħin u, xi drabi, permezz tas-segregazzjoni tal-ispazju tal-ajru fost il-kategoriji varji tal-utenti tal-ispazju tal-ajru abbażi tal-ħtiġijiet għaż-żmien qasir;*";

(g) Jiddaħħlu l-punti 6 u 7 li ġejjin:

"*6. "servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru" tfisser servizzi li jikkonsistu fil-ġbir, l-aggregazzjoni u l-integrazzjoni ta' data operazzjonali mingħand fornituri ta' servizzi tas-sorveljanza, mingħand fornituri ta' servizzi tal-MET u tal-AIS u funzjonijiet tan-network, u mingħand entitajiet rilevanti oħra, jew il-forniment ta' data pproċessata għall-finijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;*

7. "ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru (ATFCM)" tfisser servizz li għandu l-għan li jipproteġi l-kontroll tat-traffiku tal-ajru minn konsenji eċċessivi u li jottimizza l-użu tal-kapaċità disponibbli;";

(h) Il-punt 8 hu renumerat bħala l-punt 14 u hu riformulat kif ġej:

"*"utenti tal-ispazju tal-ajru" tfisser l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kollha operati skont ir-regoli tat-traffiku tal-ajru ġenerali;*";

(i) Il-punt 9 hu renumerat bħala l-punt 8 u hu riformulat kif ġej:

"*"ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru" tfisser funzjoni jew servizz stabbiliti bil-għan li jikkontribwixxu għal fluss sikur, ordnat u veloċi tat-traffiku tal-ajru li jkopri t-trajettorja kollha billi jiżguraw li l-kapaċità tal-ATC tiġi sfruttata bl-aħjar mod possibbli, u li l-volum tat-traffiku jkun kompatibbli mal-kapaċitajiet iddikjarati mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;*";

(j) Il-punt 10 hu renumerat bħala l-punt 9 u hu riformulat kif ġej:

"*"ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM)" tfisser l-aggregazzjoni tal-funzjonijiet jew tas-servizzi fl-ajru u bbażati fl-art (servizzi tat-traffiku tal-ajru, ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, u ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru) meħtieġa biex ikun żgurat il-moviment sikur u effiċjenti ta' inġenju tal-ajru tul il-fażijiet kollha tal-operazzjonijiet;*";

(k) Il-punt 11 hu renumerat bħala l-punt 10;

(l) Il-punt 12 hu renumerat bħala l-punt 17 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizz ta' kontroll taż-żona" tfisser servizz tal-ATC għal titjiriet ikkontrollati f'żoni tal-kontroll;*";

(m) Il-punt 13 hu renumerat bħala l-punt 16;

(n) Jiddaħħal il-punt 13 li ġej:

"*"struttura tal-ispazju tal-ajru" tfisser volum speċifiku ta' spazju tal-ajru definit bil-ħsieb li tkun żgurata l-operazzjoni sikura u ottimali ta' inġenju tal-ajru;*";

(o) Il-punt 14 hu renumerat bħala l-punt 33 u hu riformulat kif ġej:

"*"Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew" tfisser il-pjan approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE*[19]*, f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007*[20]*, u kif emendat sussegwentement;*';

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE tat-30 ta' Marzu 2009 li tendorsja il-Pjan Direttur Ewropew għall-Ġestjoni tal-Ajru tal-proġett ta' Riċerka tal-ATM tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) (ĠU L 95, 9.4.2009, p. 41).

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

(p) Il-punti 15 u 16 jitħassru;

(q) Il-punt 17 hu renumerat bħala l-punt 21 u hu riformulat kif ġej:

"*"ċertifikat" tfisser dokument maħruġ mill-Aġenzija, minn awtorità kompetenti nazzjonali, jew minn awtorità superviżorja nazzjonali fi kwalunkwe għamla konformi mal-liġi nazzjonali, li jikkonferma li fornitur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru jissodisfa r-rekwiżiti biex jipprovdi servizz speċifiku;*";

(r) Il-punt 18 hu renumerat bħala l-punt 23;

(s) Jiddaħħal il-punt 18 li ġej:

"*"valur bażi" tfisser valur definit bi stima għall-fini tal-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni u rigward kostijiet iddeterminati jew kostijiet unitarji ddeterminati tul is-sena ta' qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju rilevanti;*";

(t) Il-punt 19 hu renumerat bħala l-punt 24;

(u) Jiddaħħal il-punt 19 li ġej:

"*"grupp ta' parametri referenzjarji" tfisser grupp ta' fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'ambjent operazzjonali u ekonomiku simili;*";

(v) Il-punt 20 hu renumerat bħala l-punt 28 u hu riformulat kif ġej:

"*"dikjarazzjoni" tfisser, għall-finijiet tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, dikjarazzjoni kif definita fl-Artikolu 3(10) tar-Regolament (UE) 2018/1139;*";

(w) Jiddaħħal il-punt 20 li ġej:

"*"valur diżaggregat" tfisser il-valur miksub, għal fornitur partikolari ta' servizz tat-traffiku tal-ajru, meta mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha tinqasam għal-livell ta' kull fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, u li jservi bħala referenza għall-valutazzjoni tal-konsistenza tal-mira ta' prestazzjoni stabbilita fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mal-mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha;*";

(x) Il-punt 21 hu renumerat bħala l-punt 34 u hu riformulat kif ġej:

"*"użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru" tfisser kunċett ta' ġestjoni tal-ispazju tal-ajru bbażat fuq il-prinċipju fundamentali li l-ispazju tal-ajru jenħtieġ ma jkunx deżinjat bħala spazju tal-ajru purament ċivili jew militari, iżda pjuttost jenħtieġ jitqies bħala continuum li fih ir-rekwiżiti kollha tal-utenti jridu jiġu akkomodati sa fejn ikun possibbli;*";

(y) Il-punt 22 hu renumerat bħala l-punt 35;

(z) Jiddaħħal il-punt 22 li ġej:

"*"servizz ta' informazzjoni komuni (CIS)" tfisser servizz li jikkonsisti fil-ġbir ta' data statika u dinamika u d-disseminazzjoni tagħha li jippermettu l-forniment ta' servizzi għall-ġestjoni tat-traffiku ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord;*".

(37) Fl-Artikolu 2 (Definizzjonijiet), isiru l-bidliet li ġejjin fir-rigward tal-punti 23 sa 38 u l-inserzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-punt 23 hu renumerat bħala l-punt 15

(b) Il-punt 24 jitħassar.

(c) Il-punt 25 hu renumerat bħala l-punt 36 u hu riformulat kif ġej:

"*"traffiku tal-ajru ġenerali" tfisser il-movimenti kollha ta' inġenju tal-ajru ċivili, kif ukoll il-movimenti kollha ta' inġenju tal-ajru tal-Istat (inkluż l-inġenji tal-ajru militari, doganali u tal-pulizija), meta dawn il-movimenti jsiru f'konformità mal-proċeduri tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali;*";

(d) Il-punt 26 hu renumerat bħala l-punt 37. It-tieni sentenza titħassar;

(e) Jiddaħħlu l-punti 25 u 26 li ġejjin:

"*25. "żona ta' kontroll" tfisser spazju tal-ajru kontrollat li jestendi 'l fuq minn limitu speċifiku 'l fuq minn wiċċ id-dinja;*

26. "teħid tad-deċiżjonijiet koperattiv" tfisser proċess li matulu d-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi ta' interazzjoni u konsultazzjoni mal-Istati Membri, ma' partijiet ikkonċernati operazzjonali u ma' atturi oħra kif ikun xieraq;";

(f) Il-punt 27 hu renumerat bħala l-punt 38 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizzi meteoroloġiċi" tfisser il-faċilitajiet u s-servizzi li jipprovdu lill-inġenji tal-ajru bi tbassir meteoroloġiku, twissijiet, struzzjonijiet u osservazzjonijiet għall-finijiet tan-navigazzjoni bl-ajru, u bi kwalunkwe informazzjoni u data meteoroloġika oħra mogħtija mill-Istati għal użu ajrunawtiku;*";

(g) Il-punt 28 hu renumerat bħala l-punt 41 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizzi tan-navigazzjoni" tfisser il-faċilitajiet u s-servizzi li jipprovdu lill-inġenji tal-ajru b'informazzjoni dwar il-pożizzjonament u l-kronometraġġ;*";

(h) Il-punt 29 hu renumerat bħala l-punt 44 u hu riformulat kif ġej:

"*"data operazzjonali" tfisser informazzjoni dwar il-fażijiet kollha tat-titjiriet li hi meħtieġa għal finijiet operazzjonali mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, mill-utenti tal-ispazju tal-ajru, mill-operaturi tal-ajruporti, u minn atturi oħra involuti;*";

(i) Il-punt 30 hu renumerat bħala l-punt 46 u hu riformulat kif ġej:

"*"tqegħid fis-servizz" tfisser l-ewwel użu operazzjonali wara l-installazzjoni inizjali jew l-aġġornament ta' sistema;*";

(j) Il-punt 31 hu renumerat bħala l-punt 47.

(k) Il-punt 32 hu renumerat bħala l-punt 53 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizzi ta' sorveljanza" tfisser il-faċilitajiet u s-servizzi użati biex jiġu ddeterminati l-pożizzjonijiet rispettivi tal-inġenji tal-ajru biex jippermettu separazzjoni sikura;*";

(l) Jiddaħħlu l-punti 29 sa 32 li ġejjin:

"*29. "servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route" tfisser servizzi tat-traffiku tal-ajru relatati mal-kontroll ta' inġenju tal-ajru minn tmiem il-fażi tat-tluq u l-fażi inizjali tat-tlugħ sal-bidu tal-fażi tal-avviċinament u tal-inżul u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru sottostanti meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi tat-traffiku tal-ajru en route;*

30. "żona ta' imposti en route" tfisser volum tal-ispazju tal-ajru li jestendi mill-art 'il fuq sal-ispazju tal-ajru ta' fuq, b'dan inkluż, fejn jingħataw servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u li għalihom tiġi stabbilita bażi tal-kost unika;

31. "Eurocontrol" hi l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru mwaqqfa bil-Konvenzjoni Internazzjonali tat-13 ta' Diċembru 1960 dwar il-Koperazzjoni għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru;

32. "Network Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru" (EATMN) tfisser il-ġbir ta' sistemi, elenkati fil-punt 3.1 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1139, li jippermettu l-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-Unjoni, inkluż l-interfaċċi fil-fruntieri ma' pajjiżi terzi;";

(m) Il-punt 33 hu renumerat bħala l-punt 54;

(n) Il-punt 34 hu renumerat bħala l-punt 57.

(o) Il-punt 35 hu renumerat bħala l-punt 27 u hu riformulat kif ġej:

"*"servizzi transfruntieri" tfisser kull sitwazzjoni ta' forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi Stat Membru wieħed minn fornitur tas-servizzi li jkollu l-post tan-negozju ewlieni tiegħu fi Stat Membru ieħor;*";

(p) Il-punt 36 hu renumerat bħala l-punt 40 u hu riformulat kif ġej:

"*"awtorità superviżorja nazzjonali" tfisser il-korp jew korpi nazzjonali fdati minn Stat Membru bil-kompiti skont dan ir-Regolament għajr il-kompiti koperti mill-awtorità kompetenti nazzjonali;*";

(q) Il-punti 37 u 38 jitħassru;

(r) Jiddaħħal il-punt 39 li ġej:

"*"awtorità kompetenti nazzjonali" tfisser l-entitajiet kif definiti fil-punt (34) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1139;*";

(s) Jiddaħħlu l-punti 42 u 43 li ġejjin:

"*42. "kriżi tan-network" tfisser stat li ma jkunx jippermetti l-forniment ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru fil-livell meħtieġ u li jwassal għal telf kbir fil-kapaċità tan-network, jew għal żbilanċ kbir bejn il-kapaċità u d-domanda tan-network, jew għal nuqqas kbir fil-fluss tal-informazzjoni f'parti waħda jew f'diversi partijiet tan-network wara sitwazzjoni li ma tkunx tas-soltu u li ma tkunx prevista;*

43. "Maniġer tan-Network" tfisser l-entità fdata bil-kompiti meħtieġa biex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network imsemmija fl-Artikolu 26, skont l-Artikolu 27;";

(t) Jiddaħħal il-punt 45 li ġej:

"*"pjan ta' prestazzjoni" tfisser pjan imfassal jew adottat, skont il-każ, mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mill-Maniġer tan-Network u li jkollu l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-funzjonijiet tan-network;*".

(38) Fl-Artikolu 2 (Definizzjonijiet), isiru l-inserzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) Jiddaħħlu l-punti 48 sa 52 li ġejjin:

"*48. "fażi tad-definizzjoni ta' SESAR" tfisser il-fażi li tinkludi l-istabbiliment u l-aġġornament tal-viżjoni fit-tul tal-proġett SESAR, tal-kunċett relatat tal-operazzjonijiet li jippermettu titjib f'kull stadju tat-titjira, tal-bidliet operazzjonali essenzjali meħtieġa fi ħdan l-EATMN u tal-prijoritajiet tal-iżvilupp u tal-użu meħtieġa;*

49. "fażi tal-mobilizzazzjoni ta' SESAR" tfisser il-fażijiet suċċessivi tal-industrijalizzazzjoni u l-implimentazzjoni, li matulhom jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin: l-istandardizzazzjoni, il-produzzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir u proċessi fuq l-art u fl-ajru li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' SESAR (industrijalizzazzjoni); u l-akkwist, l-installazzjoni u t-tqegħid fis-servizz ta' tagħmir u sistemi bbażati fuq soluzzjonijiet ta' SESAR, inkluż il-proċeduri operazzjonali assoċjati (implimentazzjoni);

50. "fażi tal-iżvilupp ta' SESAR" tfisser il-fażi li matulha jitwettqu attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u validazzjoni bil-għan li jwasslu soluzzjonijiet maturi ta' SESAR;

51. "proġett SESAR" tfisser il-proġett għall-immodernizzar tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, immirat biex jipprovdi lill-Unjoni b'infrastruttura tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bi prestazzjoni għolja, standardizzata u interoperabbli, u li jikkonsisti f'ċiklu ta' innovazzjoni li jinkludi l-fażi tad-definizzjoni ta' SESAR, il-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR u l-fażi tal-mobilizzazzjoni ta' SESAR;

52. "soluzzjoni ta' SESAR" tfisser eżitu li jista' jiġi skjerat tal-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR li jintroduċi proċeduri jew teknoloġiji operazzjonali ġodda jew imtejba standardizzati u interoperabbli;";

(b) Jiddaħħlu l-punti 55 u 56 li ġejjin:

"*55. "servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal" tfisser servizzi ta' kontroll tal-ajrudrom jew servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjiriet tal-ajrudrom li jinkludu servizzi ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru u servizzi ta' twissija, servizzi tat-traffiku tal-ajru relatati mal-avviċinament u t-tluq tal-inġenji tal-ajru f'distanza mill-ajruport ikkonċernat meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti operazzjonali u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru sottostanti meħtieġa;*

56. "żona ta' imposti fit-terminal" tfisser ajruport jew grupp ta' ajruporti, li jinsabu fit-territorji ta' Stat Membru, fejn jingħataw servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u li għalihom hemm stabbilita bażi tal-kost unika;";

Kapitolu II: Awtoritajiet Nazzjonali

(39) It-titolu tal-Kapitolu II hu sostitwit b'dan li ġej: "*Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali*".

(40) It-titolu tal-Artikolu 3 hu sostitwit b'dan li ġej: "*Il-ħatra, l-istabbiliment u r-rekwiżiti rigward l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali*".

(41) It-test tal-Artikolu 3 hu sostitwit b'dan li ġej:

(a) Il-paragrafu 1 hu riformulat kif ġej:

"*L-Istati Membri, b'mod konġunt jew b'mod individwali, għandhom jaħtru jew jistabbilixxu korp jew korpi bħala awtorità superviżorja nazzjonali tagħhom li jkunu inkarigati mill-kompiti assenjati lil din l-awtorità b'dan ir-Regolament.*";

(b) Il-paragrafu 2 hu renumerat bħala l-paragrafu 3 u hu riformulat kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu legalment distinti u indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra f'termini tal-organizzazzjoni, il-funzjonament, l-istruttura legali u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom.

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu wkoll indipendenti f'termini tal-organizzazzjoni, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament, l-istruttura legali u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.";

(c) Il-paragrafu 3 hu renumerat bħala l-paragrafu 4 u hu riformulat kif ġej:

"*L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jkunu kompetenti għal diversi taqsimiet regolati, jekk dawk l-awtoritajiet regolatorji integrati ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-awtorità superviżorja nazzjonali tista' wkoll tingħaqad fir-rigward tal-istruttura organizzattiva tagħha mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, jekk il-korp konġunt ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza stabbiliti f'dan l-Artikolu.*";

(d) Il-paragrafu 4 jitħassar.

(e) Il-paragrafu 5 hu renumerat bħala l-paragrafu 2 u hu riformulat kif ġej:

"*L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, indipendenti u trasparenti u għandhom ikunuu organizzati, mgħammra bil-persunal, ġestiti u ffinanzjati kif xieraq.*";

(f) Il-paragrafu 6 hu sostitwit mill-paragrafi 5 u 6, u hu riformulat kif ġej:

"*5. Il-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:*

(a) għandu jiġi reklutat bi proċessi ċari u trasparenti li jiżguraw l-indipendenza tagħhom;

(b) għandu jintgħażel abbażi tal-kwalifiki speċifiċi tiegħu, inkluż il-kompetenza xierqa u l-esperjenza rilevanti jew għandu jkun soġġett għal taħriġ xieraq.

Il-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jaġixxi b'mod indipendenti, b'mod partikolari billi jevita kunflitti ta' interess bejn il-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u t-twettiq tal-kompiti tiegħu.

6. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5, il-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi għandhom jinħatru minn entità tal-Istat Membru kkonċernat li ma teżerċitax direttament drittijiet ta' sjieda fuq il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk dawn il-persuni jinħatrux għal terminu taż-żmien fiss jew li jiġġedded, jew b'bażi permanenti li tippermetti t-tneħħija tagħhom biss għal raġunijiet dixxiplinarji mhux relatati mat-teħid tad-deċiżjoni tagħhom. Il-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi ma għandhomx ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mingħand gvern jew entità pubblika jew privata oħra meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom għall-awtorità superviżorja nazzjonali u għandu jkollhom awtorità sħiħa fuq ir-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-persunal tagħha.

Għandhom iżommu lura minn kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom u li jista' jinfluwenza t-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Għal dak il-għan, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni annwali tal-impenn u dikjarazzjoni tal-interessi li jindikaw kull interess dirett jew indirett.

Il-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi, awditi jew funzjonijiet oħra marbuta direttament mal-miri ta' prestazzjoni jew is-sorveljanza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ma għandu jkollhom l-ebda pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali ma' xi fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru wara t-terminu tagħhom fl-awtorità superviżorja nazzjonali, għal mill-inqas perjodu ta' sentejn.";

(g) Il-paragrafu 7 hu riformulat kif ġej:

"*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkollhom ir-riżorsi finanzjarji u l-kapaċitajiet meħtieġa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont dan ir-Regolament b'mod effiċjenti u fil-ħin. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jamministraw il-persunal tagħhom abbażi tal-approprjazzjonijiet proprji tagħhom, li jridu jiġu stabbiliti b'mod proporzjonali għall-kompiti li trid twettaq l-awtorità f'konformità mal-Artikolu 4.*";

(h) Il-paragrafu 8 hu renumerat bħala l-paragrafu 9;

(i) Jiddaħħal il-paragrafu 8 li ġej:

"*Stat Membru jista' jitlob lill-Aġenzija li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), biex twettaq il-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti stabbiliti fl-Artikoli 14, 17, 19, 20, 21, 22 u 25, u fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23 u li għalihom l-awtorità superviżorja nazzjonali ta' dak l-Istat Membru hi responsabbli skont dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.*

Ladarba l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB taċċetta din it-talba, din għandha ssir l-awtorità superviżorja responsabbli mill-kompiti koperti minn dik it-talba u l-awtorità superviżorja nazzjonali tal-Istat Membru rikjedent għandha tinħeles mir-responsabbiltà ta' dawk il-kompiti. Ir-regoli fir-Regolament (UE) 2018/1139 u li jappartjenu għall-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandhom japplikaw għat-twettiq ta' dawn il-kompiti, inkluż fir-rigward tal-impożizzjoni ta' tariffi u imposti.";

(j) Il-paragrafu 9 hu renumerat bħala l-paragrafu 10 u hu emendat kif ġej:

– il-kelmiet "il-paragrafu 6(a) u (b)" huma sostitwiti bil-kliem "il-paragrafu 5, il-punti (a) u (b)";

– il-kelmiet "*Artikolu 27(3)*" huma sostitwiti bi "*Artikolu 37(3)*".

(42) L-Artikolu 4 hu emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 3 għandhom:*

(a) iwettqu l-attivitajiet meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikati ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 6, inkluż is-sorveljanza tad-detenturi ta' dawk iċ-ċertifikati ekonomiċi;

(b) jissorveljaw l-applikazzjoni korretta tar-rekwiżiti tal-akkwist skont l-Artikolu 8(6);

(c) japplikaw l-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 17 u 19 sa 22 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23, fil-limiti tal-kompiti tagħhom definiti f'dawk l-artikoli u l-atti, u jissorveljaw l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-trasparenza tal-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati skont l-Artikolu 25.";

(b) Il-paragrafu 2 hu renumerat bħala l-paragrafu 3 u hu riformulat kif ġej:

"*Kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha twettaq l-ispezzjonijiet, l-awditi u attivitajiet oħra ta' monitoraġġ meħtieġa biex jiġi identifikat ksur possibbli minn entitajiet soġġetti għas-sorveljanza tagħhom skont dan ir-Regolament tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.*

Kull waħda għandha tieħu l-miżuri ta' infurzar kollha meħtieġa li, meta xieraq, jistgħu jinkludu l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati ekonomiċi maħruġa minnhom skont l-Artikolu 6.

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-operaturi tal-ajruport u l-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni kkonċernati għandhom jikkonformaw mal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għal dan il-għan.";

(c) Jiddaħħal il-paragrafu 2 li ġej:

"*L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-iffissar tal-prezzijiet għall-forniment tas-servizz ta' informazzjoni komuni, skont l-Artikolu 9.*";

(43) L-Artikolu 5 hu emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni u jaħdmu flimkien f'network fil-kuntest tal-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 114a tar-Regolament (UE) 2018/1139.*";

(b) Il-paragrafu 2 hu riformulat kif ġej:

"*L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jikkoperaw, meta xieraq, permezz ta' arranġamenti tax-xogħol, għall-finijiet ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom ta' monitoraġġ u superviżjoni u fit-trattament ta' investigazzjonijiet u stħarriġiet.*";

(c) Il-paragrafu 3 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi transfruntieri mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru bil-għan li jtejbu l-prestazzjoni tan-network. Fil-każ ta' forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi spazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà ta' żewġ Stati Membri jew aktar, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonkludu ftehim dwar is-superviżjoni li jridu jagħmlu skont dan ir-Regolament, tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernati. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati jistgħu jistabbilixxu pjan li jispeċifika l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni tagħhom bil-għan li jagħtu effett lil dak il-ftehim.*";

(d) Il-paragrafu 4 jitħassar;

(e) Il-paragrafu 5 hu renumerat bħala l-paragrafu 4 u hu riformulat kif ġej:

"*Fil-każ tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi spazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor, il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jipprovdu għar-rikonoxximent reċiproku tat-twettiq, minn kull waħda mill-awtoritajiet, tal-kompiti superviżorji stabbiliti f'dan ir-Regolament u tar-riżultati tat-twettiq ta' dawn il-kompiti. Għandhom jispeċifikaw ukoll liema awtorità superviżorja nazzjonali għandha tkun inkarigata miċ-ċertifikazzjoni ekonomika stabbilita fl-Artikolu 6.*";

(f) Il-paragrafu 6 hu renumerat bħala l-paragrafu 5 u hu riformulat kif ġej:

"*Meta jkun permess mil-liġi nazzjonali u bil-għan li jkun hemm koperazzjoni reġjonali, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu wkoll jikkonkludu ftehimiet dwar il-qsim tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-kompiti superviżorji. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn il-ftehimiet.*".

(44) L-Artikolu 6 jitħassar.

Kapitolu III: Forniment tas-servizzi

(45) L-Artikolu 7, flimkien mal-Artikolu 28, hu sostitwit bl-Artikolu 38 bit-titolu "*Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. L-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-Aġenzija kemm jekk qed taġixxi bħala PRB kif ukoll jekk le, u l-Maniġer tan-Network għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għal konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati għat-twettiq tal-kompiti tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dan il-mekkaniżmu fil-livell tal-Unjoni biex tikkonsulta dwar kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, meta xieraq. Il-Kumitat ta' Djalogu Settorjali speċifiku mwaqqaf skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE għandu jkun involut fil-konsultazzjoni.

3. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jinkludu:

(a) fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew gruppi rilevanti li jirrappreżentawhom;

(b) il-Maniġer tan-Network;

(c) operaturi tal-ajruporti jew gruppi rilevanti li jirrappreżentawhom;

(d) utenti tal-ispazju tal-ajru jew gruppi rilevanti li jirrappreżentawhom;

(e) il-militar;

(f) l-industrija tal-manifattura;

(g) korpi rappreżentattivi tal-persunal professjonali;

(h) organizzazzjonijiet nongovernattivi rilevanti.".

(46) L-Artikolu 8 hu renumerat bħala l-Artikolu 6. It-titolu tal-Artikolu hu sostitwit bit-titlu "*Ċertifikazzjoni ekonomika u rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru*" u t-test tiegħu hu sostitwit b'dan li ġej:

"*1. Minbarra ċ-ċertifikati li jeħtieġ ikollhom skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandu jkollhom ċertifikat ekonomiku. Dan iċ-ċertifikat ekonomiku għandu jinħareġ meta ssir applikazzjoni, meta l-applikant juri biżżejjed robustezza finanzjarja, u jkun kiseb responsabbiltà u kopertura tal-assigurazzjoni xierqa.*

Iċ-ċertifikat ekonomiku msemmi f'dan il-paragrafu jista' jiġi limitat, sospiż jew revokat jekk id-detentur ma jibqax konformi mar-rekwiżiti għall-ħruġ u ż-żamma ta' dan iċ-ċertifikat.

2. Entità li jkollha ċertifikat ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 u ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139 għandha tkun intitolata li tipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-Unjoni lill-utenti tal-ispazju tal-ajru, b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(2).

3. Iċ-ċertifikat ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 u ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139 jistgħu jkunu soġġetti għal kundizzjoni waħda jew bosta minn dawk stabbiliti fl-Anness I. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati oġġettivament, nondiskriminatorji, proporzjonati u trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li

tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-lista stabbilita fl-Anness I għall-finijiet li jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekonomiċi ekwi u reżiljenza tal-forniment tas-servizzi.

4. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istat Membru fejn il-persuna fiżika jew ġuridika li tapplika għaċ-ċertifikat ekonomiku jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha jew, jekk dik il-persuna ma jkollha l-ebda post prinċipali tan-negozju, fejn ikollha l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tagħha, għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu fir-rigward taċ-ċertifikati ekonomiċi. Fil-każ ta' forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi spazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà ta' żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għandhom ikunu dawk speċifikati skont l-Artikolu 5(4).

5. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom:

(a) jirċievu u jivvalutaw l-applikazzjonijiet li jsirulhom u, meta applikabbli, joħorġu jew iġeddu ċertifikati ekonomiċi;

(b) iwettqu sorveljanza tad-detenturi taċ-ċertifikati ekonomiċi.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), regoli ta' implimentazzjoni rigward ir-rekwiżiti dettaljati dwar ir-robustezza finanzjarja, b'mod partikolari s-saħħa finanzjarja u r-reżiljenza finanzjarja, kif ukoll fir-rigward tar-responsabbiltà u tal-kopertura tal-assigurazzjoni. Biex tiżgura l-implimentazzjoni uniformi tal-paragrafi (1), (4) u (5) ta' dan l-Artikolu u l-konformità magħhom, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-regoli u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni u għat-twettiq tal-investigazzjonijiet, l-ispezzjonijiet, l-awditi u attivitajiet oħra ta' monitoraġġ meħtieġa biex tkun żgurata superviżjoni effettiva mill-awtorità superviżorja nazzjonali tal-entitajiet soġġetti għal dan ir-Regolament.".

(47) L-Artikolu 9 hu renumerat bħala l-Artikolu 7 u saru l-bidliet li ġejjin:

(a) Il-paragrafi 1, 2 u 3 huma riformulati kif ġej:

"*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-tal-ajru fuq bażi esklussiva fi blokok speċifiċi tal-ispazju tal-tal-ajru rigward l-ispazju tal-tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri, b'mod individwali jew b'mod kollettiv, għandhom jiddeżinjaw fornitur wieħed jew aktar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) għandu jkollhom ċertifikat validu jew dikjarazzjoni valida kif imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139 u ċertifikat ekonomiku skont l-Artikolu 6(1).

(b) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà u tad-difiża nazzjonali.

Kull deċiżjoni li tiddeżinja fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha tkun valida għal massimu ta' għaxar snin. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jġeddu d-deżinjazzjoni ta' fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

2. Id-deżinjazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ma għandha tkun soġġetta għall-ebda kundizzjoni li tirrikjedi li dawk il-fornituri:

(a) ikunu proprjetà diretta jew b'ishma maġġoritarji tal-Istat Membru tad-deżinjazzjoni jew taċ-ċittadini tiegħu;

(b) ikollhom il-post prinċipali tal-operazzjoni jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru tad-deżinjazzjoni;

(c) jużaw biss il-faċilitajiet fl-Istat Membru tad-deżinjazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw id-drittijiet u l-obbligi li jridu jissodisfaw il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati, b'mod individwali jew b'mod konġunt. L-obbligi għandhom jinkludu kundizzjonijiet biex tkun disponibbli d-data rilevanti li tippermetti li l-movimenti kollha tal-inġenji tal-ajru jiġu identifikati fl-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom.";

(b) Il-paragrafi 4 u 5 jitħassru.

(c) Il-paragrafu 6 hu renumerat bħala l-paragrafu 4.

(48) L-Artikolu 10 jitħassar.

(49) Jiddaħħal Artikolu 8 ġdid bit-titolu "*Kundizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tat-traffiku tal-ajru fit-terminal*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Meta dan ikun jippermetti titjib fil-kosteffiċjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jistgħu jiddeċiedu li jakkwistaw servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS jew tal-MET bil-kundizzjonijiet tas-suq.*

Meta dan ikun jippermetti titjib tal-kosteffiċjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-operaturi tal-ajruporti jakkwistaw servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għall-kontroll tal-ajrudrom bil-kundizzjonijiet tas-suq.

Barra minn hekk, meta dan ikun jippermetti titjib tal-kosteffiċjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi tal-ajruporti jew lill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernati jakkwistaw servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għall-kontroll tal-avviċinament bil-kundizzjonijiet tas-suq.

2. L-akkwist ta' servizzi bil-kundizzjonijiet tas-suq għandu jkun fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet ugwali, nondiskriminatorji u trasparenti skont il-liġi tal-Unjoni inkluż ir-regoli dwar il-kompetizzjoni li hemm fit-Trattat. Il-proċeduri tal-offerti għall-akkwist tas-servizzi kkonċernati għandhom jitfasslu b'tali mod li jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva ta' fornituri kompetituri f'dawn il-proċeduri, inkluż bi ftuħ mill-ġdid regolari tal-kompetizzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route ikun separat f'termini ta' organizzazzjoni mill-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, u li jiġi rispettat ir-rekwiżit dwar is-separazzjoni tal-kontijiet imsemmi fl-Artikolu 25(3).

4. Fornitur tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET jew tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal jista' jintgħażel biex jipprovdi servizzi fi Stat Membru, biss jekk:

(a) ikun iċċertifikat skont l-Artikolu 6(1) u 6(2);

(b) il-post prinċipali tan-negozju tiegħu jkun fit-territorju ta' Stat Membru;

(c) l-Istati Membri jew iċ-ċittadini tal-Istati Membri jkollhom sjieda ta' aktar minn 50 % tal-fornitur tas-servizzi u jikkontrollawh b'mod effettiv, sew direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar, għajr kif ikun previst fi ftehim ma' pajjiż terz li għalih l-Unjoni tkun parti; u

(d) il-fornitur tas-servizz jissodisfa r-rekwiżiti tas-sigurtà u tad-difiża nazzjonali.

5. L-Artikoli 14, 17 u 19 sa 22 ma għandhomx japplikaw għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal deżinjati bħala riżultat ta' proċedura tal-akkwist skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 1. Dawk il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għandhom jipprovdu data dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza lill-awtorità superviżorja nazzjonali u lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għall-finijiet ta' monitoraġġ.

6. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiżguraw li l-akkwist mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mill-operaturi tal-ajruporti kif imsemmi fil-paragrafu 1 ikun konformi mal-paragrafu 2, u meta meħtieġ għandhom japplikaw miżuri korrettivi. Fil-każ tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, dawn għandhom ikunu responsabbli għall-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, li għandhom jinkludu rekwiżiti dwar il-kwalità tas-servizz. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jirreferu l-kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni lill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003.".

(50) Jiddaħħal Artikolu 9 ġdid bit-titolu "*Forniment ta' servizzi ta' informazzjoni komuni*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Meta jiġu pprovduti servizzi ta' informazzjoni komuni, id-data disseminata għandha tippreżenta l-integrità u l-kwalità meħtieġa biex tippermetti l-forniment sikur ta' servizzi għall-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord.*

2. Il-prezz għas-servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jkun ibbażat fuq il-kostijiet fissi u varjabbli tal-forniment tas-servizz ikkonċernat u, barra minn hekk, jista' jinkludi valwazzjoni pożittiva li tirrifletti kompromess xieraq bejn ir-riskji u r-redditu.

Il-kostijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu stabbiliti f'kont separat mill-kontijiet għal kwalunkwe attività oħra tal-operatur ikkonċernat u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

3. Il-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jiffissa l-prezz skont il-paragrafu 2, soġġett għal valutazzjoni u approvazzjoni mill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata.

4. F'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet f'volumi speċifiċi ta' spazju tal-ajru deżinjat mill-Istati Membri għal operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, id-data operazzjonali rilevanti għandha tkun disponibbli f'ħin reali mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Il-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni għandhom jużaw dik id-data biss għal finijiet operazzjonali tas-servizzi li jipprovdu. L-aċċess għal data operazzjonali rilevanti għandu jingħata lill-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni, b'mod nondiskriminatorju, mingħajr preġudizzju għall-interessi tal-politika tas-sigurtà jew tad-difiża.

Il-prezzijiet tal-aċċess għal din id-data għandhom ikunu bbażati fuq il-kost marġinali biex id-data ssir disponibbli.".

(51) L-Artikolu 11 hu renumerat bħala l-Artikolu 10 u nbidel kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 hu riformulat kif ġej:

"*Biex jitjiebu l-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-funzjonijiet tan-networks fl-Ajru Uniku Ewropew, skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network għandha tkun tapplika skont dan l-Artikolu u skont l-Artikoli 11 sa 18.*";

(b) Il-paragrafu 2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"*L-iskema ta' prestazzjoni għandha tiġi implimentata fuq perjodi referenzjarji, li għandu jkollhom minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames snin. L-iskema ta' prestazzjoni għandha tinkludi:*

(a) miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza għal kull perjodu referenzjarju;

(b) pjanijiet ta' prestazzjoni li jinkludu miri ta' prestazzjoni vinkolanti fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni msemmija fil-punt (a) għal kull perjodu referenzjarju;

(c) analiżi perjodika, monitoraġġ u valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza.

Il-Kummissjoni tista' żżid oqsma ewlenin tal-prestazzjoni addizzjonali għall-iffissar tal-miri ta' prestazzjoni jew għall-finijiet ta' monitoraġġ, meta jkun meħtieġ biex titjieb il-prestazzjoni.";

(c) Il-paragrafi 3 sa 6 u 8 jitħassru;

(d) Il-paragrafu 7 hu renumerat bħala l-paragrafu 3 u hu riformulat kif ġej:

"*Il-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu bbażati fuq:*

(a) il-ġbir, il-validazzjoni, l-eżami, l-evalwazzjoni u d-disseminazzjoni tad-data rilevanti relatata mal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u mal-funzjonijiet tan-network mill-partijiet rilevanti kollha, inkluż il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, l-Istati Membri, l-Aġenzija, il-Maniġer tan-Network u l-Eurocontrol;

(b) l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-iffissar tal-miri fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza;

(c) l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza;

(d) metodoloġija għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' prestazzjoni u ta' miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, u metodoloġija għall-iżvilupp tal-pjan ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni għall-funzjonijiet tan-network;

(e) il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network;

(f) il-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' prestazzjoni, inkluż il-mekkaniżmi ta' twissija xierqa għal reviżjoni tal-pjanijiet u l-miri ta' prestazzjoni u għal reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha tul perjodu referenzjarju;

(g) valutazzjoni komparattiva tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(h) skemi ta' inċentivi inkluż għal diżinċentivi finanzjarji applikabbli meta fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ma jikkonformax mal-miri ta' prestazzjoni vinkolanti rilevanti tul il-perjodu referenzjarju jew meta ma jkunx implimenta l-proġetti komuni

rilevanti msemmija fl-Artikolu 35. Dawn id-diżinċentivi finanzjarji għandhom b'mod partikolari jqisu d-deterjorament fil-livell tal-kwalità tas-servizz ipprovdut minn dak il-fornitur, minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-miri ta' prestazzjoni jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-proġetti komuni, u l-impatt tagħhom fuq in-network;

(i) mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tar-riskju fir-rigward tat-traffiku u l-kostijiet;

(j) skedi taż-żmien għall-iffissar tal-miri, il-valutazzjoni tal-pjanijiet u l-miri, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni komparattiva;

(k) metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet komuni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal bejn iż-żewġ kategoriji ta' servizzi;

(l) mekkaniżmi li jindirizzaw avvenimenti mhux prevedibbli u sinifikanti li jħallu impatt materjali fuq l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti.".

(52) Jiddaħħal Artikolu 11 ġdid bit-titolu "*Stabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza għal kull perjodu referenzjarju, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2) u skont il-paragrafi 2 sa 3 ta' dan l-Artikolu. Flimkien mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi valuri tal-linja bażi, valuri ta' analiżi jew gruppi ta' parametri referenzjarji kumplimentari, biex tippermetti l-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' abbozzi ta' pjanijiet ta' prestazzjoni skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(3).*

2. Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddefiniti abbażi tal-kriterji essenzjali li ġejjin:

(a) għandhom jixprunaw titjib gradwali u kontinwu fir-rigward tal-prestazzjoni operazzjonali u ekonomika tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(b) għandhom ikunu realistiċi u jistgħu jinkisbu tul il-perjodu referenzjarju kkonċernat, filwaqt li jrawmu żviluppi strutturali u teknoloġiċi fit-tul li jippermettu l-forniment effiċjenti, sostenibbli u reżiljenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

3. Għall-finijiet tat-tħejjija tad-deċiżjonijiet tagħha dwar il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tiġbor kwalunkwe kontribut meħtieġ mingħand il-partijiet ikkonċernati. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tipprovdi assistenza lill-Kummissjoni għall-analiżi u t-tħejjija ta' dawk id-deċiżjonijiet, permezz ta' opinjoni.".

(53) L-Artikolu 12 jitħassar.

(54) L-Artikolu 13 hu renumerat bħala l-Artikolu 19 u hu riformulat kif ġej:

"*1. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiffinanzjaw il-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru koperti f'dan l-Artikolu permezz ta' fondi pubbliċi, l-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jiġu ddeterminati, jiġu imposti u jiġu infurzati fuq l-utenti tal-ispazju tal-ajru.*

2. L-imposti għandhom ikunu bbażati fuq il-kostijiet tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fir-rigward ta' servizzi u funzjonijiet mogħtija għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-

ajru tul perjodi referenzjarji fissi kif definit fl-Artikolu 10(2). Dawk il-kostijiet jistgħu jinkludu redditu raġonevoli fuq l-assi biex jikkontribwixxu għat-titjib tal-kapital meħtieġ.

3. L-imposti għandhom iħeġġu l-forniment sikur, effiċjenti, effettiv u sostenibbli ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru biex jinkiseb livell għoli ta' sikurezza u kosteffiċjenza u jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni, u għandhom jistimulaw il-forniment ta' servizz integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni.

4. Id-dħul mill-imposti li jġarrbu l-utenti tal-ispazju tal-ajru jista' jirriżulta f'eċċessi jew telf finanzjarji għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-applikazzjoni tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 10(3) u l-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tar-riskju msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 10(3).

5. Id-dħul mill-imposti li jġarrbu l-utenti tal-ispazju tal-ajru skont dan l-Artikolu ma għandux jintuża biex jiffinanzja servizzi mogħtija bil-kundizzjonijiet tas-suq skont l-Artikolu 8.

6. Id-data finanzjarja dwar il-kostijiet iddeterminati, il-kostijiet reali u d-dħul tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandha tiġi rrapportata lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.".

(55) L-Artikolu 14 hu renumerat bħala l-Artikolu 24. It-titolu tiegħu hu sostitwit bi "*Analiżi tal-konformità mal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti*" u t-test tiegħu hu riformulat kif ġej:

"*1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi regolarment il-konformità mal-Artikoli 10 sa 17 u 19 sa 22 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23, mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mill-Istati Membri, skont il-każ. Il-Kummissjoni għandha taġixxi f'konsultazzjoni mal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.*

2. Fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar, ta' awtorità superviżorja nazzjonali jew tal-Kummissjoni, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha twettaq investigazzjoni dwar kwalunkwe allegazzjoni ta' nuqqas ta' konformità kif imsemmi fil-paragrafu 1. Meta jkollha indikazzjonijiet ta' dan in-nuqqas ta' konformità, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tista' tibda investigazzjoni b'inizjattiva tagħha stess. Għandha tikkonkludi l-investigazzjoni fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi talba, wara li tkun semgħet lill-Istat Membru, lill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata u lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 41(1), l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha taqsam ir-riżultati tal-investigazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati u mal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar jekk kienx hemm konformità mal-Artikoli 10 sa 17 u 19 sa 22 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23 mill-Istati Membri u/jew mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u għandha tinnotifika din l-opinjoni lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri u lill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat.".

(56) L-Artikolu 15 hu renumerat bħala l-Artikolu 35 (fil-Kapitolu V tal-proposta emendata) u hu riformulat kif ġej:

"*1. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi proġetti komuni għall-implimentazzjoni tal-bidliet operazzjonali essenzjali identifikati fil-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew li jħallu impatt fuq in-network kollu.*

2. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' governanza għal proġetti komuni u għall-implimentazzjoni tagħhom.

3. Il-proġetti komuni jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni. Għal dan il-għan, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeċiedu fuq l-użu tar-riżorsi finanzjarji tagħhom, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi indipendenti tal-kostbenefiċċji u konsultazzjonijiet xierqa mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti skont l-Artikolu 10 , filwaqt li tesplora kull mezz xieraq għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proġetti komuni u l-mekkaniżmi ta' governanza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).".

(57) L-Artikolu 16 jitħassar.

(58) L-Artikolu 17 hu sostitwit bl-Artikoli 26 u 27 (fil-Kapitolu IV tal-proposta emendata) u hu fformulat kif ġej:

"*Artikolu 26*

Funzjonijiet tan-Network

1. Il-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għandhom jiżguraw l-użu sostenibbli u effiċjenti tal-ispazju tal-ajru u tar-riżorsi skarsi. Għandhom jiżguraw ukoll li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jistgħu joperaw trajettorji ambjentalment ottimali, filwaqt li jippermettu aċċess massimu għall-ispazju tal-ajru u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawk il-funzjonijiet tan-network, numerati fil-paragrafi 2 u 3, għandhom jappoġġaw il-kisba tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u għandhom ikunu bbażati fuq rekwiżiti operazzjonali.

2. Il-funzjonijiet tan-network imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu li ġej:

(a) id-disinn u l-ġestjoni tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru Ewropew;

(b) il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru;

(c) il-koordinazzjoni tar-riżorsi skarsi fil-baned tal-frekwenzi tal-avjazzjoni użati mit-traffiku tal-ajru ġenerali, b'mod partikolari l-frekwenzi tar-radju kif ukoll il-koordinazzjoni tal-kodiċijiet tar-radar transponder.

3. Il-funzjonijiet tan-network imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu wkoll li ġej:

(a) l-ottimizzazzjoni tad-disinn tal-ispazju tal-ajru għan-network u l-iffaċilitar tad-delega tal-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'koperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri;

(b) il-ġestjoni tat-twassil tal-kapaċità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fin-network kif stabbilit fil-Pjan Operazzjonali tan-Network (NOP) vinkolanti;

(c) funzjoni għal koordinazzjoni u appoġġ f'każ ta' kriżi tan-network;

(d) il-ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru;

(e) il-ġestjoni tal-ippjanar, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni tal-iskjerament tal-infrastruttura fin-network tal-ATM Ewropew, f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali u l-proċeduri operazzjonali assoċjati;

(f) il-monitoraġġ tal-funzjonament tal-infrastruttura tan-network tal-ATM Ewropew.

4. Il-funzjonijiet elenkati fil-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx jinvolvu l-adozzjoni ta' miżuri vinkolanti ta' ambitu ġenerali jew l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni politika. Dawn għandhom jitwettqu f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet militari skont il-proċeduri miftiehma li jikkonċernaw l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda dan ir-Regolament biex iżżid il-funzjonijiet ma' dawk elenkati fil-paragrafi 2 u 3, meta meħtieġ għall-funzjonament u l-prestazzjoni tan-network.

Artikolu 27

Il-Maniġer tan-Network

1. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 26, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija meta rilevanti, għandha tiżgura li l-Maniġer tan-Network jikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network stabbiliti fl-Artikolu 26, billi jwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 4.

2. Il-Kummissjoni tista' taħtar korp imparzjali u kompetenti biex iwettaq il-kompiti tal-Maniġer tan-Network. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3). Dik id-Deċiżjoni tal-ħatra għandha tinkludi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħatra, inkluż il-finanzjament tal-Maniġer tan-Network.

3. Il-kompiti tal-Maniġer tan-Network għandhom jitwettqu b'mod indipendenti, imparzjali u kosteffiċjenti. Dawn għandhom ikunu soġġetti għal governanza xierqa, li għandha tirrikonoxxi kontabbiltajiet separati għall-forniment u r-regolamentazzjoni tas-servizzi meta l-korp kompetenti deżinjat bħala l-Maniġer tan-Network ikollu wkoll funzjonijiet regolatorji. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-Maniġer tan-Network għandu jqis il-ħtiġijiet tan-network tal-ATM kollu u għandu jinvolvi bis-sħiħ lill-utenti tal-ispazju tal-ajru, lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, lill-operaturi tal-ajrudromi u lill-militar.

4. Il-Maniġer tan-Network għandu jikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network permezz ta' miżuri ta' appoġġ immirati lejn ippjanar u operazzjonijiet sikuri u effiċjenti tan-network f'kundizzjonijiet normali u ta' kriżi u permezz ta' miżuri mmirati lejn it-titjib kontinwu tal-operazzjonijiet tan-network fl-Ajru Uniku Ewropew u l-prestazzjoni ġenerali tan-network, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni. L-azzjoni tal-Maniġer tan-Network għandha tqis il-ħtieġa li l-ajruporti jiġu integrati għalkollox fin-network.

5. Il-Maniġer tan-Network għandu jikkopera mill-qrib mal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB biex jiżgura li l-miri ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ikunu riflessi kif xieraq fil-kapaċità li trid titwassal minn fornituri individwali tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li trid tiġi miftiehma mill-Maniġer tan-Network u dawk il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fil-Pjan Operazzjonali tan-Network.

6. Il-Maniġer tan-Network għandu:

(a) jiddeċiedi dwar miżuri individwali li jimplimentaw il-funzjonijiet tan-network u li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan Operazzjonali tan-Network vinkolanti u l-kisba tal-miri ta' prestazzjoni vinkolanti;

(b) jagħti pariri lill-Kummissjoni u jipprovdi informazzjoni rilevanti lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB dwar l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tan-network tal-ATM skont il-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew, b'mod partikolari biex jiġu identifikati l-investimenti meħtieġa għan-network.

7. Il-Maniġer tan-Network għandu jieħu deċiżjonijiet bi proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-partijiet fil-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandhom jaġixxu kemm jista' jkun possibbli bil-ħsieb li jtejbu l-funzjonament u l-prestazzjoni tan-network. Il-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jippromwovi l-interess tan-network.

8. B'atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network, il-kompiti tal-Maniġer tan-Network, il-mekkaniżmi ta' governanza, inkluż il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

9. L-aspetti tad-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 26 għandhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom iqisu d-domandi tat-traffiku tal-ajru, l-istaġunalità u l-kumplessità tat-traffiku tal-ajru u tal-pjanijiet ta' prestazzjoni. Qabel ma jiddeċiedu dwar dawk l-aspetti, għandhom jikkonsultaw lill-utenti tal-ispazju tal-ajru kkonċernati jew lill-gruppi li jirrappreżentaw lil dawn l-utenti tal-ispazju tal-ajru u lill-awtoritajiet militari kif xieraq.".

(59) L-Artikolu 18 jitħassar.

(60) L-Artikolu 19 hu renumerat bħala l-Artikolu 29 (fil-Kapitolu IV tal-proposta emendata). L-ewwel sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"*Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni biex jikkonsultaw lill-utenti tal-ispazju tal-ajru u lill-operaturi tal-ajrudromi rilevanti fuq kull kwistjoni maġġuri relatata mas-servizzi mogħtija, inkluż il-bidliet rilevanti fil-konfigurazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru, jew investimenti strateġiċi li jħallu impatt rilevanti fuq il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u/jew l-imposti.*";

fir-raba' sentenza, ir-referenza għal "*Artikolu 27(3)*" hi sostitwita b'referenza għal "*Artikolu 37(3)*".

(61) L-Artikolu 20 hu renumerat bħala l-Artikolu 30 (fil-Kapitolu IV tal-proposta emendata) u hu riformulat kif ġej:

"*Fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li jiġu stabbiliti jew imġedda ftehimiet bil-miktub bejn l-awtoritajiet ċivili u militari kompetenti jew arranġamenti legali ekwivalenti fir-rigward tal-ġestjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru speċifiċi u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni.*".

(62) L-Artikolu 21 hu renumerat bħala l-Artikolu 25, it-titolu tiegħu hu sostitwit bi "*Trasparenza tal-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru*" u t-test tiegħu hu riformulat kif ġej:

"*1. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, indipendentement mis-sistema ta' sjieda jew mill-istrutturi legali tagħhom, għandhom ifasslu u jippubblikaw il-kontijiet finanzjarji tagħhom fuq bażi annwali. Dawn il-kontijiet għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Unjoni. Meta, minħabba l-istatus legali tal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà ma tkunx possibbli, il-fornitur għandu jikseb din il-konformità sal-punt*

massimu possibbli. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jippubblikaw rapport annwali u jgħaddu regolarment minn awditjar indipendenti għall-kontijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw il-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru bis-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu aċċess lil awtoritajiet superviżorji oħra għal dawn il-kontijiet.

3. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom, fil-kontabbiltà interna tagħhom, iżommu kontijiet separati għal kull servizz tan-navigazzjoni bl-ajru kif ikunu meħtieġa jagħmlu jekk dawn is-servizzi jitwettqu minn impriżi separati bil-ħsieb li jevitaw id-diskriminazzjoni, is-sussidjar reċiproku u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandu jżomm ukoll kontijiet separati għal kull attività meta:

(a) jipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru akkwistati skont l-Artikolu 8(1) u servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mhux koperti minn dik id-dispożizzjoni;

(b) jipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u jwettaq attivitajiet oħra, ta' kwalunkwe tip, inkluż servizzi ta' informazzjoni komuni;

(c) jipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.

Il-kostijiet iddeterminati, il-kostijiet reali u d-dħul li jirriżulta mis-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jinqasmu f'kostijiet tal-persunal, kostijiet operatorji għajr kostijiet tal-persunal, kostijiet ta' deprezzament, kost tal-kapital, kostijiet imġarrba għal tariffi u imposti mħallsa lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u kostijiet eċċezzjonali u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, soġġetti għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

4. Id-data finanzjarja dwar il-kostijiet u d-dħul irrappurtati skont l-Artikolu 19(6) u informazzjoni oħra rilevanti għall-kalkolu tar-rati unitarji għandha tiġi awditjata jew ivverifikata mill-awtorità superviżorja nazzjonali jew minn entità indipendenti mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat u approvata mill-awtorità superviżorja nazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-awditu għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.".

(63) L-Artikolu 22 hu renumerat bħala l-Artikolu 31 (fil-Kapitolu IV tal-proposta emendata). It-titolu hu sostitwit bi "*Disponibbiltà u aċċess għal data operazzjonali dwar it-traffiku tal-ajru ġenerali*" u t-test hu riformulat kif ġej:

"*1. Fir-rigward tat-traffiku tal-ajru ġenerali, id-data operazzjonali rilevanti għandha tkun disponibbli fil-ħin reali, fuq bażi nondiskriminatorja u mingħajr preġudizzju għall-interessi tal-politika tas-sigurtà jew tad-difiża, mill-fornituri kollha tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti, u l-Maniġer tan-Network, inkluż fuq bażi transfruntiera u fuq bażi mifruxa mal-Unjoni kollha. Din id-disponibbiltà għandha tkun għall-benefiċċju tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ċċertifikati jew iddikjarati, l-entitajiet li għandhom interess ippruvat li jikkunsidraw il-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-ajruporti kif ukoll il-Maniġer tan-Network. Id-data għandha tintuża biss għal finijiet ta' operazzjoni.*

2. Il-prezzijiet tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq il-kost marġinali biex id-data ssir disponibbli.

3. L-aċċess għad-data operazzjonali rilevanti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-awtoritajiet inkarigati mis-sorveljanza tas-sikurezza, mis-sorveljanza tal-prestazzjoni u mis-sorveljanza tan-network, inkluż lill-Aġenzija.

4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti dettaljati għad-disponibbiltà tad-data u l-aċċess għaliha skont il-paragrafi 1 u 3 u l-metodoloġija biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet kif imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).".

(64) Jiddaħħal Artikolu 12 ġdid bit-titolu "*Klassifikazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni en route u fit-terminal*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Qabel il-bidu ta' kull perjodu referenzjarju, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni liema servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jridu jingħataw tul dak il-perjodu fl-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tiegħu, li jkun beħsiebu jikklassifika bħala servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u bħala servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal rispettivament. Fl-istess ħin, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati b'dawk is-servizzi rispettivi.*

2. Fi żmien debitu qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju rilevanti, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni indirizzati lil kull Stat Membru dwar jekk il-klassifikazzjoni maħsuba tas-servizzi kkonċernati tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-punti (28) u (55) tal-Artikolu 2. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tipprovdi assistenza lill-Kummissjoni għall-analiżi u t-tħejjija ta' dawk id-deċiżjonijiet, permezz ta' opinjoni.

3. Meta deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 2 issib li l-klassifikazzjoni maħsuba ma tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-punti (28) u (55) tal-Artikolu 2, l-Istat Membru kkonċernat għandu, wara li jikkunsidra dik id-deċiżjoni, jippreżenta notifika ġdida li t-termini tagħha jkunu jikkonformaw ma' dawk il-kriterji. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar din in-notifika skont il-paragrafu 2.

4. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati kkonċernati għandhom jibbażaw l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni tagħhom għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal fuq il-klassifikazzjonijiet li l-Kummissjoni sabet li huma konformi mal-kriterji stabbiliti fil-punti (28) u (55) tal-Artikolu 2. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tibbaża ruħha fuq dawk l-istess klassifikazzjonijiet meta tiġi biex tivvaluta l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal skont l-Artikolu 13(3).".

(65) Jiddaħħal Artikolu 13 ġdid bit-titolu "*Pjanijiet ta' prestazzjoni u miri ta' prestazzjoni għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route għandhom, għal kull perjodu referenzjarju, jadottaw abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route kollha li jipprovdu u, meta applikabbli, li jakkwistaw mingħand fornituri oħra.*

L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom jiġu adottati wara l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju kkonċernat. Dawn għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza, b'mod konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Dawk l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni

għandhom iqisu l-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

2. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Maniġer tan-Network. Qabel ma jadottaw dawk l-abbozzi ta' pjanijiet, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, meta rilevanti, lill-awtoritajiet militari, lill-operaturi tal-ajruporti u lill-koordinaturi tal-ajruporti. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jippreżentaw ukoll dawk il-pjanijiet lill-awtorità kompetenti nazzjonali responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom, li għandha tivverifika l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

3. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route li jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni rispettivi għall-Unjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni kollha u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fit-tielet subparagrafu.

Il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru en route mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għandha tiġi stabbilita skont il-kriterji li ġejjin:

(a) meta l-valuri ta' analiżi jkunu ġew stabbiliti flimkien mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, tqabbil tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ma' dawk il-valuri ta' analiżi;

(b) evalwazzjoni tat-titjib fil-prestazzjoni maż-żmien, għall-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni, u addizzjonalment għall-perjodu ġenerali li jinkludi kemm il-perjodu referenzjarju preċedenti kif ukoll il-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni;

(c) tqabbil tal-livell ta' prestazzjoni ppjanat tal-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat ma' fornituri oħra tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jkunu parti mill-istess grupp ta' parametri referenzjarji.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jrid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-suppożizzjonijiet ewlenin applikati bħala bażi għall-iffissar tal-miri u l-miżuri maħsuba biex jintlaħqu l-miri tul il-perjodu referenzjarju, inkluż il-valuri bażi, it-tbassir tat-traffiku u s-suppożizzjonijiet ekonomiċi użati, iridu jkunu preċiżi, adegwati u koerenti;

(b) l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jrid ikun komplut f'termini ta' data u materjal ta' appoġġ;

(c) il-bażijiet tal-kost għall-imposti jridu jikkonformaw mal-Artikolu 20.

4. L-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal għandha tiġi vvalutata mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB abbażi tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 10(3)(k) u l-klassifikazzjoni tas-servizzi differenti kif ivvalutati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12.

5. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route msemmija fil-paragrafu 1, inkluż, meta rilevanti, l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni.

6. Fil-każ ta' fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat li jipprovdi kemm servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route kif ukoll servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha l-ewwel tivvaluta l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi rispettivi skont il-paragrafu 4.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li l-allokazzjoni tal-kostijiet ma tikkonformax mal-metodoloġija jew mal-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jippreżenta abbozz ġdid tal-pjan ta' prestazzjoni li jikkonforma ma' dik il-metodoloġija u ma' dik il-klassifikazzjoni.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li l-allokazzjoni tal-ispejjeż tikkonforma ma' dik il-metodoloġija u ma' dik il-klassifikazzjoni, din għandha tieħu deċiżjoni għal dak il-għan u tinnotifika lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat u lill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata. L-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tkun marbuta bil-konklużjonijiet ta' dik id-deċiżjoni fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal imsemmi fl-Artikolu 14.

7. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tivvaluta l-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u l-pjanijiet ta' prestazzjoni skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta jkun japplika l-paragrafu 6, din il-valutazzjoni għandha ssir wara li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet skont ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 6.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, din għandha tapprovah.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li mira ta' prestazzjoni waħda jew diversi miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha jew li l-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3, din għandha tirrifjuta l-approvazzjoni.

8. Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tkun irrifjutat l-approvazzjoni ta' abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni skont il-paragrafu 7, il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jippreżenta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, u meta meħtieġ ikun jinkludi miri riveduti.

9. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tivvaluta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tapprovah.

Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tirrifjuta l-approvazzjoni tiegħu u għandha titlob lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat biex jippreżenta abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni.

Meta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 8 jiġi rifjutat għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route li ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat, filwaqt li tqis is-sejbiet li jkunu saru fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 7. L-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti b'dan il-mod mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, kif ukoll il-miżuri biex jintlaħqu dawk il-miri.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 8 tiġi rifjutata biss għax ma tkunx tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li jrid jippreżenta l-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, għandu jinstab konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tkun sabet li ma ntlaħqux.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 8 tiġi rifjutata għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route li mhumiex konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u, barra minn hekk, għax ma jkunx jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB skont it-tielet subparagrafu u l-miżuri biex jinkisbu dawk il-miri u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tkun sabet li ma ntlaħqux.

10. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni approvati mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandhom jiġu adottati mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati kkonċernati bħala pjanijiet definittivi, u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

11. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha toħroġ rapporti regolari, fil-limiti taż-żmien imsemmija fl-atti ta' implimentazzjoni li jridu jiġu adottati skont l-Artikolu 18, dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u tal-funzjonijiet tan-network, inkluż il-valutazzjonijiet regolari tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni en route għall-Unjoni kollha u tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u tagħmel ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.

Il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawn għandhom jinkludu informazzjoni u data relatati mal-kostijiet u d-dħul reali. Meta l-miri ta' prestazzjoni ma jintlaħqux jew il-pjan ta' prestazzjoni ma jiġix implimentat sew, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha toħroġ deċiżjonijiet li jeżiġu l-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta jkun oġġettivament meħtieġ, dawn il-miżuri korrettivi jistgħu jinkludu rekwiżit għal fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jiddelega l-forniment tas-servizzi rilevanti lil fornitur ieħor tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta l-miri ta' prestazzjoni jibqgħu ma jintlaħqux, jew meta l-pjan ta' prestazzjoni jibqa' jiġi implimentat ħażin jew meta l-miżuri korrettivi imposti ma jiġux

applikati jew ma jiġux applikati sew, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha twettaq investigazzjoni u tipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(2). Il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 24(3).".

(66) Jiddaħħal Artikolu 14 ġdid bit-titolu "*Pjanijiet ta' prestazzjoni u miri ta' prestazzjoni għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għandhom, għal kull perjodu referenzjarju, jadottaw abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal kollha li jipprovdu u, meta applikabbli, li jakkwistaw mingħand fornituri oħra.*

L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom jiġu adottati wara l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju kkonċernat. Dawn għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza, b'mod konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Dawk l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom iqisu l-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

2. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Maniġer tan-Network. Qabel ma jadottaw dawk l-abbozzi ta' pjanijiet, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, meta rilevanti, lill-awtoritajiet militari, lill-operaturi tal-ajruporti u lill-koordinaturi tal-ajruporti. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jippreżentaw ukoll dawk il-pjanijiet lill-awtorità kompetenti nazzjonali responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom, li għandha tivverifika l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

3. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni rispettivi għall-Unjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni kollha u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fit-tielet subparagrafu.

Il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għandha tiġi stabbilita skont il-kriterji li ġejjin:

(a) meta l-valuri ta' analiżi ġew stabbiliti flimkien mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, tqabbil tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ma' dawk il-valuri ta' analiżi;

(b) evalwazzjoni tat-titjib fil-prestazzjoni maż-żmien, għall-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni, u addizzjonalment għall-perjodu ġenerali li jinkludi kemm il-perjodu referenzjarju preċedenti kif ukoll il-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni;

(c) tqabbil tal-livell ta' prestazzjoni ppjanat tal-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat ma' fornituri oħra tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jkunu parti mill-istess grupp ta' parametri referenzjarji.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jrid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-suppożizzjonijiet ewlenin applikati bħala bażi għall-iffissar tal-miri u l-miżuri maħsuba biex jintlaħqu l-miri tul il-perjodu referenzjarju, inkluż il-valuri bażi, it-tbassir tat-traffiku u s-suppożizzjonijiet ekonomiċi użati, iridu jkunu preċiżi, adegwati u koerenti;

(b) l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jrid ikun komplut f'termini ta' data u materjal ta' appoġġ;

(c) il-bażijiet tal-kost għall-imposti jridu jikkonformaw mal-Artikolu 20.

4. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità superviżorja nazzjonali għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni.

5. Fil-każ ta' fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat li jipprovdi kemm servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route kif ukoll servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li jrid jiġi ppreżentat lill-awtorità superviżorja nazzjonali għandu jkun il-pjan soġġett għal deċiżjoni pożittiva dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet meħuda mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(6).

6. L-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tivvaluta l-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u l-pjanijiet ta' prestazzjoni skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta jkun japplika l-paragrafu 5, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-konklużjonijiet tad-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet.

Meta l-awtorità superviżorja nazzjonali ssib li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, din għandha tapprovah.

Meta l-awtorità superviżorja nazzjonali ssib li mira ta' prestazzjoni waħda jew diversi miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha jew li l-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3, din għandha tirrifjuta l-approvazzjoni.

7. Meta l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun irrifjutat l-approvazzjoni ta' abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni skont il-paragrafu 6, il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jippreżenta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, u meta meħtieġ ikun jinkludi miri riveduti.

8. L-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tivvaluta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni msemmi fil-paragrafu 7 skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tapprovah.

Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tirrifjuta l-approvazzjoni tiegħu u għandha titlob lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat biex jippreżenta abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni.

Meta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 7 jiġi rifjutat għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat, filwaqt li tqis is-sejbiet li jkunu saru fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 6. L-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti b'dan il-mod mill-awtorità superviżorja nazzjonali, kif ukoll il-miżuri biex jintlaħqu dawk il-miri.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 7 tiġi rifjutata biss għax ma tkunx tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li jrid jippreżenta l-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, għandu jinstab konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha mill-awtorità superviżorja nazzjonali, u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun sabet li ma ntlaħqux.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 7 tiġi rifjutata għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li mhumiex konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u, barra minn hekk, għax ma jkunx jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti mill-awtorità superviżorja nazzjonali skont it-tielet subparagrafu u l-miżuri biex jinkisbu dawk il-miri u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun sabet li ma ntlaħqux.

9. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni approvati mill-awtorità superviżorja nazzjonali għandhom jiġu adottati mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati kkonċernati bħala pjanijiet definittivi, u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

10. L-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata għandha toħroġ rapporti regolari dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, inkluż valutazzjonijiet regolari tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u tagħmel ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.

Il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawn għandhom jinkludu informazzjoni u data relatati mal-kostijiet u d-dħul reali.

Meta l-miri ta' prestazzjoni ma jintlaħqux jew il-pjan ta' prestazzjoni ma jiġix implimentat sew, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha toħroġ deċiżjonijiet li jeżiġu l-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta jkun oġġettivament meħtieġ, dawn il-miżuri korrettivi jistgħu jinkludu rekwiżit għal fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jiddelega l-forniment tas-servizzi rilevanti lil fornitur ieħor tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta l-miri ta' prestazzjoni jibqgħu ma jintlaħqux, jew meta l-pjan ta' prestazzjoni jibqa' jiġi implimentat ħażin, jew meta l-miżuri korrettivi imposti ma jiġux applikati jew ma jiġux applikati sew, l-awtorità superviżorja

nazzjonali għandha titlob lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB biex twettaq investigazzjoni skont l-Artikolu 24(2), u l-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 24(3).

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità superviżorja nazzjonali skont dan l-Artikolu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju.

12. Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB twettaq il-kompiti ta' awtorità superviżorja nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 3(8), l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB flimkien mal-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route. Meta l-Aġenzija tkun ħadet deċiżjoni fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(6), din id-deċiżjoni għandha tkun vinkolanti għaliha għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal.".

(67) Jiddaħħal Artikolu 15 ġdid bit-titolu "*Rwol tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tal-monitoraġġ tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tistabbilixxi ħarsa ġenerali b'mod regolari għall-Unjoni kollha tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u ta' kif din tirrelata mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.*

2. Għall-fini tat-tħejjija tal-ħarsa ġenerali msemmija fil-punt 1, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jinnotifikaw ir-rapporti tagħhom imsemmija fl-Artikolu 14(10) lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u għandhom jipprovdu kull informazzjoni oħra li l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tista' titlob għal dawk il-finijiet.".

(68) Jiddaħħal Artikolu 16 ġdid bit-titolu "*Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Il-Maniġer tan-Network għandu, għal kull perjodu referenzjarju, ifassal abbozz ta' Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network fir-rigward tal-funzjonijiet kollha tan-network li jwettaq.*

L-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għandu jsir wara l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju kkonċernat. Dan għandu jkun fih miri ta' prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza.

2. L-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u lill-Kummissjoni.

L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha, meta tintalab mill-Kummissjoni, tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network abbażi tal-kriterji essenzjali li ġejjin:

(a) kunsiderazzjoni tal-prestazzjoni maż-żmien, għall-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni, u addizzjonalment għall-perjodi taż-żmien li jinkludu kemm il-perjodu referenzjarju preċedenti kif ukoll il-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni;

(b) il-kompletezza tal-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network f'termini ta' data u materjali ta' appoġġ.

Meta l-Kummissjoni ssib li l-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network hu komplut u juri titjib adegwat fil-prestazzjoni, din għandha tadotta l-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network bħala pjan definittiv. Inkella, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Maniġer tan-Network biex jissottometti abbozz rivedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network.".

(69) Jiddaħħal Artikolu 17 ġdid bit-titolu "*Reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni u l-pjanijiet ta' prestazzjoni waqt perjodu referenzjarju*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Meta, waqt perjodu referenzjarju, il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha ma jibqgħux adegwati, fid-dawl ta' ċirkostanzi li nbidlu b'mod sinifikanti, u meta r-reviżjoni tal-miri tkun meħtieġa u proporzjonata, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. L-Artikolu 11 għandu japplika għal din id-deċiżjoni. Wara din ir-reviżjoni, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jadottaw abbozz ġdid tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, li għalihom għandhom japplikaw l-Artikoli 13 u 14. Il-Maniġer tan-Network għandu jfassal abbozz ġdid tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network, li għalih għandu japplika l-Artikolu 16.*

2. Id-deċiżjoni dwar il-miri ta' prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-perjodu taż-żmien sakemm isiru applikabbli l-pjanijiet ta' prestazzjoni definittivi adottati skont l-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 14(6).

3. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati jistgħu jitolbu l-permess tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, jew mingħand l-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, biex jirrevedu mira ta' prestazzjoni waħda jew bosta tul perjodu referenzjarju. Talba bħal din tista' ssir meta jintlaħqu l-limiti ta' twissija, jew meta l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati juru li d-data inizjali, is-suppożizzjonijiet u r-raġunamenti li jirfdu l-miri ta' prestazzjoni ma għandhomx aktar preċiżi b'mod sinifikanti u dejjiemi minħabba ċirkostanzi li ma kinux imbassra waqt l-adozzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni.

4. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, jew l-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, għandha tawtorizza lill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat biex jipproċedi bir-reviżjoni maħsuba biss jekk din tkun meħtieġa u proporzjonata, u meta l-miri ta' prestazzjoni riveduti jiżguraw li tinżamm il-konsistenza mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Meta r-reviżjoni tkun ġiet awtorizzata, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jadottaw abbozz ġdid tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14.".

(70) Jiddaħħal Artikolu 18 ġdid bit-titolu "*Implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni*" u hu fformulat kif ġej:

"*Għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta rekwiżiti u proċeduri dettaljati fir-rigward tal-Artikoli 10(3), 11, 12, 13, 14, 15, 16 u 17, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp tal-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, l-iffissar tal-miri ta' prestazzjoni, il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tagħhom, il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-ħruġ ta' miżuri korrettivi, u l-iskedi taż-żmien għall-proċeduri kollha. Dawk il-miżuri u l-proċeduri għandhom jiġu stabbiliti b'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2).*".

(71) Jiddaħħal Artikolu 20 ġdid bit-titolu "*Bażijiet tal-kost għall-imposti*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Il-bażijiet tal-kost għall-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u l-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għandhom jikkonsistu mill-kostijiet iddeterminati relatati mal-forniment ta' dawk is-servizzi fiż-żona tal-imposti en route u fiż-żona tal-imposti fit-terminal ikkonċernati, kif stabbilit fil-pjanijiet ta' prestazzjoni adottati skont l-Artikoli 13 u 14.*

2. Il-kostijiet iddeterminati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-kostijiet tal-faċilitajiet u s-servizzi rilevanti, l-ammonti xierqa għal imgħax fuq il-kapital investit u d-deprezzar tal-assi, kif ukoll il-kostijiet tal-manutenzjoni, l-operazzjoni, il-ġestjoni u l-amministrazzjoni.

3. Il-kostijiet iddeterminati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll il-kostijiet li ġejjin:

(a) il-kostijiet imġarrba mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għal tariffi u imposti mħallsa lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB;

(b) il-kostijiet jew partijiet minnhom imġarrba mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, b'rabta mas-sorveljanza u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, sakemm ma jintużawx riżorsi finanzjarji oħra mill-Istati Membri biex ikopru dawn il-kostijiet;

(c) il-kostijiet imġarrba mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'rabta mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u mal-funzjonijiet tan-network, inkluż il-kompiti fdati f'idejn il-Maniġer tan-Network, sakemm ma jintużawx riżorsi finanzjarji oħra mill-Istati Membri biex ikopru t-tali kostijiet.

4. Dawn la għandhom jinkludu l-kostijiet tal-penali imposti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 42 u lanqas il-kostijiet ta' xi miżura korrettiva msemmija fl-Artikolu 13(11) u fl-Artikolu 14(10).

5. Ma għandux ikun permess sussidju trażversali bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal. Il-kostijiet relatati kemm mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal kif ukoll mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għandhom jiġu allokati b'mod proporzjonali bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal abbażi ta' metodoloġija trasparenti. Is-sussidju trażversali għandu jitħalla jsir bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'xi waħda minn dawk iż-żewġ kategoriji biss meta dan ikun ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi, soġġett għal identifikazzjoni ċara skont l-Artikolu 25(3).

6. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jipprovdu dettalji tal-bażi tal-kost tagħhom lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, u lill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-kostijiet għandhom jinqasmu skont is-separazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 25(3), u billi ssir distinzjoni bejn il-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet operatorji għajr il-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tad-deprezzament, il-kost tal-kapital, il-kostijiet imġarrba għat-tariffi u l-imposti mħallsa lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u l-kostijiet eċċezzjonali.".

(72) Jiddaħħal Artikolu 21 ġdid bit-titolu "*Iffissar tar-rati unitarji*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Ir-rati unitarji għandhom jiġu stabbiliti għal kull sena kalendarja u għal kull żona tal-imposti, abbażi tal-kostijiet iddeterminati u tal-previżjonijiet tat-traffiku stabbiliti fil-pjanijiet ta' prestazzjoni kif ukoll tal-aġġustamenti applikabbli li jirriżultaw mis-snin preċedenti u minn dħul ieħor.*

2. Ir-rati unitarji għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, wara verifika mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB li jikkonformaw mal-Artikolu 19, l-Artikolu 20 u ma' dan l-Artikolu. Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li rata unitarja ma tissodisfax dawk ir-rekwiżiti, ir-rata unitarja għandha tiġi rieżaminata kif xieraq mill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata. Meta rata unitarja tkompli ma tissodisfax dawk ir-rekwiżiti, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha twettaq investigazzjoni u tipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 24(2), u l-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 24(3).

Għall-finijiet tal-imposti, u meta l-konġestjoni tikkawża problemi sinifikanti fin-network inkluż deterjorament tal-prestazzjoni ambjentali, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi, permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), rata unitarja komuni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew, u regoli u proċeduri dettaljati għall-applikazzjoni tagħha. Ir-rata unitarja komuni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' medja ponderata tar-rati unitarji differenti tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernati. Ir-rikavat mir-rata unitarja komuni għandu jiġi riallokat biex tinkiseb in-newtralità tad-dħul għal dawk il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati.".

(73) Jiddaħħal Artikolu 22 ġdid bit-titolu "*Stabbiliment tal-imposti*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. L-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom iġarrbu imposti għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji, li jkunu jqisu l-kapaċitajiet produttivi relattivi tat-tipi differenti ta' inġenji tal-ajru kkonċernati. Meta utenti differenti tal-ispazju tal-ajru jġarrbu imposti għall-użu tal-istess servizzi, ma għandha ssir l-ebda distinzjoni minħabba n-nazzjonalità jew il-kategorija tal-utent.*

2. L-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għal titjira partikolari f'żona tal-imposti en route partikolari għandha tiġi kkalkulata abbażi tar-rata unitarja stabbilita għal dik iż-żona tal-imposti en route u l-unitajiet tas-servizzi en route għal dik it-titjira. L-imposta għandha tkun magħmula minn komponent varjabbli wieħed jew aktar, kull wieħed ibbażat fuq fatturi oġġettivi.

3. L-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għal titjira partikolari f'żona tal-imposti tat-terminal partikolari għandha tiġi kkalkulata abbażi tar-rata unitarja stabbilita għal dik iż-żona tal-imposti fit-terminal u l-unitajiet tas-servizzi tat-terminal għal dik it-titjira. Għall-fini tal-kalkolu tal-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, l-avviċinament u t-tluq ta' titjira għandhom jgħoddu bħala titjira waħda. L-imposta għandha tkun magħmula minn komponent varjabbli wieħed jew aktar, kull wieħed ibbażat fuq fatturi oġġettivi.

4. Tista' tkun permessa eżenzjoni ta' ċerti utenti tal-ispazju tal-ajru mill-imposti tan-navigazzjoni bl-ajru, speċjalment ta' inġenji tal-ajru ħfief u ta' inġenji tal-ajru tal-Istat, diment li l-kost ta' dik l-eżenzjoni ma jkunx kopert minn riżorsi oħra u ma jingħaddiex lil utenti oħra tal-ispazju tal-ajru.

5. L-imposti għandhom jiġu modulati biex il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-ajruporti u l-utenti tal-ispazju tal-ajru jitħeġġu jappoġġaw it-titjib fil-prestazzjoni ambjentali, jew il-kwalità tas-servizz bħal żieda fl-użu tal-fjuwils alternattivi sostenibbli, żieda fil-kapaċità, tnaqqis tad-dewmien, u l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jinżamm livell ottimali ta' sikurezza, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. Il-modulazzjoni għandha tkun tikkonsisti f'vantaġġi jew żvantaġġi finanzjarji u għandha tkun newtrali fir-rigward tad-dħul għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.".

(74) Jiddaħħal Artikolu 23 ġdid bit-titolu "*Implimentazzjoni tal-iskema ta' imposti*" u hu fformulat kif ġej:

"*Għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' imposti, il-Kummissjoni għandha tadotta rekwiżiti u proċeduri dettaljati fir-rigward tal-Artikoli 19, 20, 21 u 22 b'mod partikolari rigward il-bażijiet tal-kost u l-kostijiet iddeterminati, l-istabbiliment tar-rati unitarji, l-iskemi ta' inċentivi u l-mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tar-riskju u l-modulazzjoni tal-imposti. Dawk il-miżuri u l-proċeduri għandhom jiġu stabbiliti b'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2).*".

<u>Kapitolu IV ġdid: Ġestjoni tan-network</u>

(75) Jiddaħħal Kapitolu IV ġdid bit-titolu: "*Ġestjoni tan-Network*".

(76) Il-Kapitolu hu magħmul mill-Artikoli 26 sa 31.

(77) Għall-Artikoli 26, 27, u 29 sa 31, issir referenza għall-punti (58), (60), (61) u (63) t'hawn fuq.

(78) L-Artikolu 28 ġdid għandu t-titolu "*Trasparenza tal-kontijiet tal-Maniġer tan-Network*" u t-test tiegħu hu fformulat kif ġej :

"*1. Il-Maniġer tan-Network għandu jfassal il-kontijiet finanzjarji tiegħu, u jippreżentahom u jippubblikahom. Dawn il-kontijiet għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Unjoni. Meta, minħabba l-istatus legali tal-Maniġer tan-Network, ma jkunx possibbli li tinkiseb konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, il-Maniġer tan-Network għandu jagħmel sforz biex jikseb din il-konformità sal-punt massimu possibbli.*

2. Il-Maniġer tan-Network għandu jippubblika rapport annwali u jagħmel awditjar indipendenti b'mod regolari.".

<u>Kapitolu V: Spazju tal-ajru, interoperabbiltà u innovazzjoni teknoloġika</u>

(79) Il-Kapitolu IV hu renumerat bħala l-Kapitolu V u t-titolu tiegħu hu riformulat bħala "*Spazju tal-Ajru, Interoperabbiltà u Innovazzjoni Teknoloġika*".

(80) L-Artikolu 23 hu renumerat bħala l-Artikolu 32 u hu riformulat kif ġej:

"*Mingħajr preġudizzju għall-pubblikazzjoni mill-Istati Membri tal-informazzjoni ajrunawtika u b'mod konsistenti ma' dik il-pubblikazzjoni il-Maniġer tan-Network, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi infrastruttura ta' informazzjoni ajrunawtika għall-Unjoni kollha biex tiżdied id-disponibbiltà ta' informazzjoni ajrunawtika elettronika ta' kwalità għolja, ippreżentata b'mod aċċessibbli u li taqdi r-rekwiżiti tal-utenti rilevanti kollha f'termini ta' kwalità tad-data u tempestività. L-informazzjoni ajrunawtika magħmula disponibbli b'dan il-mod għandha tkun biss l-informazzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punt 2.1 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1139.*".

(81) L-Artikolu 24 jitħassar.

(82) Jiddaħħal Artikolu 33 ġdid bit-titolu "*Użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru*" u hu fformulat kif ġej:

"*1. Filwaqt li jqisu l-organizzazzjoni tal-aspetti militari fir-responsabbiltà tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew kif deskritt mill-ICAO u kif żviluppat mill-Eurocontrol, biex jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport u b'konsistenza mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew.*

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar l-applikazzjoni tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru, fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, fir-rigward tal-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom.

3. Meta, b'mod partikolari wara rapporti ppreżentati mill-Istati Membri, isir meħtieġ li tissaħħaħ u tiġi armonizzata l-applikazzjoni tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).".

(83) Jiddaħħal Artikolu 34 ġdid bit-titolu "*Koordinazzjoni tas-SESAR*" u hu fformulat kif ġej:

"*L-entitajiet inkarigati mill-kompiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tal-koordinazzjoni tal-fażi tad-definizzjoni ta' SESAR, tal-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR u tal-fażi tal-mobilizzazzjoni ta' SESAR, skont il-każ, għandhom jikkoperaw biex jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn dawk it-tliet fażijiet ħalli tinkiseb tranżizzjoni bla xkiel u fil-ħin bejniethom.*

Il-partijiet ikkonċernati ċivili u militari rilevanti kollha għandhom ikunu involuti kemm jista' jkun possibbli.".

<u>Kapitolu VI: Dispożizzjonijiet finali</u>

(84) Il-Kapitolu V hu renumerat bħala l-Kapitolu VI.

(85) L-Artikolu 25 jitħassar.

(86) L-Artikolu 26 hu renumerat bħala l-Artikolu 36 u nbidel kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 hu riformulat kif ġej:

"*Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6 u 26 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi taż-żmien identiċi, għajr jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*";

(b) Fil-paragrafu 3, ir-referenzi għal "*l-Artikolu 11(7), l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 25*" huma sostitwiti b'referenzi għal "*l-Artikoli 6 u 26*";

(c) Fil-bidu tal-paragrafu 4, tiżdied sentenza ġdida:

"*Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*";

(d) Fil-paragrafu 5, ir-referenzi għal "*l-Artikolu 11(7), l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 25*" huma sostitwiti b'referenzi għal "*l-Artikoli 6 u 26*";

(87) L-Artikolu 27 hu renumerat bħala l-Artikolu 37. Fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"*Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", magħmul minn żewġ rappreżentanti ta' kull Stat Membru u ppresedut mill-Kummissjoni. Il-Kumitat għandu jiżgura konsiderazzjoni xierqa tal-interessi tal-kategoriji kollha tal-utenti.*".

(88) Fir-rigward tal-Artikolu 28, issir referenza għall-punt 45 t'hawn fuq.

(89) L-Artikolu 29 jitħassar.

(90) L-Artikolu 30 hu renumerat bħala l-Artikolu 39 u hu riformulat kif ġej:

"L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jimmiraw u jappoġġaw l-estensjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għal pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea. Għal dak il-għan, għandhom jagħmlu sforz, fil-qafas tal-ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi ġirien, jestendu l-Ajru Uniku Ewropew għal dawk il-pajjiżi. Barra minn hekk, għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkoperaw ma' dawk il-pajjiżi fil-kuntest ta' ftehimiet dwar il-funzjonijiet tan-network, jew fil-qafas tal-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Eurocontrol li jipprovdi qafas ġenerali għal koperazzjoni msaħħa u jsaħħaħ id-"dimensjoni pan-Ewropea" tal-ATM.

(91) L-Artikolu 31 hu renumerat bħala l-Artikolu 40. It-titolu hu sostitwit b'dan li ġej: "*Appoġġ minn korpi oħra*" u l-Artikolu hu riformulat kif ġej:

"*Il-Kummissjoni tista' titlob l-appoġġ ta' korpi oħra għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.*".

(92) L-Artikolu 32 hu renumerat bħala l-Artikolu 41 u hu riformulat kif ġej:

"*1. La l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li jaġixxu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, la l-Kummissjoni, la l-Aġenzija, jekk taġixxi bħala PRB kif ukoll jekk le, u lanqas il-Maniġer tan-Network ma għandhom jiżvelaw informazzjoni ta' natura kunfidenzjali, b'mod partikolari informazzjoni dwar il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom u l-komponenti tal-kostijiet tagħhom.*

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-iżvelar mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, meta jkun essenzjali għall-qadi ta' dmirijiethom, f'liema każ dan l-iżvelar għandu jkun proporzjonat u għandu jirrispetta l-interessi leġittimi tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-protezzjoni tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva tagħhom.

3. L-informazzjoni u d-data pprovduti skont l-iskema ta' imposti stabbilita fl-Artikoli 19 sa 24, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet iddeterminati, il-kostijiet u d-dħul reali tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jiġu żvelati pubblikament.".

(93) L-Artikolu 33 hu renumerat bħala l-Artikolu 42. L-ewwel sentenza hi riformulata kif ġej:

"*L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu b'mod partikolari mill-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati.*".

(94) L-Artikolu 34 hu renumerat bħala l-Artikolu 43 u hu riformulat kif ġej:

"*1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-2030. Meta jkun iġġustifikat għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni rilevanti mingħand l-Istati Membri għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi.".

(95) L-Artikolu 35 hu renumerat bħala l-Artikolu 44. Il-punteġġjatura tinbidel, u għalhekk dan it-test jaqra kif ġej:

"*Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi l-applikazzjoni tal-miżuri minn Stat Membru sal-punt li dawn ikunu meħtieġa biex jissalvagwardjaw l-interessi essenzjali tal-politika tad-difiża jew tas-sigurtà. Dawn il-miżuri huma b'mod partikolari dawk li huma importanti ħafna:*

(a) għas-sorveljanza tal-ispazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà tiegħu skont il-Ftehimiet dwar in-Navigazzjoni bl-Ajru Reġjonali tal-ICAO, inkluż il-kapaċità li jiskopri, jidentifika u jevalwa l-inġenji tal-ajru kollha li jużaw dan l-ispazju tal-ajru, bil-ħsieb li jfittex li jissalvagwardja s-sigurtà tat-titjiriet u jieħu azzjoni biex jiżgura l-ħtiġijiet tas-sigurtà u tad-difiża;

(b) fil-każ ta' disturbi interni serji li jaffettwaw iż-żamma tal-liġi u tal-ordni;

(c) fil-każ ta' gwerra jew tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra;

(d) għas-sodisfazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Istat Membru b'rabta maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

(e) biex jitwettqu operazzjonijiet u taħriġ militari, inkluż il-possibbiltajiet meħtieġa għall-eżerċizzji.".

(96) L-Artikolu 36 jitħassar.

(97) L-Artikolu 37 hu renumerat bħala l-Artikolu 45 u titneħħa r-referenza għar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

(98) L-Artikolu 38 hu renumerat bħala l-Artikolu 46. It-test tiegħu stabbilit fil-proposta inizjali hu numerat bħala l-paragrafu 1 u jiddaħħal il-paragrafu 2 li ġej:

"*2. L-Artikolu 3(3) għandu japplika minn [OP please insert the date 48 months following the date of entry into force of this Regulation].*

L-Artikoli 10 sa 24 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2023. Iżda l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, u l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħhom, għandhom jibqgħu japplikaw għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti relatati mat-tielet perjodu referenzjarju.

L-Artikolu 26(3) u l-Artikolu 32 għandhom japplikaw għall-Maniġer tan-Network mill-jum meta ssir applikabbli deċiżjoni tal-ħatra, adottata skont l-Artikolu 27(2) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li tinkludi dawk id-dispożizzjonijiet.".

Annessi

(99) L-Anness I jitħassar.

(100) L-Anness II hu renumerat bħala l-Anness I. It-titolu tiegħu hu sostitwit b'dan li ġej: "*Kundizzjonijiet li jistgħu jiġu mehmuża maċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 6*". It-test tiegħu hu riformulat kif ġej:

"*Kundizzjonijiet addizzjonali mehmuża maċ-ċertifikati jistgħu, kif ikun meħtieġ, ikunu relatati ma':*

(a) limitazzjoni jew restrizzjoni ta' operazzjonijiet ta' servizzi għajr dawk relatati mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(b) kuntratti, ftehimiet jew arranġamenti oħra bejn il-fornitur tas-servizzi u parti terza u li jkunu jikkonċernaw is-servizz(i);

(c) l-għoti ta' informazzjoni raġonevolment meħtieġa għall-verifika tar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1);

(d) kwalunkwe kundizzjonijiet legali oħra li mhumiex speċifiċi għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, bħal kundizzjonijiet relatati mas-sospensjoni jew mar-revoka taċ-ċertifikat.".

(101) Jiddaħħal Anness II ġdid bit-titolu "*Regolamenti revokati bl-emenda għalihom*" u hu fformulat kif ġej:

"

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *(ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1)*	
Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *(ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10)*	
Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *(ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20)*	
Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *(ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34)*	*L-Artikoli 1, 2 u 3 biss*

"

(102) L-Anness III hu adattat għat-termini tal-proposta emendata attwali.

Biex jiġu ffaċilitati l-qari u l-eżami, it-test sħiħ tal-proposta emendata għall-kodifikazzjoni hu mehmuż hawnhekk.

↓ 549/2004 (adattat)

2013/0186 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew

(riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~80(2)~~ ⌦ 100(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[21],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[22],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], u r-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] ġew emendati b'mod sostanzjali. Peress li għad iridu jsiru iżjed emendi, jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jiġu riformulati fl-interess taċ-ċarezza.

21 ~~ĠU C 241, 7.10.2002, p. 24.~~ ĠU C […], […], p. […].

22 ~~ĠU C 278, 14.11.2002, p. 13.~~ ĠU C […], […], p. […].

23 Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

24 Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

25 Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

🡻 549/2004 premessa 1 (adattat)

~~L-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tirrekjedi sistema ta' trasport tal-ajru effiċjenti li tippermetti operat salv u regolari ta' servizzi ta' trasport tal-ajru, hekk tiffaċilita l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni u servizzi.~~

🡻 549/2004 premessa 2 (adattat)

~~F'Laqgħa Straordinarja f'Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tissottometti proposti dwar l-amministrazzjoni tal-ispazju tal-ajru, kontrol tat-traffiku tal-ajru u l-amministrazzjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, ibbażati fuq ix-xogħol tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-ajru uniku Ewropew mwaqqaf mill-Kummissjoni. Dan il-Grupp, magħmul ġeneralment mill-awtoritajiet ċivili u militari ta' navigazzjoni tal-ajru tal-Istati Membri, issottometta r-rapport tiegħu f'Novembru 2000.~~

🡻 1070/2009 premessa 2 (adattat)
⇨ ġdid

(2) L-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-ewwel pakkett tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew, notevolment ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 ~~tal-10 ta' Marzu 2004 li stabbilixxa l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew~~ ~~(ir-Regolament qafas)~~, ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 ~~tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz)~~, ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 ~~tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-ajru)~~, u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] ~~tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbiltà tan-network Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru~~ ~~(ir-Regolament ta' interoperabilità)~~, stabbilew bażi ġuridika soda għal sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) uniformi, interoperabbli u sikura. ⇨ L-adozzjoni tat-tieni pakkett, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27], issaħħaħ aktar l-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew billi introduċiet l-iskema ta' prestazzjoni u l-kunċetti ta' Maniġers tan-Network biex tkompli ttejjeb il-prestazzjoni tan-network Ewropew tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru. Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tħassar bir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], għax ir-regoli

[26] Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26).

[27] Ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34).

[28] Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-

meħtieġa għall-interoperabbiltà tas-sistemi, il-kostitwenti u l-proċeduri tal-ATM ġew inkorporati f'dak ir-Regolament. ⇦

⇩ ġdid

(3) Biex jitqiesu l-bidliet introdotti fir-Regolament (UE) 2018/1139, jeħtieġ li l-kontenut ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament (UE) 2018/1139.

🡻 550/2004 premessa 3 (adattat)

~~Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 (ir-Regolament qafas)[29] jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' ajru uniku Ewropew.~~

🡻 551/2004 premessa 4 (adattat)

~~Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 (ir-Regolament qafas)[30] jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' ajru uniku Ewropew.~~

🡻 551/2004 premessa 5 (adattat)

(4) Fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili tal-1944, l-Istati Kontraenti jirrikonoxxu li "kull Stat għandu sovranità kompluta u esklussiva fuq l-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tiegħu". Hu fil-qafas ta' din is-sovranità li l-Istati Membri ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ , soġġetti għal konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, jeżerċitaw is-setgħat ta' awtorità pubblika meta jikkontrollaw it-traffiku tal-ajru.

🡻 1070/2009 premessa 1

(5) L-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport teħtieġ sistema tat-trasport bl-ajru effiċjenti li tippermetti operazzjoni sikura, regolari u sostenibbli tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, li tottimizza l-kapaċità, u li tiffaċilita l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni u tas-servizzi.

Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

29 ~~Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

30 ~~Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

🡻 1070/2009 premessa 37

(adattat)

⇨ ġdid

(6) Għat-tfittxija simultanja li jintlaħqu l-objettivi tat-tkattir tal-istandards tas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru, u tat-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tas-servizzi tal-ATM ⌦ u tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ⌫ (ANS) għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa, teħtieġ li ⌦ jeħtieġ ⌫ jitqies il-fattur uman. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom iqisu l-introduzzjoni tal-prinċipji ⇨ jenħtieġ iħaddmu l-prinċipji ⇦ ta' "kultura ġusta". ⇨ Jenħtieġ jitqiesu u jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Dimensjoni Umana[31] tal-Ajru Uniku Ewropew. ⇦

⇩ ġdid

(7) It-titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-ATM jikkontribwixxi wkoll direttament għall-kisba tal-objettivi li jinsabu fil-Ftehim ta' Pariġi u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni.

🡻 549/2004 premessa 6 (adattat)

(8) ⌦ Fl-2004, ⌫ lL-Istati Membri adottaw dikjarazzjoni ġenerali dwar kwistjonijiet militari relatati mal-Ajru Uniku Ewropew[32]. Skont din id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ, b'mod partikolari, itejbu l-koperazzjoni ċivili-militari u, jekk u sal-punt meqjus meħtieġ mill-Istati Membri kollha kkonċernati, jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejn il-forzi armati tagħhom fil-kwistjonijiet kollha tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

🡻 549/2004 premessa 3

Operat għal-lixx tas-sistema tat-trasport tal-ajru jirrikjedi livell għoli, konsistenti ta' sigurezza fis-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru li tippermetti l-aħjar użu tal-ispazju tal-ajru tal-Ewropa u livell għoli, konsistenti ta' sigurezza fl-ivvjaġġar bl-ajru, skont id-dmir ta' interess ġenerali tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, inklużi obbligi tas-servizz pubbliku. Għalhekk huwa għandu jitwettaq bl-ogħla standards ta' responsabbilta u kompetenza.

[31] C(2017) 7518 final

[32] Ara l-paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

↓ 549/2004 premessa 4

L-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew għandha tkun żviluppata bi qbil mal-obbligi li joħorġu mis-sħubija tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha f'Eurocontrol, u bi qbil mal-prinċipji preskritti mill-Konvenzjoni ta' Chigago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tal-1944.

↓ 549/2004 premessa 5 (adattat)

(9) Id-deċiżjonijiet relatati mal-kontenut, mal-ambitu jew mat-twettiq ta' operazzjonijiet u taħriġ militari ma jaqgħux fl-isfera ta' kompetenza tal-Komunità ⌦ tal-Unjoni skont l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫.

↓ 549/2004 premessa 23 (adattat)

Sar qbil fuq arranġamenti għal koperazzjoni akbar fl-użu tal-ajruport ta' Ġibilta f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987 mir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit f'dikjarazzjoni konġunta mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi. Arranġamenti tali għad għandhom jidħlu f'operat.

↓ 550/2004 premessa 1

Stati Membri ristrutturaw, fi gradi varji, il-fornituri tas-servizz nazzjonali tagħhom ta' navigazzjoni tal-ajru billi żiedu l-livell ta' awtonomija u liberta tagħhom biex jipprovdu servizzi. Qiegħed isir dejjem aktar meħtieġ li jkun żgurat li rekwiżiti minimi ta' interess pubbliku jkunu sodisfatti taħt dan l-ambjent ġdid.

↓ 550/2004 premessa 4

Biex jinħoloq ajru uniku Ewropew, għandhom ikunu adottati miżuri biex jiżguraw il-forniment salv u effiċjenti ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru konsistenti mal-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru kif jipprovdi għalihom ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-ajru)[33]. L-istabbiliment ta' organizzazzjoni armonizzata għal forniment ta' servizzi tali hija importanti biex twieġeb b'mod adegwat għad-domanda tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u tirregola t-traffiku tal-ajru b'mod salv u effiċjenti.

↓ 551/2004 premessa 1

Il-ħolqien tal-ajru uniku Ewropew jirrikjedi trattament armonizzat biex ikunu rregolati l-organizzazzjoni u l-użu ta' spazju tal-ajru.

---

[33] Ara l-paġna 20 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

➜ 551/2004 premessa 2 (adattat)

~~Fir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-ajru uniku Ewropew f'Novembru 2000 huwa kkunsidrat li spazju tal-ajru għandu jkun iddisinjat, irregolat u amministrat b'mod stratiġiku fuq bażi Ewropea.~~

➜ 551/2004 premessa 3 (adattat)

~~Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien tal-ajru uniku Ewropew tat-30 ta' Novembru 2001 jitlob għal riforma strutturali li tippermetti l-ħolqien tal-ajru uniku Ewropew permezz ta' amministrazzjoni progressivament aktar integrata ta' spazju tal-ajru u l-iżvilupp ta' konċetti u proċeduri ġodda ta' amministrazzjoni ta' traffiku tal-ajru.~~

➜ 551/2004 premessa 6

~~L-ispazju tal-ajru huwa riżorsa komuni għall-kategoriji kollha ta' utenti li jeħtieġ tkun użata b'mod flessibbli minnhom kollha, biex ikunu żgurati ġustizzja u trasparenza filwaqt li jitqiesu l-ħtiġiet ta' sigurta u difiża ta' Stati Membri u l-impenji tagħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali.~~

➜ 551/2004 premessa 7

~~Amministrazzjoni effiċjenti ta' spazju tal-ajru hija fundamentali biex tiżdied il-kapaċità tas-sistema ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru.~~

➜ 549/2004 premessa 8

~~Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha, u bil-ħsieb li l-ajru uniku Ewropew ikun estiż biex jinkludi numru akbar ta' Stati Ewropej, il-Komunità għandha, filwaqt li tqis l-iżviluppi li qed jiġru ġewwa Eurocontrol, tippreskrivi għanijiet komuni u programm ta' azzjoni biex timmobilizza l-isforzi mill-Komunità, l-Istati Membri u l-interessati ekonomiċi varji biex toħloq spazju tal-ajru operattiv aktar integrat: l-ajru uniku Ewropew.~~

➜ 549/2004 premessa 24

~~Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' ajru uniku Ewropew, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba l-iskala trasnazzjonali tal-azzjoni, u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju, filwaqt li jippermetti għal regoli ta' implimentazzjoni ddettaljati li jieħdu f'konsiderazzjoni kondizzjonijiet speċifiċi lokali, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif miġjub fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalita kif miġjub f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn milli hu meħtieġ biex jinkiseb dan il-għan.~~

🡻 549/2004 premessa 9

~~Fejn Stati Membri jieħdu azzjoni biex jiżguraw konformita mar-rekwiżiti Komunitarji, l-awtoritajiet li jagħmlu verifiki ta' konformita għandhom ikunu suffiċjentement indipendenti mill-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru.~~

🡻 549/2004 premessa 10

~~Servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, b'mod partikulari servizzi ta' traffiku tal-ajru li jkunu komparabbli ma' awtoritajiet pubbliċi, jirrekjedu separazzjoni funzjonali jew strutturali u organizzata skont formoli legali differenti ħafna fl-Istati Membri varji.~~

🡻 549/2004 premessa 11

~~Fejn verifiki indipendenti konnessi ma' fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru jkunu rekwiżiti, spezzjonijiet mill-awtoritajiet uffiċjali ta' verifika tal-Istati Membri fejn dawk is-servizzi jkunu pprovduti mill-amministrazzjoni, jew minn korp pubbliku suġġett għas-sorveljanza tal-awtoritajiet imsemmija aktar 'il fuq, għandhom ikunu rrikonoxxuti bħala verifiki indipendenti, kemm jekk ir-rapporti tal-verifika miktuba jkunu ppubblikati kemm le.~~

🡻 1070/2009 premessa 9 (adattat)

⇨ ġdid

(10) Biex tkun żgurata sorveljanza konsistenti u soda tal-forniment tas-servizzi madwar l-Ewropa, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ ikollhom garanzija ta' indipendenza u riżorsi biżżejjed. Din ~~l-independenza m'għandhiex iżżomm lil~~ ~~dawk l-awtoritajiet~~ ⌦ jenħtieġ ma tkunx twaqqaf lil awtorità superviżorja nazzjonali ⌫ milli ⇨ tkun parti minn awtorità regolatorja kompetenti għal diversi setturi regolati, jekk dik l-awtorità regolatorja tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza, jew milli tingħaqad f'termini tal-organizzazzjoni tagħha mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.⇦ ~~jeżerċitaw il-kompiti tagħhom fi ħdan qafas amministrattiv~~.

⇩ ġdid

(11) Il-finanzjament tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ jiżgura l-indipendenza tagħhom, u jenħtieġ ikun jippermettilhom joperaw skont il-prinċipji tal-ġustizzja, tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità. Jenħtieġ li proċeduri xierqa għall-ħatra tal-persunal ikunu jikkontribwixxu biex jiżguraw l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, filwaqt li jiżguraw b'mod partikolari li l-ħatra tal-persuni inkarigati mid-deċiżjonijiet strateġiċi ssir minn awtorità pubblika li ma teżerċitax direttament drittijiet ta' sjieda fuq il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

↓ 1070/2009 premessa 10

⇨ ġdid

(12) L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-atal-Ajru uUniku Ewropew u l-Kummissjoni ⇨ għalhekk jenħtieġ⇦ għandha għalhekk tiffaċilita l-koperazzjoni ma' xulxin ⇨ li jikkoperaw bejniethom ⇦ biex jippermettu l-iskambju ⇨ tal-informazzjoni dwar il-prinċipji tagħhom tal-ħidma u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ⇦ l-aqwa prattiċi ⇨ u proċeduri u fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ⇦ u biex jiżviluppaw approċċ komuni, inkluż permezz ta' koperazzjoni msaħħa fil-livell reġjonali. Din il-koperazzjoni jenħtieġ isseħħ b'mod regolari.

↓ 550/2004 premessa 6

Stati Membri huma responsabbli għall-moniteraġġ tal-forniment salv u effiċjenti tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u għall-kontroll tal-konformita minn fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru ma' rekwiżiti komuni stabbiliti f'livell Komunitarju.

↓ 550/2004 premessa 7

Stati Membri għandhom jitħallew jafdaw lill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti, li għandhom esperjenza teknika, il-verifika ta' konformita tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru mar-rekwiżiti komuni stabbiliti f'livell Komunitarju.

↓ 549/2004 premessa 17 (adattat)

Is-sħab soċjali għandhom ikunu informati u kkonsultati f'manjiera xierqa dwar il-miżuri kollha li jkollhom implikazzjonijiet soċjali sinifikanti. Il-Kumitati dwar Djalogu Settorjali mwaqqfin taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998 dwar l-istabbiliment ta' Kumitati dwar Djalogu Settorjali li jippromwovu d-djalogu bejn is-sħab soċjali fuq livell Ewropew[34] għandhom ukoll ikunu kkonsultati.

⇩ ġdid

(13) Il-koperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru hi mezz importanti biex titjieb il-prestazzjoni tas-sistema Ewropea tal-ATM u jenħtieġ tiġi mħeġġa. L-Istati Membri jenħtieġ ikunu jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koperazzjoni mhux limitati għal forom predefiniti ta' koperazzjoni u żoni ġeografiċi.

(14) Iċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza u s-sorveljanza tas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jsiru mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-Aġenzija), skont ir-

[34] ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.

rekwiżiti u l-proċessi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139. Rekwiżiti addizzjonali relatati mar-robustezza finanzjarja, mar-responsabbiltà u mal-kopertura tal-assigurazzjoni huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u jenħtieġ ikunu soġġetti għal ċertifikat ekonomiku. Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ ikun jista' joffri biss servizzi fl-Unjoni, fejn għandu ċertifikat tas-sikurezza u ċertifikat ekonomiku.

(15) Jenħtieġ ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ekwivalenti tan-navigazzjoni bl-ajru.

(16) Jenħtieġ li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru, ipprovduti fuq bażi esklussiva, ikunu soġġetti għal deżinjazzjoni u rekwiżiti minimi ta' interess pubbliku.

(17) Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew l-operaturi tal-ajruporti jenħtieġ ikollhom l-għażla li jakkwistaw servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tas-sorveljanza (CNS), servizzi tal-informazzjoni ajrunawtika (AIS), servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru (ADS), servizzi meteoroloġiċi (MET) jew servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal skont kundizzjonijiet tas-suq, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-sikurezza, meta jagħrfu li akkwist bħal dan ikun jippermetti titjib fil-kosteffiċjenza. Il-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal akkwist bħal dan hi mistennija tippermetti aktar flessibbiltà u tippromwovi l-innovazzjoni fis-servizzi, mingħajr ma taffettwa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-militar fejn jidħlu l-kunfidenzjalità, l-interoperabbiltà, ir-reżiljenza tas-sistema, l-aċċess għad-*data*, u s-sigurtà tal-ATM.

(18) Meta jiġu akkwistati servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, dawn jenħtieġ li la jkunu soġġetti għall-iskema ta' imposti stabbilita f'dan ir-Regolament, u lanqas għall-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], marbuta mal-applikabbiltà ta' dik l-iskema.

(19) Il-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route jenħtieġ ikun separat mil-lat organizzattiv mill-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, inkluż bis-separazzjoni tal-kontijiet, biex tkun żgurata t-trasparenza u jkunu evitati d-diskriminazzjoni, is-sussidjar reċiproku u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(20) Meta applikabbli, l-akkwist ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ isir f'konformità mad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37]. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

(21) Il-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord teħtieġ id-disponibbiltà ta' servizzi ta' informazzjoni komuni. Biex jiġu limitati l-kostijiet ta' din il-ġestjoni tat-traffiku, il-prezzijiet għal servizzi ta' informazzjoni komuni jenħtieġ ikunu bbażati fuq il-kost u valwazzjoni pożittiva raġonevoli għal profitt, u jenħtieġ ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Biex ikun jista' jsir il-

---

35 Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

36 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

37 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

forniment tas-servizzi, id-*data* meħtieġa jenħtieġ tkun disponibbli mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

(22) L-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti huma maħsuba biex is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, li jingħataw skont kundizzjonijiet li mhumiex il-kundizzjonijiet tas-suq, ikunu aktar kosteffiċjenti u biex jippromwovu kwalità aħjar tas-servizz, u għaldaqstant jenħtieġ ikunu jinkludu inċentivi rilevanti u xierqa. Fid-dawl ta' dan l-objettiv, jenħtieġ li l-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti ma jkunux ikopru s-servizzi mogħtija bil-kundizzjonijiet tas-suq.

(23) Biex tkun l-aktar effettiva, jenħtieġ li s-sorveljanza meħtieġa fir-rigward tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti tiġi mmirata lejn il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati bħala tali.

(24) Ir-responsabbiltajiet għas-sorveljanza fir-rigward tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti jenħtieġ jinqasmu b'mod xieraq.

(25) Minħabba l-elementi transfruntieri u tan-network inerenti fil-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u l-fatt li, minħabba f'hekk, il-prestazzjoni trid tiġi vvalutata b'mod partikolari fil-konfront tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, jenħtieġ ikun hemm korp tal-Unjoni inkarigat mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, soġġetti għal rieżami ġudizzjarju minn korp tal-appell u eventwalment mill-Qorti tal-Ġustizzja. Biex ikun żgurat li l-kompiti jitwettqu b'livell għoli ta' għarfien espert u bl-indipendenza meħtieġa, jenħtieġ li dak il-korp tal-Unjoni jkun l-Aġenzija li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), li jiffunzjona skont ir-regoli ta' governanza apposta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139. Minħabba l-għarfien tagħhom taċ-ċirkostanzi lokali, meħtieġa biex jivvalutaw is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkunu inkarigati mill-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal. L-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal tikkostitwixxi operazzjoni waħda, rilevanti għaż-żewġ tipi ta' servizzi, u għalhekk jenħtieġ tkun soġġetta għas-sorveljanza tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB.

(26) Jenħtieġ li l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fil-qasam tas-servizzi tan-navigazzjoni en route u fit-terminal ikunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni rispettivi għall-Unjoni kollha u jkunu konformi ma' ċerti kriterji tal-kwalità, biex jiżguraw kemm jista' jkun li l-miri stabbiliti jintlaħqu b'mod effettiv. Il-proċedura ta' valutazzjoni jenħtieġ tiżgura li n-nuqqasijiet jiġu kkoreġuti malajr.

(27) Il-prestazzjoni tal-funzjonijiet tan-network jenħtieġ tkun soġġetta għal kriterji speċifiċi għalihom, filwaqt li titqies in-natura partikolari ta' dawn il-funzjonijiet. Il-funzjonijiet tan-network jenħtieġ ikunu soġġetti għal miri ta' prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza.

(28) L-iskema ta' imposti jenħtieġ tkun ibbażata fuq il-prinċipju li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ iħallsu l-kost imġarrab għall-forniment tas-servizzi riċevuti, iżda jenħtieġ li jitqiesu biss il-kostijiet imputabbli għal dan is-servizz u mhux koperti mod ieħor. Il-kostijiet relatati mal-Maniġer tan-Network jenħtieġ jiġu inklużi fil-kostijiet determinati eliġibbli li jridu jiġu ddebitati lill-utenti tal-ispazju tal-ajru. L-imposti jenħtieġ ikunu jħeġġu l-forniment sikur, effiċjenti, effettiv u sostenibbli ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' sikurezza u kosteffiċjenza u jintlaħqu l-miri

ta' prestazzjoni, u jenħtieġ jistimulaw forniment ta' servizzi integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni.

(29) Minħabba n-natura transfruntiera tal-avjazzjoni, jenħtieġ jiġu stabbiliti mekkaniżmi fil-livell tal-Unjoni kollha għall-modulazzjoni tal-imposti biex jittejbu l-prestazzjoni ambjentali u l-kwalità tas-servizz, b'mod partikolari b'żieda fl-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, b'żieda fil-kapaċità u bi tnaqqis fid-dewmien, filwaqt li jinżamm l-aqwa livell ta' sikurezza. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jenħtieġ ukoll ikollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu mekkaniżmi fil-livell lokali b'rabta mas-servizzi tat-terminal.

(30) Biex l-utenti tal-ispazju tal-ajru jingħataw inċentiv li jtiru bl-iqsar rotta, b'mod partikolari fi żminijiet ta' konġestjoni, jenħtieġ ikun possibbli li tiġi stabbilita rata unitarja komuni għas-servizzi en route madwar l-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew. L-istabbiliment ta' kull rata unitarja komuni bħal din jenħtieġ ikun newtrali fir-rigward tal-introjtu għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(31) Jenħtieġ issir dispożizzjoni għat-trasparenza tal-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, bħala mezz wieħed biex ikunu evitati s-sussidjar reċiproku u d-distorsjonijiet riżultanti.

(32) Il-funzjonijiet tan-network tal-ATM jenħtieġ jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru u jappoġġaw il-kisba ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Jenħtieġ li dawn jiżguraw l-użu sostenibbli, effiċjenti u ambjentalment ottimali tal-ispazju tal-ajru u tar-riżorsi skarsi, jirriflettu l-ħtiġijiet operazzjonali fl-iskjerament tal-infrastruttura tan-network Ewropew tal-ATM u jenħtieġ jipprovdu appoġġ f'każ ta' kriżijiet tan-network. Għadd ta' kompiti li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet jenħtieġ jitwettqu minn Maniġer tan-Network, li l-azzjoni tiegħu jenħtieġ tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati operazzjonali kollha.

(33) Fil-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet fejn jidħlu d-deċiżjonijiet li jrid jieħu l-Maniġer tan-Network, jenħtieġ li l-interess tan-network ikun jipprevali. Għalhekk jenħtieġ li l-partijiet fil-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet jaġixxu kemm jista' jkun possibbli bil-ħsieb li jtejbu l-funzjonament u l-prestazzjoni tan-network. Il-proċeduri għall-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet jenħtieġ jippromwovu l-interess tan-network, u jkunu b'tali mod li l-kwistjonijiet jiġu solvuti u meta possibbli jintlaħaq kunsens.

(34) Biex tissaħħaħ l-enfasi fuq il-klijent min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u biex tiżdied il-possibbiltà għall-utenti tal-ispazju tal-ajru li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jolqtuhom, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'deċiżjonijiet operazzjonali maġġuri tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jenħtieġ isiru aktar effettivi.

🡻 1070/2009 premessa 11

(adattat)

~~Kundizzjonijiet mehmuża ma' ċertifikati għandhom ikunu ġustifikati b'mod oġġettiv u għandhom ikunu nondiskriminatorji, proporzjonati u trasparenti, u kompatibbli ma' standards internazzjonali relevanti.~~

🡻 550/2004 premessa 2 (adattat)

~~Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-ajru uniku Ewropew ta' Novembru 2000 ikkonferma l-ħtieġa ta' regoli fil-livell Komunitarju biex wieħed jiddistingwi bejn regolament u dispożizzjoni ta' servizz u tkun introdotta sistema ta' ċertifikazzjoni bil-għan li tippreżerva r-rekwiżiti ta' interess pubbliku, b'mod l-aktar notevoli f'termini ta' sigurezza, u ttejjeb il-mekkaniżmi ta' ħlasijiet.~~

🡻 550/2004 premessa 10

~~Filwaqt li tkun iggarantita l-kontinwita ta' forniment ta' servizz, sistema komuni għandha tkun stabbilita biex tiċċertifika fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, li tikkostitwixxi mezz li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-fornituri u għal moniteraġġ regolari tal-konformita ma' rekwiżiti tali.~~

🡻 550/2004 premessa 12

~~Iċ-ċertifikati għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament mill-Istati Membri kollha biex jippermettu fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor barra l-pajjiż li fih ikunu kisbu ċ-ċertifikati tagħhom, fil-limiti tar-rekwiżiti ta' sigurezza.~~

🡻 550/2004 premessa 14

~~Fl-interess li jkun iffaċilitat l-immaniġġar salv tat-traffiku tal-ajru travers il-konfini tal-Istati Membri għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-passiġġieri tagħhom, is-sistema ta' ċertifikazzjoni għandha tipprovdi għal qafas biex tagħmel possibbli għall-Istati Membri li jaħtru fornituri ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru, mingħajr ma jingħata każ ta' fejn ikunu ġew iċċertifikati.~~

🡻 550/2004 premessa 5

~~Il-forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru, kif ipprevedut minn dan ir-Regolament, huwa konness mal-eżerċizzju tal-poteri (setgħat) ta' awtorita pubblika, li m'humiex ta' natura ekonomika li tiġġustifika l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat.~~

🡻 550/2004 premessa 13

~~Il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza, kif ukoll servizzi ta' informazzjoni aeronawtika, għandu jkun organizzat taħt kundizzjonijiet tas-suq filwaqt li jitqiesu l-fattizzi speċjali ta' servizzi tali u jinżamm livell għoli ta' sigurezza.~~

🡻 550/2004 premessa 15

~~Fuq il-bażi tal-analiżi tagħhom ta' konsiderazzjonijiet ta' sigurezza, Stati Membri għandhom ikunu jistgħu jaħtru fornitur jew aktar minn wieħed ta' servizzi meteoroloġiċi rigward l-ispazju tal-ajru kollu jew parti minnu taħt ir-responsabbiltà tagħhom, mingħajr il-ħtieġa li tkun organizzata sejħa għal offerti.~~

🡻 550/2004 premessa 19

~~Il-kundizzjonijiet ta' ħlasijiet li japplikaw għall-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom ikunu ġusti u trasparenti.~~

🡻 550/2004 premessa 20

~~Il-ħlasijiet tal-utent għandhom jipprovdu remunerazzjoni għall-faċilitajiet u servizzi provduti minn fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru u Stati Membri. Il-livell ta' ħlasijiet tal-utent għandu jkun proporzjonat mal-ispiża, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet ta' sigurezza u effiċjenza ekonomika.~~

🡻 550/2004 premessa 21

~~M'għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn utenti tal-ispazju tal-ajru fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ekwivalenti ta' navigazzjoni tal-ajru.~~

🡻 550/2004 premessa 22

~~Fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru joffru ċerti faċilitajiet u servizzi konnessi direttament mal-operat ta' ajruplan, li l-ispejjeż tagħhom huma għandhom ikunu jistgħu jirkopru skont il-prinċipju "l-utent iħallas", li jfisser li l-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom iħallsu għall-ispejjeż li joħolqu fil-punt tal-użu jew kemm jista' jkun possibbli qrib tiegħu.~~

🡻 550/2004 premessa 23

~~Huwa importanti li tkun żgurata t-trasparenza tal-ispejjeż li faċilitajiet u servizzi tali jikkaġunaw. Għalhekk, kull bidliet magħmula fis-sistema jew livell ta' ħlasijiet għandhom ikunu spjegati lill-utenti tal-ispazju tal-ajru; bidliet tali jew investiment propost mill-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom ikunu spjegati bħala parti mill-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi maniġerjali tagħhom u l-utenti tal-ispazju tal-ajru.~~

↓ 550/2004 premessa 24

~~Għandu jkun hemm ambitu għal bidliet fil-ħlasijiet li jikkontribwixxu għall-aktar tkabbir possibbli tal-kapaċità mas-sistema kollha. Inċentivi finanzjarji jistgħu jkunu manjiera utli biex tħaffef l-introduzzjoni ta' tagħmir ibbażat fl-art jew miġrur fl-ajru li jżid il-kapaċita, ta' twettiq fi grad għoli li jħalli benefiċċji jew ta' kumpens għall-inkonvenjenza ta' għażla ta' rotot anqas mixtieqa.~~

↓ 550/2004 premessa 25

~~Fil-kuntest ta' dak id-dħul (introjtu) akkumulat biex jipprovdi qligħ raġjonevoli fuq assi, u f'korelazzjoni diretta mat-tifdil li jkun sar minn titjib fl-effiċjenza, l-Kummissjoni għandha tistudja l-possibbiltà li tistabbilixxi riserva bil-għan li tnaqqas l-impatt ta' żieda għal għarrieda fi ħlasijiet għall-utenti ta' spazju tal-ajru f'ħinijiet ta' meta jonqsu l-livelli tat-traffiku.~~

↓ 550/2004 premessa 26

~~Il-Kummissjoni għandha teżamina l-possibbiltà li torganizza għajnuna finanzjarja temporanja għal miżuri li jżidu l-kapaċita tas-sistema ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa fit-total tagħha.~~

↓ 550/2004 premessa 27

~~L-istabbiliment u l-impożizzjoni ta' ħlasijiet fuq l-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom ikunu riveduti mill-Kummissjoni fuq bażi regolari, f'koperazzjoni ma' Eurocontrol, u mal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u l-utenti ta' spazju tal-ajru.~~

↓ 551/2004 premessa 8

~~L-attivitajiet tal-Eurocontrol jikkonfermaw li x-xibka ta' rotot u struttura ta' spazju tal-ajru ma jistgħux realistikament ikunu żviluppati f'iżolazzjoni, għax kull Stat Membru huwa element integrali tax-Xibka Ewropea ta' amministrazzjoni ta' traffiku tal-ajru (XEATA), kemm ġewwa kif ukoll barra l-Komunità.~~

↓ 551/2004 premessa 13

~~Huwa essenzjali li tinkiseb struttura komuni, armonizzata f'termini ta' rotot u setturi, biex tkun bażi ta' organizzazzjoni preżenti u futura ta' spazju tal-ajru fuq prinċipji komuni, u spazju tal-ajru jkun iddisinjat u amministrat skont regoli armonizzati.~~

⇩ ġdid

(35) "Id-disponibbiltà ta' *data* operazzjonali rilevanti hi essenzjali biex tippermetti l-forniment flessibbli ta' servizzi tad-*data* dwar it-traffiku tal-ajru, b'mod transfruntier u għall-Unjoni kollha. Għalhekk, din id-*data* jenħtieġ tkun disponibbli għall-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż għall-fornituri prospettivi ġodda tas-servizzi tad-*data* dwar it-traffiku tal-ajru. Il-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar l-istatus tal-ispazju tal-ajru u dwar sitwazzjonijiet speċifiċi tat-traffiku tal-ajru u t-tixrid fil-ħin ta' din l-informazzjoni lill-kontrolluri ċivili u militari għandha impatt dirett fuq is-sikurezza u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet. L-aċċess fil-ħin għal informazzjoni aġġornata dwar l-istatus tal-ispazju tal-ajru hi essenzjali għall-partijiet kollha li jixtiequ jisfruttaw l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru li jsiru disponibbli meta jkunu qed jimlew jew jimlew bil-ġdid il-pjanijiet tat-titjiriet tagħhom.

🡻 550/2004 premessa 16

~~Fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jistabbilixxu u jżommu koperazzjoni stretta mal-awtoritajiet militari responsabbli għal attivitajiet li jistgħu jolqtu (jaffettwaw) it-traffiku tal-ajru ġenerali, permezz ta' arranġamenti xierqa.~~

🡻 550/2004 premessa 17

~~Il-kontijiet tal-fornituri kollha ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jipprovdu għal trasparenza massima.~~

🡻 550/2004 premessa 18

~~L-introduzzjoni ta' prinċipji u kundizzjonijiet armonizzati għall-aċċess ta' *data* operazzjonali għandha tiffaċilita l-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u l-operat ta' utenti tal-ispazju tal-ajru u ajruporti taħt ambjent ġdid.~~

🡻 551/2004 premessa 9

~~Spazju tal-ajru li jopera aktar integrat progressivament għandu jkun stabbilit għal traffiku tal-ajru en-route ġenerali fl-ispazju tal-ajru ta' aktar 'il fuq; il-konfini bejn spazju tal-ajru ta' aktar 'il fuq u ta' aktar 'l isfel għandha tkun identifikata skont dan.~~

🡻 551/2004 premessa 10

~~Reġjun Ewropew ta' Informazzjoni għal Titjir Aktar 'il Fuq (AEIF) li jikkomprendi l-ispazju tal-ajru ta' aktar 'il fuq taħt ir-responsabbilita tal-Istati Membri fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jiffaċilita l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni komuni dwar ippjanar u aeronawtika biex jingħelbu konġestjonijiet reġjonali.~~

🡻 1070/2009 premessa 30 (adattat)
⇨ ġdid

(36) Il-forniment ta’ informazzjoni ajrunawtika ~~moderna,~~ kompluta, ta’ kwalità għolja u fil-ħin għandu impatt sinifikanti fuq is-sikurezza u fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ispazju tal-ajru ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u ⇨ l-possibbiltajiet ta’ moviment fi ħdanu ⇦ ~~u l-moviment ħieles fih~~ . ~~Filwaqt li tqis il-Pjan Komprensiv tal-ATM, il-Komunità għandha tieħu l-inizzjattiva biex timmodernizza dan is-settur b’kooperazzjoni mal-Eurocontrol u tiżgura li l-utenti jkunu jistgħu jikkonsultaw din id-*data* permezz ta’ punt uniku ta’ aċċess pubbliku li jipprovdi informazzjoni integrata moderna, validata u li tista’ tintuża faċilment~~ ⇨ Jenħtieġ li l-aċċess għal dik id-*data* jiġi ffaċilitat b’infrastruttura ta’ informazzjoni xierqa ⇦.

⇩ ġdid

(37) L-użu sikur u effiċjenti tal-ispazju tal-ajru jista’ jinkiseb biss b’koperazzjoni mill-qrib bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru ċivili u militari, li fil-prattika hi bbażata l-aktar fuq il-kunċett ta’ użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru u koordinazzjoni ċivili militari effettiva kif stabbilit mill-ICAO. Jenħtieġ jiġu stabbiliti regoli biex tkun żgurata l-applikazzjoni ta’ dan il-kunċett, u l-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa li tipprevedi miżuri li jiżguraw armonizzazzjoni akbar.

(38) Il-proġett SESAR għandu l-għan li jippermetti l-iżvilupp sikur, effiċjenti u ambjentalment sostenibbli tat-trasport bl-ajru billi jimmodernizza s-sistema Ewropea u globali tal-ATM. Biex tikkontribwixxi għall-effettività sħiħa tiegħu, jenħtieġ tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa bejn il-fażijiet tal-proġett. Il-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew jenħtieġ jirriżulta mill-fażi tad-definizzjoni ta’ SESAR, u jenħtieġ jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

(39) Il-kunċett ta’ proġetti komuni jenħtieġ ikollu l-għan li jimplimenta, fil-ħin u b’mod koordinat u sinkronizzat, il-bidliet operazzjonali essenzjali identifikati fil-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew li jħallu impatt fuq in-network kollu. Il-Kummissjoni jenħtieġ tkun inkarigata twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji b’rabta mal-finanzjament biex titħaffef il-mobilizzazzjoni tal-proġett SESAR.

(40) Il-konformità mar-rekwiżiti għas-sistemi u l-kostitwenti tal-ATM stabbiliti bir-Regolament (UE) 2018/1139 jenħtieġ tiżgura l-interoperabbiltà ta’ dawk is-sistemi u l-kostitwenti, għall-benefiċċju tal-Ajru Uniku Ewropew.

🡻 551/2004 premessa 11

~~Utenti ta' spazju tal-ajru jiffaċċjaw kondizzjonijiet diversi ta’ aċċess għal, u ħelsien ta’ moviment fi, l-ispazju tal-ajru Komunitarju. Dan hu dovut għan-nuqqas ta’ armonizzazzjoni fil-klassifika ta’ spazju tal-ajru.~~

🡻 551/2004 premessa 12

~~Il-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-ispazju tal-ajru għandu jkun ibbażat fuq rekwiżiti operazzjonali mingħajr ma jittieħed kaž ta' konfini eżistenti. Prinċipji komuni ġenerali biex jinħolqu blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali uniformi għandhom ikunu żviluppati f'konsultazzjoni ma' u fuq il-bażi ta' parir tekniku minn Eurocontrol.~~

🡻 551/2004 premessa 14

~~Il-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru għandu jkun applikat b'mod effettiv; huwa meħtieġ li jsir l-aħjar użu mis-setturi tal-ispazju tal-ajru, speċjalment matul perjodi fl-aqwa tat-traffiku tal-ajru u fl-ispazju tal-ajru ta' traffiku intens, permezz ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-użu ta' setturi tali għal operazzjonijiet militari u ta' taħriġ. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li jkunu allokati r-riżorsi xierqa għal implimentazzjoni effettiva tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti kemm ċivili kif ukoll militari.~~

🡻 551/2004 premessa 15

~~Stati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jikkoperaw mal-Istati Membri ġirien biex japplikaw il-konċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru min-naħa għall-oħra tal-konfini nazzjonali.~~

🡻 551/2004 premessa 16

~~Differenzi fl-organizzazzjoni ta' koperazzjoni ċivili-militari fil-Komunità jirrestrinġu l-amministrazzjoni uniformi u f'waqtha tal-ispazju tal-ajru u l-implimentazzjoni ta' bidliet. Is-suċċess tal-ajru uniku Ewropew jiddependi fuq il-koperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ċivili u militari, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi u responsabbilitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tad-difiża.~~

🡻 551/2004 premessa 17

~~Operazzjonijiet u taħriġ militari għandhom ikunu ssalvagwardjati kull meta l-applikazzjoni tal-prinċipji u kriterji komuni jkun detrimentali għat-twettiq salv u effiċjenti tagħhom.~~

🡻 551/2004 premessa 18

~~Miżuri adegwati għandhom ikunu introdotti biex itejbu l-effikaċita tal-amministrazzjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru biex jassistu unitajiet operazzjonali eżistenti, inkluża l-Unita Ċentrali Amministrattiva tal-Fluss tal-Eurocontrol, jiżguraw operazzjonijiet ta' titjir effiċjenti.~~

➔ 549/2004 premessa 7

L-ispazju tal-ajru jikkostitwixxi riżorsa limitata, li l-aħjar u l-aktar użu effiċjenti tagħha tkun possibbli biss jekk jitqiesu r-rekwiżiti tal-utenti kollha u fejn relevanti, irrappreżentati fl-iżvilupp kollu kemm hu (sħiħ), fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, inkluż il-Kumitat dwar Ajru Uniku.

➔ 549/2004 premessa 25

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[38].

➔ 549/2004 premessa 26 (adattat)

L-Artikolu 8(2) tar-Regoli Interni Standard għal kumitati[39] stabbilit bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE jipprovdi regola standard li skont il-president ta' kumitat jista' jiddeċiedi li jistieden partijiet terzi għal laqgħa ta' dak il-kumitat. Jekk xieraq, il-president tal-Kumitat dwar Ajru Uniku għandu jistieden rappreżentanti ta' Eurocontrol biex jieħdu sehem f'laqgħat bħala osservaturi jew esperti,

➔ 549/2004 premessa 18

Dawk interessati bħalma huma fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, utenti ta' spazju tal-ajru, ajruporti, l-industrija tal-manifattura u korpi rappreżentanti tal-istaff professjonali għandu jkollhom il-possibbilta li jagħtu pariri (rakkomandazzjonijiet) lill-Kummissjoni dwar aspetti tekniċi tal-implimentazzjoni tal-ajru uniku Ewropew.

➔ 549/2004 premessa 12

Huwa mixtieq li l-ajru uniku Ewropew ikun estiż għal pajjiżi terzi Ewropej, jew fil-qafas ta' parteċipazzjoni mill-Komunità fix-xogħol ta' Eurocontrol, wara l-adeżjoni mill-Komunità ma' Eurocontrol, jew permezz ta' ftehim konklużi mill-Komunità ma' dawn il-pajjiżi.

➔ 549/2004 premessa 13

L-adeżjoni tal-Komunità ma' Eurocontrol hija komponent importanti fil-ħolqien ta' spazju tal-ajru pan-Ewropew.

[38] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[39] ĠU C 38, 6.2.2001, p. 3.

🡻 549/2004 premessa 14

~~Fil-proċess tal-ħolqien ta' ajru uniku Ewropew, il-Komunità għandha, meta xieraq, tiżviluppa koperazzjoni fl-ogħla livell ma' Eurocontrol biex tiżgura sinerġji regolatorji u avviċinamenti (trattamenti) konsistenti, u tevita kull duplikazzjoni bejn iż-żewġ naħat.~~

🡻 549/2004 premessa 15 (adattat)

~~Skont il-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli, Eurocontrol huwa l-korp li għandu l-kompetenza proprja biex isostni l-Komunità fil-funzjoni tagħha bħala regolatur. Għalhekk, regoli ta' implimentazzjoni għandhom ikunu żviluppati, għal materji li jaqgħu fil-kompetenza ta' Eurocontrol b'riżultat ta' mandati lil dik l-organizzazzjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet li għandhom ikunu inklużi f'qafas ta' koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u Eurocontrol.~~

🡻 549/2004 premessa 16

~~L-abbozzar ta' miżuri meħtieġa biex jinħoloq l-ajru uniku Ewropew jirrikjedi konsultazzjonijiet fuq bażi wiesa' ma' dawk interessati ekonomiċi u soċjali.~~

🡻 550/2004 premessa 8

~~Operat fil-lixx tas-sistema ta' trasport tal-ajru jirrekjedi wkoll standards uniformi u ta' sigurezza kbira mill-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru.~~

🡻 550/2004 premessa 9

~~Arranġamenti għandhom isiru li jarmonizzaw is-sistemi tal-għoti ta' liċenzji għal kontrolluri, biex titjieb id-disponibbiltà ta' kontrolluri u jkun promoss ir-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji.~~

🡻 550/2004 premessa 28

~~Minħabba s-sensittività partikulari tal-informazzjoni dwar fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza m'għandhomx jikxfu (jiżvelaw) informazzjoni koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali, mingħajr preġudizzju għall-organizzazzjoni ta' sistema għall-moniteraġġ u pubblikar tat-twettiq (l-esekuzzjoni) ta' dawk il-fornituri.~~

↓ 549/2004 premessa 19

~~It-twettiq tas-sistema ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-intier tagħha fil-livell Ewropew għandu jkun stmat fuq bażi regolari, b'attenzjoni dovuta għall-manutenzjoni ta' livell għoli ta' sigurezza, biex jikkontrolla l-effikaċita tal-miżuri adottati u jipproponi aktar miżuri.~~

↓ 549/2004 premessa 21

~~L-impatt tal-miżuri meħuda għall-applikar ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu stmati fid-dawl ta' rapporti li għandhom ikunu ssottomessi regolarment mill-Kummissjoni.~~

↓ 551/2004 premessa 19

~~Huwa mixtieq li jkun hemm riflessjoni fuq l-estensjoni tal-kunċetti tal-ispazju tal-ajru ta' aktar 'il fuq għall-ispazju tal-ajru ta' aktar 'l isfel, skont skeda ta' żmien u studji xierqa,~~

↓ 549/2004 premessa 22

~~Dan ir-Regolamentr ma għandux jaffettwa (jolqot) is-setgħa ta' Stati Membri li jadottaw dispożizzjonijiet fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-forzi armati tagħhom. Din is-setgħa tista' twassal Stati Membri biex jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-forzi armati tagħhom ikollhom spazju tal-ajru suffiċjenti għal għanijiet ta' edukazzjoni u taħriġ. Għandu għalhekk isir provvediment għal klawsola ta' salvagwardja li tagħmel possibbli li din is-setgħa tkun eżerċitata.~~

⇩ ġdid

(41) Biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi jew operazzjonali, b'mod partikolari billi jiġu emendati l-annessi, jew billi jiġu supplimentati d-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tan-network, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Il-kontenut u l-ambitu ta' kull delega huma stabbiliti fid-dettall fl-Artikoli rilevanti. Meta tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament, hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[40]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

[40] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(42) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-modalitajiet tal-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' għażla għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni tar-regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni ekonomika tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru; tar-regoli għall-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti, b'mod partikolari dwar l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-klassifikazzjoni tas-servizzi tal-ġestjoni tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, il-kriterji u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri ta' prestazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-Maniġer tan-Network, u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni; tar-regoli dwar l-għoti tal-informazzjoni fuq il-kostijiet u l-imposti, il-kontenut u l-istabbiliment ta' bażi tal-kost għall-imposti u l-istabbiliment ta' rati unitarji għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, mekkaniżmi ta' inċentivi u mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tar-riskji, il-ħatra tal-Maniġer tan-Network u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-ħatra, il-kompiti tal-Maniġer tan-Network u l-mekkaniżmi ta' governanza li jridu jiġu applikati għalih; tar-regoli dwar l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-network, il-modalitajiet tal-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar deċiżjonijiet operazzjonali maġġuri tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, ir-rekwiżiti b'rabta mad-disponibbiltà ta' data operazzjonali, il-kundizzjonijiet tal-aċċess u l-iffissar tal-prezzijiet tal-aċċess, l-applikazzjoni tal-kunċett ta' użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru, l-istabbiliment ta' proġetti komuni u l-mekkaniżmi ta' governanza applikabbli għalihom. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41].

➔ 1070/2009 premessa 11 (adattat)

(43) Is-sħab soċjali jenħtieġ ikunu informati u kkonsultati aħjar dwar il-miżuri kollha li jkollhom implikazzjonijiet soċjali sinifikanti. Fil-livell ~~Komunitarju għandhom ikunu kkonsultati wkoll~~ ⌦ tal-Unjoni, jenħtieġ jiġi kkonsultat ukoll ⌫ il-Kumitat dwar id-Djalogu Settorjali mwaqqaf skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE[42].

➔ 549/2004 premessa 20 (adattat)

(44) ~~Is-sanzjonijiet~~ ⌦ Il-penali ⌫ previsti fir-rigward tal-ksur ta' dan ir-Regolament ~~u tal-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3 għandhom~~ jenħtieġ ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, mingħajr tnaqqis tas-sikurezza.

---

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[42] ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.

⇩ ġdid

(45) Fid-dawl tal-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja fir-rigward tas-sovranità u l-ġurisdizzjoni fit-territorju fejn jinsab l-ajruport, dan ir-Regolament jenħtieġ ma jkunx japplika għall-ajruport ta' Ġibiltà.

⬇ 549/2004 premessa 24 (adattat)

(46) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ~~l-ħolqien~~ ⌦ l-implimentazzjoni ⌫tal-Ajru Uniku Ewropew, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri~~,~~ ~~minħabba l-iskala trasnazzjonali tal-azzjoni, u~~ ⌦ iżda ⌫ jista' ~~għalhekk~~ ⌦ minflok, minħabba l-iskala transnazzjonali tal-azzjoni, ⌫ jinkiseb aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ , ~~filwaqt li jippermetti għal regoli ta' implimentazzjoni ddettaljati li jieħdu f'konsiderazzjoni kundizzjonijiet speċifiċi lokali,~~ ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà~~,~~ kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità~~,~~ kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex ~~jinkiseb dan l-għan~~ ⌦ jintlaħaq dak l-objettiv ⌫ ,

⬇ 550/2004 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ⌦ ĠENERALI ⌫

⬇ 1070/2009 Art. 1.1 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 1

~~Għan~~ ⌦ Suġġett ⌫ u kamp ta' applikazzjoni

1. ⇨ Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-ħolqien u l-funzjonament effettiv ⇦ ~~L-għan tal-inizjattiva dwar ta'~~ tal-~~a~~Ajru ~~u~~Uniku Ewropew ~~hu li jittejbu~~ ⌦ biex jissaħħu ⌫ l-istandards tas-sikurezza attwali tat-traffiku tal-ajru, biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru u titjieb il-prestazzjoni ġenerali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ~~(ATM)~~ u s-sistema ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ~~(ANS)~~ għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa, bil-ħsieb li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru. ~~Dan~~ ⌦ ⌫ ~~l-as~~L-Ajru ~~u~~Uniku Ewropew għandu jikkonsisti minn network pan-Ewropew koerenti ~~ta' rotot~~, ⇨ spazju tal-ispazju tal-ajru progressivament aktar integrat, ⇦ ġestjoni tan-network u sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bbażati ~~biss~~ fuq is-sikurezza, l-effiċjenza, ~~u l-kunsiderazzjonijiet tekniċi,~~ ⇨ l-interoperabbiltà u l-modernizzazzjoni

teknoloġika ⇦ , għall-benefiċċju tal-utenti kollha tal-ispazju tal-ajru,. ⇨ taċ-ċittadini u tal-ambjent. ⇦ ~~Biex jilħaq dan il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas regolatorju armonizzat għall-ħolqien tal-ajru uniku Ewropew.~~

🡻 1070/2009 Art. 1.2 (adattat)

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ~~u tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3~~ għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-sovranità tal-Istati Membri fuq l-ispazju tal-ajru tagħhom u għar-rekwiżiti tal-Istati Membri relatati mal-ordni pubbliku, mas-sigurtà pubblika u ma' kwistjonijiet tad-difiża, kif stabbilit fl-Artikolu 44~~13~~. Dan ir-Regolament ~~u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 3~~ ~~ma jkoprux~~ ⌦ ma jkoprix ⌫ l-operazzjonijiet u t-taħriġ militari.

🡻 1070/2009 Art. 1.3 (adattat)

3. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ~~u l-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3~~ għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u d-doveri tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago"). F'dan il-kuntest, ~~għan ieħor ta'~~ dan ir-Regolament ~~hu,~~ ⌦ għandu l-għan li jassisti, ⌫ fl-oqsma li jkopri, ~~li jgħin~~ lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago, billi jipprovdi bażi għall-interpretazzjoni komuni u l-implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tiegħu, u billi jiżgura li dawn id-dispożizzjonijiet jitqiesu kif jixraq f'dan ir-Regolament u fir-regoli mfassla għall-implimentazzjoni tiegħu.

🡻 550/2004

~~KAPITOLU I~~

~~ĠENERALI~~

~~Artikolu 1~~

~~Ambitu u għanijiet~~

~~1. Fl-ambitu tar-Regolament qafas, dan ir-Regolament jikkonċerna l-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment salv u effiċjenti ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fil-Komunità.~~

~~2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għal traffiku tal-ajru ġenerali skont u ġewwa l-ambitu tar-Regolament qafas.~~

↓ 551/2004

KAPITOLU I

ĠENERALI

Artikolu 1

Għanijiet u ambitu

1. Fl-ambitu tar-Regolament qafas, dan ir-Regolament jikkonċerna l-organizzazzjoni u l-użu ta' spazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jsostni l-kunċett ta' spazju tal-ajru li jopera progressivament aktar integrat fil-kuntest tal-politika ta' trasport komuni u jistabbilixxi proċeduri komuni għal iddisinjar, ippjanar u amministrazzjoni li jiżguraw it-twettiq effiċjenti u salv ta' l-amministrazzjoni ta' traffiku ta' l-ajru.

2. L-użu ta' spazju tal-ajru għandu jsostni l-operazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru bħala entita koerenti u konsistenti skont ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-proviżjoni ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-proviżjon tas-servizz)[43].

↓ 551/2004 (adattat)

⇨ ġdid

43. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, dDan ir-Regolament għandu japplika għall-ispazju tal-ajru fir-reġjuni EUR tal-ICAO u AFI fejn l-Istati Membri huma responsabbli għall-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament tal-proviżjoni tas-servizz. L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw dan ir-Regolament għall-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom f'reġjuni oħra tal-ICAO, diment li jinformaw ⌦ b'dan ⌫ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

↓ 551/2004

4. Ir-Reġjuni ta' Informazzjoni dwar Titjir li jidħlu fl-ispazju tal-ajru li għalih dan ir-Regolamentr japplika għandhom ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

↓ 1070/2009 Art. 1.1

4. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittannja u tal-Irlanda ta' Fuq għar-rigward il-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju ta' fejn jinstab l-ajruport.

[43] Ara l-paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⇩ ġdid

5. [Jekk ir-Regolament jiġi adottat qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni: Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-ajruport ta' Ġibiltà.]

6. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, meta ssir referenza għall-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-Aġenzija), din ir-referenza għandha tinftiehem bħala mmirata lejn l-Aġenzija fil-kapaċità tagħha bħala awtorità tas-sikurezza u mhux bħala awtorità inkarigata mill-analiżi tal-prestazzjoni.

🡻 549/2004 (adattat)

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ~~u tal-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3~~, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

🡻 549/2004 (adattat)

⇨ ġdid

~~1. "servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (KTA)" tfisser servizz ipprovdut għall-għan:~~

1~~2~~. "servizz ta' kontroll tal-ajrudrom" tfisser servizz ta' kontroll ⌦ tat-traffiku tal-ajru ⌫ (ATC) għat-traffiku tal-ajrudrom;

2~~3~~. "servizz ta' informazzjoni ajrunawtika" tfisser servizz, stabbilit ~~ġewwa ż-żona~~ ⌦ f'żona ⌫ definita ta' kopertura, responsabbli għall-forniment ta' informazzjoni ajrunawtika u *data* meħtieġa għas-sikurezza, ir-regolarità u l-effiċjenza tan-navigazzjoni bl-ajru;

3~~5~~. "fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru" tfisser entità pubblika jew privata li tipprovdi servizz ⌦ wieħed jew aktar ⌫ tan-navigazzjoni bl-ajru għat-traffiku tal-ajru ġenerali;

4~~4~~. "servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ⌦ (ANS) ⌫ " tfisser servizzi tat-traffiku tal-ajru; servizzi tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni u tas-sorveljanza ⌦ (CNS) ⌫ ; servizzi meteoroloġiċi ~~għan-navigazzjoni bl-ajru~~ ⌦ (MET) ⌫ ; ~~u~~servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika ⌦ (AIS) ⌫ ; ⇨ u servizzi tad-*data* dwar it-traffiku tal-ajru (ADS); ⇦

5~~1~~. "servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)" tfisser servizz ipprovdut bil-għan li:

(a) ikunu evitati kolliżjonijiet:

(i) bejn inġenji tal-ajru;~~, u~~

(ii) fiż-żona tal-immanuvrar bejn l-inġenji tal-ajru u l-ostakli; u

(b) jitħaffef u jinżamm fluss ordnat tat-traffiku tal-ajru;

⇩ ġdid

6. "servizzi tad-*data* dwar it-traffiku tal-ajru" tfisser servizzi li jikkonsistu fil-ġbir, l-aggregazzjoni u l-integrazzjoni ta' *data* operazzjonali mingħand fornituri ta' servizzi tas-sorveljanza, mingħand fornituri ta' servizzi tal-MET u tal-AIS u funzjonijiet tan-network, u mingħand entitajiet rilevanti oħra, jew il-forniment ta' *data* pproċessata għall-finijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;

7. "ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru (ATFCM)" tfisser servizz li għandu l-għan li jipproteġi l-kontroll tat-traffiku tal-ajru minn konsenji eċċessivi u li jottimizza l-użu tal-kapaċità disponibbli;

🡻 549/2004 (adattat)

⇨ ġdid

89. "ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ⌦ (ATFM) ⌫ " tfisser funzjoni ⇨ jew servizz ⇦ stabbiliti bil-għan li jikkontribwixxu għal fluss sikur, ordnat u veloċi tat-traffiku tal-ajru ⇨ li jkopri t-trajettorja kollha ⇦ billi jiżguraw li l-kapaċità tal-ATC tiġi sfruttata bl-aħjar mod possibbli, u li l-volum tat-traffiku jkun kompatibbli mal-kapaċitajiet iddikjarati mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;

🡻 1070/2009 Art. 1.2(b)

⇨ ġdid

910. "ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM)" tfisser l-aggregazzjoni tal-funzjonijiet ⇨ jew tas-servizzi ⇦ fl-ajru u bbażati fl-art (servizzi tat-traffiku tal-ajru, ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, u ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru) meħtieġa biex ikun żgurat il-moviment sikur u effiċjenti ta' inġenju tal-ajru tul il-fażijiet kollha tal-operazzjonijiet;

🡻 549/2004

1011. "servizzi tat-traffiku tal-ajru" tfisser is-servizzi varji ta' informazzjoni dwar it-titjiriet, servizzi ta' twissija, servizzi ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru u servizzi tal-ATC (servizzi taż-żona, l-avviċinament u l-kontroll tal-ajrudrom);

116. "blokk tal-ispazju tal-ajru" tfisser spazju tal-ajru ta' dimensjonijiet definiti, fl-ispazju u fil-ħin, li fi ħdanu jingħataw servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

127. "ġestjoni tal-ispazju tal-ajru" tfisser funzjoni tal-ippjanar bl-objettiv primarju li tisfrutta bl-aħjar mod possibbli l-ispazju tal-ajru disponibbli permezz ta' parteċipazzjoni dinamika fil-ħin u, xi drabi, permezz tas-segregazzjoni tal-ispazju tal-

ajru fost il-kategoriji varji tal-utenti tal-ispazju tal-ajru abbażi tal-ħtiġijiet għaż-żmien immedjat;

⇩ ġdid

13. "struttura tal-ispazju tal-ajru" tfisser volum speċifiku ta' spazju tal-ajru definit bil-ħsieb li tkun żgurata l-operazzjoni sikura u ottimali ta' inġenju tal-ajru;

🡻 1070/2009 Art. 1.2(a) (adattat)

148. "utenti tal-ispazju tal-ajru" tfisser l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kollha operati skont ⌦ ir-regoli dwar ⌫ it-traffiku ġenerali tal-ajru ⌦⌫ ;

🡻 1070/2009 Art. 1.2(g)

1523b. "servizz ta' twissija" tfisser servizz provdut biex javża lill-organizzazzjonijiet rilevanti dwar inġenji tal-ajru li jeħtieġu għajnuna ta' tiftix u salvataġġ, u biex jgħin lil dawn l-organizzazzjonijiet skont il-ħtieġa;

🡻 549/2004

⇨ ġdid

1613. "servizz ta' kontroll tal-avviċinament" tfisser servizz tal-ATC għat-titjiriet ikkontrollati li jaslu jew jitilqu;

1712. "servizz ta' kontroll taż-żona" tfisser servizz tal-ATC għal titjiriet ikkontrollati ⇨ f'żoni tal-kontroll ⇦ ~~fi blokk ta' spazju tal-ajru~~;

⇩ ġdid

18. "valur bażi" tfisser valur definit bi stima għall-fini tal-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni u rigward kostijiet iddeterminati jew kostijiet unitarji ddeterminati tul is-sena ta' qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju rilevanti;

19. "grupp ta' parametri referenzjarji" tfisser grupp ta' fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'ambjent operazzjonali u ekonomiku simili;

20. "valur diżaggregat" tfisser il-valur miksub, għal fornitur partikolari ta' servizz tat-traffiku tal-ajru, meta mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha tinqasam għal-livell ta' kull fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, u li jservi bħala referenza għall-valutazzjoni tal-konsistenza tal-mira ta' prestazzjoni stabbilita fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mal-mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha;

🡻 549/2004

~~14. "qatta ta' servizzi" tfisser żewġ servizzi jew aktar ta' navigazzjoni tal-ajru;~~

🡻 1070/2009 Art. 1.2(d) (adattat)

⇨ ġdid

21~~15~~. "ċertifikat" tfisser dokument maħruġ ⇨ mill-Aġenzija,⇦ minn awtorità ~~superviżorja~~ ⇨ kompetenti ⇦ nazzjonali ⌦ jew minn awtorità superviżorja nazzjonali, ⌫ fi kwalunkwe għamla konformi mal-liġi nazzjonali, li jikkonferma li fornitur ⇨ tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ⇦ u tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru jissodisfa r-rekwiżiti biex jipprovdi servizz speċifiku;

⇩ ġdid

22. "servizz ta' informazzjoni komuni (CIS)" tfisser servizz li jikkonsisti fil-ġbir ta' data statika u dinamika u d-disseminazzjoni tagħha li jippermettu l-forniment ta' servizzi għall-ġestjoni tat-traffiku ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord;

🡻 549/2004

23~~16~~. "servizzi tal-komunikazzjoni" tfisser servizzi ajrunawtiċi fissi jew mobbli li jippermettu l-komunikazzjoni mill-art għall-art, mill-ajru għall-art u mill-ajru għall-ajru għall-finijiet tal-ATC;

~~18. "konċett ta' operat" tfisser il-kriterji għall-użu operazzjonali tax-XEATA jew parti minnha;~~

24~~19~~. "kostitwenti" tfisser oġġetti tanġibbli bħal hardware u oġġetti intanġibbli bħal software li fuqhom tiddependi l-interoperabbiltà tan-Network Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (EATMN);

⇩ ġdid

25. "żona ta' kontroll" tfisser spazju tal-ajru kontrollat li jestendi 'l fuq minn limitu speċifiku 'l fuq minn wiċċ id-dinja;

26. "teħid tad-deċiżjonijiet koperattiv" tfisser proċess li matulu d-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi ta' interazzjoni u konsultazzjoni mal-Istati Membri, ma' partijiet ikkonċernati operazzjonali u ma' atturi oħra kif ikun xieraq;

⬇ 1070/2009 Art. 1.2(j)

⇨ ġdid

2741. "servizzi transfruntieri" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni fejn servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru huma mogħtija fi Stat Membru wieħed minn fornitur tas-servizzi ⇨ li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fi Stat Membru ieħor ⇦ ċċertifikat fi Stat Membru ieħor;

⇩ ġdid

28. "dikjarazzjoni" tfisser, għall-finijiet tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, dikjarazzjoni kif definita fl-Artikolu 3(10) tar-Regolament (UE) 2018/1139;

29. "servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route" tfisser servizzi tat-traffiku tal-ajru relatati mal-kontroll ta' inġenju tal-ajru minn tmiem il-fażi tat-tluq u l-fażi inizjali tat-tlugħ sal-bidu tal-fażi tal-avviċinament u tal-inżul u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru sottostanti meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi tat-traffiku tal-ajru en route.

30. "żona ta' imposti en route" tfisser volum tal-ispazju tal-ajru li jestendi mill-art 'il fuq sal-ispazju tal-ajru ta' fuq, b'dan inkluż, fejn jingħataw servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u li għalihom tiġi stabbilita bażi tal-kost unika;

⬇ 549/2004 (adattat)

3120. "Eurocontrol" hija l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru mwaqqfa bil-Konvenzjoni Internazzjonali tat-13 ta' Diċembru 1960 dwar il-Koperazzjoni għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru[44];

3217. "Network Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru" (EATMN) tfisser il-ġabra ta' sistemi, elenkati fil-punt 3.1 tal-Anness VIIII tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-xibka Ewropea ta' amministrazzjoni ta' traffiku tal-ajru (ir-Regolament ta' interoperabilita)[45], li jagħmel possibbli li jingħataw servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fil-Komunità ⌦ fl-Unjoni ⌫, inkluż l-interfaċċi fil-fruntieri ma' pajjiżi terzi;

⬇ 1070/2009 Art. 1.2(c) (adattat)

3313a. "Pjan Regolatorju tal-ATM ⌦ Ewropew ⌫ " tfisser il-pjan approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE[46], skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-

44 Konvenzjoni immodifikata bil-protokoll tat-12 ta' Frar 1981 u riveduta bil-Protokoll tas-27 ta' Ġunju 1997.

45 Ara l-paġna 33 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

46 ĠU L 95, 9.4.2009, p. 41.

Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)[47] u kif emendat sussegwentement;

⬇ 1070/2009 Art. 1.2(f)

⇨ ġdid

3422. "użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru" tfisser kunċett tal-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru ⇨ bbażat fuq il-prinċipju fundamentali li l-ispazju tal-ajru jenħtieġx ma jiġix deżinjat bħala spazju tal-ajru purament ċivili jew militari, iżda pjuttost jitqies bħala *continuum* li fih ir-rekwiżiti kollha tal-utenti jridu jiġu akkomodati sa fejn ikun possibbli ⇦ applikat fiż-żona tal-Konferenza Ewropea dwar Avjazzjoni Ċivili, fuq il-bażi tal-'Manwal ta' Amministrazzjoni tal-Ispazju tal-ajru għall-applikazzjoni tal-Kunċett tal-Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-ajru' maħruġ minn Eurocontrol;

⬇ 549/2004

23. "reġjun ta' informazzjoni għal titjir" tfisser spazju tal-ajru b'dimensjonijiet iddefiti li fihom ikunu pprovduti servizzi ta' informazzjoni u servizzi ta' allarm;

⬇ 1070/2009 Art. 1.2(g)

3523a. "servizz ta' informazzjoni dwar it-titjiriet" tfisser servizz mogħti biex jingħataw pariri u informazzjoni utli għat-twettiq sikur u effiċjenti tat-titjiriet;

⬇ 549/2004

24. "livell ta' titjir" tfisser wiċċ ta' pressjoni atmosferika kostanti li huwa konness mad-datum speċifiku ta' pressjoni ta' 1013,2 hectopascals (ettopascals) u huwa separat (jinfired) minn uċuħ oħra tali b'intervalli speċifiċi ta' pressjoni;

⬇ 1070/2009 Art. 1.2(h)

25. "blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru" tfisser blokk tal-ajru bbażat fuq ir-rekwiżiti operattivi u stabbiliti irrispettivament mill-fruntieri tal-Istat, fejn il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal- ajru u l-funzjonijiet relatati huma misjuqa mill-prestazzjoni u msaħħa bil-ħsieb li tidħol, f'kull blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, il-koperazzjoni mtejba fost il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal- ajru jew, fejn jixraq, fornitur integrat;

---

[47] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 064, 2.3.2007, p. 1).

🡻 549/2004 (adattat)

⇨ ġdid

36~~26~~. "traffiku tal-ajru ġenerali" tfisser il-movimenti kollha tal-inġenji tal-ajru ċivili, kif ukoll il-movimenti kollha tal-inġenji tal-ajru tal-Istat (inkluż inġenji tal-ajru militari, doganali u tal-pulizija) meta ~~dawn~~ ⌦ dawk ⌫ il-movimenti jitwettqu f'konformità mal-proċeduri ⌦ tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), kif stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ⌫ ~~ICAO~~;

~~27. "OIAĊ" tfisser Organizzazzjoni Internazzjonali dwar l-Avjazzjoni Ċivili, kif stabbilita bil-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzoni Ċivili Internazzjonali ta' l-1944;~~

37~~28~~. "interoperabbiltà" tfisser sett ta' proprjetajiet funzjonali, tekniċi u operazzjonali meħtieġa mis-sistemi u kostitwenti tal-EATMN u tal-proċeduri għall-operat tiegħu, biex tkun tista' titwettaq l-operazzjoni sikura, bla xkiel u effiċjenti tiegħu~~. Interoperabilità tinkiseb billi s-sistemi u kostitwenti jintgħamlu konformi mar-rekwiżiti essenzjali~~;

38~~29~~. "servizzi meteoroloġiċi" tfisser ~~dawk~~ ⌦ ⌫ il-faċilitajiet u s-servizzi li jipprovdu lill-inġenji tal-ajru bi tbassir meteoroloġiku, ⇨ twissijiet, ⇦ ⌦ struzzjonijiet ⌫ u osservazzjonijiet ⇨ għall-finijiet tan-navigazzjoni bl-ajru ⇦, u bi kwalunkwe informazzjoni u *data* meteoroloġika oħra mogħtija mill-Istati għal użu ajrunawtiku;

⇩ ġdid

39. "awtorità kompetenti nazzjonali" tfisser l-entitajiet kif definiti fil-punt (34) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1139;

40. "awtorità superviżorja nazzjonali" tfisser il-korp jew korpi nazzjonali fdati minn Stat Membru bil-kompiti skont dan ir-Regolament għajr il-kompiti koperti mill-awtorità kompetenti nazzjonali;

🡻 549/2004 (adattat)

41~~30~~. "servizzi tan-navigazzjoni" tfisser ~~dawk~~ ⌦ ⌫ il-faċilitajiet u s-servizzi li jipprovdu lill-inġenju tal-ajru b'informazzjoni dwar il-pożizzjoni u l-ħin propizju;

⇩ ġdid

42. "kriżi tan-network" tfisser stat li ma jkunx jippermetti l-forniment ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru fil-livell meħtieġ u li jwassal għal telf kbir fil-kapaċità tan-network, jew fi żbilanċ kbir bejn il-kapaċità u d-domanda tan-network, jew f'nuqqas kbir fil-fluss tal-informazzjoni f'parti waħda jew f'diversi partijiet tan-network wara sitwazzjoni li ma tkunx tas-soltu u li ma tkunx prevista;

43. “Maniġer tan-Network” tfisser l-entità fdata bil-kompiti meħtieġa biex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network imsemmija fl-Artikolu 26, skont l-Artikolu 27;

🡻 549/2004 (adattat)

⇨ ġdid

44~~31~~. “*data* operazzjonali” tfisser informazzjoni dwar il-fażijiet kollha tat-titjir li ~~huma rekwiżiti~~ ⌦ huma meħtieġa ⌫ ~~biex jittieħdu deċiżjonijiet~~ ⇨ għal finijiet ⇦ operazzjonali minn fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, utenti tal-ispazju tal-ajru, operaturi tal-ajruporti u atturi oħra involuti;

~~32. “proċedura”, kif użata fil-kuntest tar-Regolament ta’ interoperabilità, tfisser metodu standard għall-użu kemm tekniku kif ukoll operazzjonali ta’ sistemi, fil-kuntest ta’ kunċetti maqbula u validati ta’ operati li jirrekjedu implimentazzjoni uniformi max-XEATA kollha;~~

⇩ ġdid

45. “pjan ta’ prestazzjoni” tfisser pjan imfassal jew adottat, skont il-każ, mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mill-Maniġer tan-Network u li jkollu l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-funzjonijiet tan-network;

🡻 549/2004

46~~33~~. “tqegħid fis-servizz” tfisser l-ewwel użu operazzjonali wara l-installazzjoni inizjali jew titjib fil-kwalità ta’ sistema;

47~~34~~. “network ta’ rotot” tfisser network ta’ rotot speċifiċi li jiggwidaw il-fluss tat-traffiku tal-ajru ġenerali kif ikun meħtieġ għall-forniment tas-servizzi tal-ATC;

~~35. “irrottjar” tfisser itinerarju magħżul li għandu jkun segwit minn ajruplan matul l-operat tiegħu;~~

~~36. “operazzjoni fl-assjem tagħha” tfisser operazzjoni tax-XEATA f’manjiera tali li mill-perspettiva tal-utent tiffunzjona daqs li kieku kienet entita waħda (unika);~~

⇩ ġdid

48. “Fażi tad-definizzjoni ta’ SESAR” tfisser il-fażi li tinkludi l-istabbiliment u l-aġġornament tal-viżjoni fit-tul tal-proġett SESAR, tal-kunċett relatat tal-operazzjonijiet li jippermettu titjib f’kull stadju tat-titjira, tal-bidliet operazzjonali essenzjali meħtieġa fi ħdan l-EATMN u tal-prijoritajiet tal-iżvilupp u tal-użu meħtieġa;

49. “fażi tal-mobilizzazzjoni ta’ SESAR” tfisser il-fażijiet suċċessivi tal-industrijalizzazzjoni u l-implimentazzjoni, li matulhom jitwettqu l-attivitajiet li

ġejjin: l-istandardizzazzjoni, il-produzzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir u proċessi fuq l-art u fl-ajru li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' SESAR (industrijalizzazzjoni); u l-akkwist, l-installazzjoni u t-tqegħid fis-servizz ta' tagħmir u sistemi bbażati fuq soluzzjonijiet ta' SESAR, inkluż il-proċeduri operazzjonali assoċjati (implimentazzjoni);

50. "fażi tal-iżvilupp ta' SESAR" tfisser il-fażi li matulha jitwettqu attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u validazzjoni bil-għan li jwasslu soluzzjonijiet maturi ta' SESAR;

51. "proġett SESAR" tfisser il-proġett għall-immodernizzar tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, immirat biex jipprovdi lill-Unjoni b'infrastruttura tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bi prestazzjoni għolja, standardizzata u interoperabbli, u li jikkonsisti f'ċiklu ta' innovazzjoni li jinkludi l-fażi tad-definizzjoni ta' SESAR, il-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR u l-fażi tal-mobilizzazzjoni ta' SESAR;

52. "soluzzjoni ta' SESAR" tfisser eżitu jista' jiġi skjerat tal-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR li jintroduċi proċeduri jew teknoloġiji operazzjonali ġodda jew imtejba standardizzati u interoperabbli;

↓ 549/2004 (adattat)

5338.' "servizzi ta' sorveljanza" tfisser ~~dawk~~ ⌦ ⌫ il-faċilitajiet u s-servizzi użati biex jiġu ddeterminati l-pożizzjonijiet rispettivi ta' inġenju tal-ajru biex jippermettu separazzjoni sikura;

54~~39~~. "sistema" tfisser l-aggregazzjoni ta' kostitwenti fl-ajru u bbażati fl-art, kif ukoll tagħmir ibbażat fl-ispazju, li tipprovdi appoġġ għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tul il-fażijiet kollha tat-titjir;

⇩ ġdid

55. "servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal" tfisser servizzi ta' kontroll tal-ajrudrom jew servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjiriet tal-ajrudrom li jinkludu servizzi ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru u servizzi ta' twissija, servizzi tat-traffiku tal-ajru relatati mal-avviċinament u t-tluq tal-inġenji tal-ajru f'distanza mill-ajruport ikkonċernat meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti operazzjonali u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru sottostanti meħtieġa;

56. "żona ta' imposti fit-terminal" tfisser ajruport jew grupp ta' ajruporti, li jinsabu fit-territorji ta' Stat Membru, fejn jingħataw servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u li għalihom hemm stabbilita bażi tal-kost unika;

↓ 549/2004

57~~40~~. "aġġornament" tfisser kull modifika li tbiddel il-karatteristiċi operazzjonali ta' sistema.

↓ 549/2004

~~Artikolu 3~~

~~Oqsma għal azzjoni mill-Komunità~~

~~1. 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas regolatorju armonizzat għall-ħolqien ta' ajru uniku Ewropew flimkien ma":~~

~~(a) Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-ajru)~~[48]~~;~~

~~(b) Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament dwar il-forniment ta' servizzi)~~[49]~~; u~~

~~(ċ) Ir-Regolamentr (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilita tax-xibka (network) Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament dwar l-interoperabilita)~~[50]~~;~~

~~u mar-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament u r-regolamenti li hemm referenza għalihom hawn aktar 'il fuq.~~

~~2. Il-miżuri li jirreferi għalhom il-paragrafu 1 għandhom japplikaw soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.~~

↓ 1070/2009 Art. 1.3 (adattat)

⇨ ġdid

KAPITOLU II

⌦ AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI NAZZJONALI ⌫

Artikolu ~~3~~4

⌦ Ħatra, stabbiliment u rekwiżiti dwar ⌫ ~~Al-a~~awtoritajiet superviżorji nazzjonali

1. L-Istati Membri, b'mod konġunt jew b'mod individwali, għandhom jaħtru jew jistabbilixxu korp jew korpi bħala awtorità superviżorja nazzjonali biex twettaq il-kompiti assenjati lil din l-awtorità ~~skont dan~~ ⌦ b'dan ⌫ ir-Regolament ~~u skont il-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3~~.

~~2. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom ikunu indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Din l-indipendenza għandha tinkiseb permezz tas-~~

---

48 ~~Ara l-paġna 20 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~
49 ~~Ara l-paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~
50 ~~Ara l-paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

separazzjoni xierqa, għall-inqas fil-livell funzjonali, bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u dawn il-fornituri.

🡻 1070/2009 Art. 1.3 (adattat)

⇨ ġdid

32. ⌦ L-⌫ Aawtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali, indipendenti u trasparenti. Dan għandu jinkiseb bl-applikazzjoni ta' mekkaniżmi xierqa ta' ġestjoni u kontroll ⇨ u għandhom ikunu organizzati, mgħammra bil-persunal, ġestiti u ffinanzjati kif xieraq. ⇦ , fosthom fl-amministrazzjoni ta' Stat Membru. Madankollu, dan ma għandux iwaqqaf lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza milli jeżerċitaw il-kompiti tagħhom fi ħdan ir-regoli ta' organizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili nazzjonali jew ta' korpi pubbliċi oħra.

⇩ ġdid

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu legalment distinti u indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra f'termini tal-organizzazzjoni, il-funzjonament, l-istruttura legali u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom.

L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu wkoll indipendenti f'termini tal-organizzazzjoni, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament, l-istruttura legali u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom minn kwalunkwe fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

4. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jkunu kompetenti għal diversi taqsimiet regolati, jekk dawk l-awtoritajiet regolatorji integrati ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-awtorità superviżorja nazzjonali tista' wkoll tingħaqad fir-rigward tal-istruttura organizzattiva tagħha mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003[51], jekk il-korp konġunt ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza stabbiliti f'dan l-Artikolu.

5. Il-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandu jiġi reklutat bi proċessi ċari u trasparenti li jiżguraw l-indipendenza tagħhom;

(b) għandu jintgħażel abbażi tal-kwalifiki speċifiċi tiegħu, inkluż il-kompetenza xierqa u l-esperjenza rilevanti jew għandu jkun soġġett għal taħriġ xieraq.

Il-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandu jaġixxi b'mod indipendenti, b'mod partikolari billi jevita kunflitti ta' interess bejn il-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u t-twettiq tal-kompiti tiegħu.

6. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5, il-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi għandhom jinħatru minn entità tal-Istat Membru kkonċernat li ma teżerċitax direttament drittijiet ta' sjieda fuq il-forniture tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk dawn il-persuni jinħatrux għal

---

[51] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

terminu taż-żmien fiss jew li jiġġedded, jew b'bażi permanenti li tippermetti t-tneħħija tagħhom biss għal raġunijiet dixxiplinarji mhux relatati mat-teħid tad-deċiżjoni tagħhom. Il-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi ma għandhomx ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mingħand gvern jew entità pubblika jew privata oħra meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom għall-awtorità superviżorja nazzjonali u għandu jkollhom awtorità sħiħa fuq ir-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-persunal tagħha.

Għandhom iżommu lura minn kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom u li jista' jinfluwenza t-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Għal dak il-għan, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni annwali tal-impenn u dikjarazzjoni tal-interessi li jindikaw kull interess dirett jew indirett.

Il-persuni inkarigati minn deċiżjonijiet strateġiċi, awditi jew funzjonijiet oħra marbuta direttament mal-miri ta' prestazzjoni jew is-sorveljanza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ma għandu jkollhom l-ebda pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali ma' xi fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru wara t-terminu tagħhom fl-awtorità superviżorja nazzjonali, għal mill-inqas perjodu ta' sentejn.

🡻 1070/2009 Art. 1.3 (adattat) ⇨ ġdid

74. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkollhom ir-riżorsi ⌦ finanzjarji ⌫ u l-kapaċitajiet meħtieġa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont dan ir-Regolament b'mod effiċjenti u fil-ħin. ⇨ L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jamministraw il-persunal tagħhom abbażi tal-approprjazzjonijiet proprji tagħhom, li jridu jiġu stabbiliti b'mod proporzjonali għall-kompiti li trid twettaq l-awtorità f'konformità mal-Artikolu 4. ⇦

⇩ ġdid

8. Stat Membru jista' jitlob lill-Aġenzija li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), biex twettaq il-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti stabbiliti fl-Artikoli 14, 17, 19, 20, 21, 22 u 25, u fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23 u li għalihom l-awtorità superviżorja nazzjonali ta' dak l-Istat Membru hi responsabbli skont dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

Ladarba l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB taċċetta din it-talba, din għandha ssir l-awtorità superviżorja responsabbli mill-kompiti koperti minn dik it-talba u l-awtorità superviżorja nazzjonali tal-Istat Membru rikjedent għandha tinħeles mir-responsabbiltà ta' dawk il-kompiti. Ir-regoli fir-Regolament (UE) 2018/1139 u li jappartjenu għall-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandhom japplikaw għat-twettiq ta' dawn il-kompiti, inkluż fir-rigward tal-impożizzjoni ta' tariffi u imposti.

🡻 1070/2009 Art. 1.3

⇨ ġdid

95. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, kif ukoll bil-bidliet li jsirulhom, u bil-miżuri meħuda biex tkun żgurata l-konformità ⇨ ma' dan l-Artikolu⇦ mal-paragrafi 2, 3 u 4.

⇩ ġdid

10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati li jistipulaw il-modalitajiet tal-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' għażla msemmija fil-paragrafu 5, il-punti (a) u (b). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).

🡻 1070/2009 Art. 2.1 (adattat)

Artikolu 42

Kompiti tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 3 4 of tar-Regolament qafas għandhom jassiguraw is-sorveljanza xierqa tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod partikolari rigward is-sigurtà u l-operazzjoni effiċjenti tal-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru li jipprovdu servizzi relatati mal-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Istat Membru li jkun innomina jew stabbilixxa l-awtorità relevanti.;:

⇩ ġdid

(a) iwettqu l-attivitajiet meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikati ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 6, inkluż is-sorveljanza tad-detenturi ta' dawk iċ-ċertifikati ekonomiċi;

(b) jissorveljaw l-applikazzjoni korretta tar-rekwiżiti tal-akkwist skont l-Artikolu 8(6);

(c) japplikaw l-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 17 u 19 sa 22 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23, fil-limiti tal-kompiti tagħhom definiti f'dawk l-artikoli u l-atti, u jissorveljaw l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-trasparenza tal-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati skont l-Artikolu 25.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-iffissar tal-prezzijiet għall-forniment tas-servizz ta' informazzjoni komuni, skont l-Artikolu 9.

🡻 1070/2009 Art. 2.1 (adattat)

⇨ ġdid

3~~2~~. ~~Għal dan il-għan,~~ ~~k~~Kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha ~~torganizza~~ ⌦ twettaq l-ispezzjonijiet ⌫ ~~spezzjonijiet u stħarriġ xierqa~~ ⇨ , l-awditi u attivitajiet oħra ta' monitoraġġ meħtieġa ⇦ biex ⇨ jiġi identifikat ksur possibbli minn entitajiet soġġetti għas-sorveljanza tagħhom skont dan ir-Regolament tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu ⇦ ~~tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, inklużi r-rekwiżiti tar-riżorsi umani għall-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru.~~.

Kull waħda għandha tieħu l-miżuri ta' infurzar kollha meħtieġa li, meta xieraq, jistgħu jinkludu l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati ekonomiċi maħruġa minnhom skont l-Artikolu 6.

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-operaturi tal-ajruport u l-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni kkonċernati għandhom jikkonformaw mal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għal dan il-għan.

⇩ ġdid

Artikolu 5

Koperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni u jaħdmu flimkien f'network fil-kuntest tal-Bord Konsultattiv għall-Analiżi tal-Prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 114a tar-Regolament (UE) 2018/1139.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jikkoperaw, meta xieraq, permezz ta' arranġamenti tax-xogħol, għall-finijiet ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom ta' monitoraġġ u superviżjoni u fit-trattament ta' investigazzjonijiet u stħarriġiet.

🡻 1070/2009 Art. 2.1 (adattat)

⇨ ġdid

3. ~~Fir-rigward ta' blokok funzjonali ta' spazju tal-ajru li jestendu min-naħa għall-oħra ta'~~ ⇨ L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi transfruntieri mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru bil-għan li jtejbu l-prestazzjoni tan-network. Fil-każ tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi ⇦ spazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà ta' ⌦ żewġ Stati Membri jew ⌫ aktar, ~~minn Stat Membru wieħed~~ l-Istati Membri ~~konċernati~~⌦ kkonċernati ⌫ għandhom jikkonkludu ftehim dwar ⇨ is-superviżjoni li trid titwettaq skont dan ir-Regolament, tal-fornituri ⇦ ~~is-sorveljanza li jipprovdi għalih dan l-Artikolu rigward il-fornituri~~ tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ⌦ kkonċernati ⌫ ~~li jipprovdu servizzi konnessi ma' dawk il-blokok~~. ⇨ L-awtoritajiet

superviżorji nazzjonali kkonċernati jistgħu jistabbilixxu pjan li jispeċifika l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni tagħhom bil-għan li jagħtu effett lil dak il-ftehim. ⇦

🡻 1070/2009 Art. 2.1

~~4. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom jikkoperaw mill-qrib biex jiżguraw sorveljanza adegwata fuq il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jkollhom ċertifikat validu minn Stat Membru li wkoll jipprovdi servizzi konnessi mal-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor. Koperazzjoni tali għandha tinkludi arranġamenti għall-ittrattar ta' każijiet li jinvolvu non-konformita mar-rekwiżiti komuni applikabbli miġjuba fl-Artikolu 8b(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 6 jew il-kundizzjonijiet miġjuba fl-Anness II.~~

🡻 1070/2009 Art. 2.1

~~5. Fil-każ tal-provvista transkonfinali ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu ftehim dwar l-għarfien reċiprioku tal-ħidma ta' sorveljanza stipulata fil-paragrafi 1 u 2 u tar-riżultati ta' din il-ħidma. Dan l-għarfien reċiproku japplika wkoll meta l-arranġamenti għall-għarfien bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jitwettqu għall-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizz.~~

⇩ ġdid

4. Fil-każ tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi spazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor, il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jipprovdu għar-rikonoxximent reċiproku tat-twettiq, minn kull waħda mill-awtoritajiet, tal-kompiti superviżorji stabbiliti f'dan ir-Regolament u tar-riżultati tat-twettiq ta' dawn il-kompiti. Għandhom jispeċifikaw ukoll liema awtorità superviżorja nazzjonali għandha tkun inkarigata miċ-ċertifikazzjoni ekonomika stabbilita fl-Artikolu 6.

🡻 1070/2009 Art. 2.1 (adattat)

⇨ ġdid

~~6~~5. ~~Jekk ikun~~ ⌦ Meta jkun ⌫ permess mil-liġi nazzjonali u bil-għan li jkun hemm koperazzjoni reġjonali, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu wkoll jikkonkludu ftehimiet ⌦ dwar ⌫ ~~rigward~~ il-qsim tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-kompiti superviżorji ⌦⌫ . ⇨ Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn il-ftehimiet. ⇦

🡻 1070/2009 Art. 2.1

~~*Artikolu 3*~~

~~Entitajiet kwalifikati~~

1. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jistgħu jiddeċiedu li jiddelegaw, b'mod sħiħ jew b'mod parzjali, l-ispezzjonijiet u l-istħarriġ imsemmija fl-Artikolu 2(2) lil entitajiet kwalifikati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness I.

2. Delegazzjoni tali mogħtija minn awtorità nazzjonali ta' sorveljanza għandha tkun valida ġewwa l-Komunità għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jistgħu jagħtu struzzjonijiet lil kull waħda mill-entitajiet kwalifikati li qegħdin fil-Komunità biex jidħlu għal dawn l-ispezzjonijiet u stħarriġ.

↓ 1070/2009 Art. 1.5

Artikolu 10

Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

1. L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għall-involviment xieraq tal-partijiet interessati, inklużi l-korpi rappreżentattivi tal-istaff professjonali, fl-implimentazzjoni tal-ajru uniku Ewropew.

↓ 550/2004 (adattat)

KAPITOLU III

REGOLI GĦAL FORNIMENT ⌦ FORNIMENT TAS-SERVIZZI ⌫ **TA' SERVIZZI**

↓ 550/2004 (adattat)

Artikolu 6

Rekwiżiti komuni

Rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom ikunu stabbiliti skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas. Ir-rekwiżiti komuni għandhom jinkludu li ġej:

– - kompetenza u konvenjenza teknika u operazzjonali,

– - sistemi u proċessi għall-management ta' sigurezza u kwalità,

– - sistemi ta' rappurtaġġ,

– - kwalità ta' servizzi,

– - saħħa finanzjarja,

– - kopertura ta' responsabbiltà u assigurazzjoni,

~~- struttura ta' pussess u organizzazzjoni, inkluża l-prevenzjoni ta' konflitti ta' interess,~~

~~- riżorsi umani, inklużi pjanijiet ta' staffing (provvediment tan-nies) adegwat,~~

~~- sigurtà.~~

Artikolu 6~~7~~

⌦ Ċertifikazzjoni ⌫ ekonomika ⌦ u rekwiżiti għall-fornituri ⌫ ~~tal-fornituri~~ tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru

~~1. Il-forniment tas-servizzi kollha ta' navigazzjoni tal-ajru ġewwa l-Komunità għandu jkun soġġett għal ċertifikazzjoni mill-Istati Membri.~~

🡻 550/2004

~~2. Applikazzjonijiet għall-ċertifikazzjoni għandhom ikunu sottomessi lill-awtorita nazzjonali ta' sorveljanza tal-Istat Membru fejn l-applikant għandu l-post prinċipali tal-operat tiegħu u, jekk jeżisti, l-uffiċċju reġistrat tiegħu.~~

⇩ ġdid

1. Minbarra ċ-ċertifikati li jeħtieġ ikollhom skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandu jkollhom ċertifikat ekonomiku. Dan iċ-ċertifikat ekonomiku għandu jinħareġ meta ssir applikazzjoni, meta l-applikant juri biżżejjed robustezza finanzjarja, u jkun kiseb responsabbiltà u kopertura tal-assigurazzjoni xierqa.

Iċ-ċertifikat ekonomiku msemmi f'dan il-paragrafu jista' jiġi limitat, sospiż jew revokat jekk id-detentur ma jibqax konformi mar-rekwiżiti għall-ħruġ u ż-żamma ta' dan iċ-ċertifikat.

2. Entità li jkollha ċertifikat ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 u ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139 għandha tkun intitolata li tipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-Unjoni lill-utenti tal-ispazju tal-ajru, b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(2).

3. Iċ-ċertifikat ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 u ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139 jistgħu jkunu soġġetti għal kundizzjoni waħda jew bosta minn dawk stabbiliti fl-Anness I. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati oġġettivament, nondiskriminatorji, proporzjonati u trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda l-lista stabbilita fl-Anness I għall-finijiet li jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekonomiċi ekwi u reżiljenza tal-forniment tas-servizzi.

4. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istat Membru fejn il-persuna fiżika jew ġuridika li tapplika għaċ-ċertifikat ekonomiku jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha jew, jekk dik il-persuna ma jkollha l-ebda post prinċipali tan-negozju, fejn ikollha l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tagħha, għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu fir-rigward taċ-ċertifikati ekonomiċi. Fil-każ ta' forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fi spazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà ta' żewġ Stati

Membri jew aktar, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli għandhom ikunu dawk speċifikati skont l-Artikolu 5(4).

5. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom:

(a) jirċievu u jivvalutaw l-applikazzjonijiet li jsirulhom u, meta applikabbli, joħorġu jew iġeddu ċertifikati ekonomiċi;

(b) iwettqu sorveljanza tad-detenturi taċ-ċertifikati ekonomiċi.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), regoli ta' implimentazzjoni rigward ir-rekwiżiti dettaljati dwar ir-robustezza finanzjarja, b'mod partikolari s-saħħa finanzjarja u r-reżiljenza finanzjarja, kif ukoll fir-rigward tar-responsabbiltà u tal-kopertura tal-assigurazzjoni. Biex tiżgura l-implimentazzjoni uniformi tal-paragrafi (1), (4) u (5) ta' dan l-Artikolu u l-konformità magħhom, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar ir-regoli u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni u għat-twettiq tal-investigazzjonijiet, l-ispezzjonijiet, l-awditi u attivitajiet oħra ta' monitoraġġ meħtieġa biex tkun żgurata superviżjoni effettiva mill-awtorità superviżorja nazzjonali tal-entitajiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

↓ 550/2004

~~3. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom joħorġu ċertifikati lill-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru fejn jikkonformaw mar-rekwiżiti komuni li jirreferi għalihom l-Artikolu 6. Ċertifikati jistgħu jinħarġu individwalment għal kull tip ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament qafas, jew għal qatta (grupp) ta' servizzi tali, *inter alia*, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru, ikun xi jkun l-istatus legali tiegħu, jopera u jimmantjeni s-sistemi proprji tiegħu ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu kontrollati fuq bażi regolari.~~

~~4. Iċ-ċertifikati għandhom jispeċifikaw id-drittijiet u l-obbligi tal-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, inkluż aċċess nondiskriminatorju ta' servizzi għal utenti tal-ispazju tal-ajru, b'mod partikulari fir-rigward ta' sigurezza. Iċ-ċertifikazzjoni tista' tkun soġġetta biss għall-kundizzjonijiet miġjuba fl-Anness II. Kundizzjonijiet tali għandhom ikunu ġustifikati b'mod oġġettiv, non-diskriminatorju, proporzjonat u trasparenti.~~

~~5. Minkejja l-paragrafu 1, Stati Membri jistgħu jippermettu l-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ispazju tal-ajru kollu jew parti minnu taħt ir-responsabbilta tagħhom mingħajr ċertifikazzjoni f'każijiet fejn il-fornitur ta' servizzi tali joffrihom primarjament lill-movimenti ta' aruplani barra minn dawk ta' traffiku tal-ajru ġenerali. F'dawk il-każijiet, l-Istat Membru konċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-deċiżjoni tiegħu u bil-miżuri meħuda biex tkun żgurata konformita massima mar-rekwiżiti komuni.~~

↓ 1070/2009 Art. 2.3

~~7. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom jimmonitorjaw il-konformità mar-rekwiżiti komuni u mal-kundizzjonijiet mehmuża maċ-ċertifikati. Dettalji ta' tali moniteraġġ għandhom ikunu inklużi fir-rapporti annwali li għandhom ikunu sottomessi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament qafas. Jekk awtorità nazzjonali ta' sorveljanza ssib li d-detentur ta' ċertifikat ma għadux jissodisfa rekwiżiti jew tali kundizzjonijiet, hija~~

~~għandha tieħu miżuri xierqa filwaqt li tiżgura l-kontinwita ta' servizzi bil-kundizzjoni li ma tiġix kompromessa s-sikurezza. It-tali miżuri jistgħu jinkludu r-revoka taċ-ċertifikat.~~

🡻 550/2004

~~8. Stat Membru għandu jirrikonoxxi kull ċertifikat maħruġ fi Stat Membru ieħor skont dan l-Artikolu.~~

~~9. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, Stati Membri jistgħu jipposponu l-konformita ma' dan l-Artikolu lil hinn mid-data li tirriżulta mill-Artikolu 19(2) b'sitt xhur. Stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'posponiment tali, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet tagħhom għalih.~~

🡻 1070/2009 Art. 2.4 ⇨ ġdid

Artikolu 7~~8~~

Deżinjazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-tal-ajru fuq bażi esklussiva fi blokok speċifiċi tal-ispazju tal-tal-ajru rigward l-ispazju tal-tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri ~~għandhom jaħtru fornitur ta' servizz tat-traffiku ta' l-ajru li jkollu ċertifikat validu fil-Komunità.~~ ⇨ b'mod individwali jew b'mod kollettiv, għandhom jiddeżinjaw fornitur wieħed jew aktar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: ⇦

⇩ ġdid

(a) għandu jkollhom ċertifikat validu jew dikjarazzjoni valida kif imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2018/1139 u ċertifikat ekonomiku skont l-Artikolu 6(1).

(b) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà u tad-difiża nazzjonali.

Kull deċiżjoni li tiddeżinja fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha tkun valida għal massimu ta' għaxar snin. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jġeddu d-deżinjazzjoni ta' fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

🡻 1070/2009 Art. 2.4 (adattat) ⇨ ġdid

2. ~~Għall-provvista ta' servizzi transkonfinali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 18 (3) ma tkunx imxekkla mis-sistema legali nazzjonali tagħhom li tkun tirrikjedi li l-forrnituri tas-servizz tat-traffiku tal-ajru li jipprovdu s-servizzi fi spazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà ta' dak l-Istat Membru~~ ⇨ Id-deżinjazzjoni tal-

fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ma għandha tkun soġġetta għall-ebda kundizzjoni li teżiġi li dawk il-fornituri ⇦ :

(a) ikunu proprjetà diretta jew b'ishma maġġoritarji ~~ta' dak l-Istat Membru~~ ⌦ tal-Istat Membru tad-deżinjazzjoni ⌫ jew taċ-ċittadini tiegħu;

(b) ikollhom il-post prinċipali tal-operazzjoni jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom fit-territorju ~~ta' dak l-Istat Membru~~ ⌦ tal-Istat Membru tad-deżinjazzjoni ⌫ ; ~~jew~~

(c) jużaw biss il-faċilitajiet ~~f'dak l-Istat Membru~~ ⌦ fl-Istat Membru tad-deżinjazzjoni ⌫ .

3. L-Istati Membri għandhom ~~jiddefinixxu~~ ⇨ jispeċifikaw ⇦ id-drittijiet u l-obbligi li jridu jissodisfaw il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ~~maħtura~~ ⇨ deżinjati, b'mod individwali jew b'mod konġunt. ⇦ L-obbligi ~~jistgħu~~ ⇨ għandhom ⇦ jinkludu kundizzjonijiet ~~għall-provvista f'waqtha ta'~~ ⌦ biex tkun disponibbli *data* ⌫ rilevanti ~~l-informazzjoni~~⌦ ⌫ li tippermetti ⌦ li jiġu identifikati ⌫ l-movimenti kollha tal-inġenji tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom ~~ikunu identifikati~~.

🠗 1070/2009 Art. 2.4

~~4. L-Istati Membri għandu jkollhom setgħa diskrezzjonali fil-għażla ta' fornitur ta' servizz tat-traffiku tal-ajru, bil-kundizzjoni li dan ta' l-aħħar jissodisfa r-rekwiżiti u kundizzjonijiet li jirreferu għalihom l-Artikli 6 u 7.~~

~~5. Rigward il-blokok funzjonali ta' spazju tal-ajru stabbiliti skont l-Artikolu 16 9a li jestendu ruħhom min-naħa għall-oħra tal-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà responsabbiltà ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom b'mod konġunt jinnominaw fornitur ta' servizz tal-ispazju tal-ajru jew aktar minn wieħed, tal-anqas xahar qabel l-implimentazzjoni tal-blokk tal-ispazju tal-ajru.~~

4~~6~~. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra minnufih b'kull deċiżjoni fil-qafas ta' dan l-Artikolu rigward id-deżinjazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fi blokok speċifiċi tal-ispazju tal-ajru fir-rigward tal-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom.

⇩ ġdid

Artikolu 8

Kundizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tat-traffiku tal-ajru fit-terminal

1. Meta dan ikun jippermetti titjib fil-kostefficjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jistgħu jiddeċiedu li jakkwistaw servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS jew tal-MET bil-kundizzjonijiet tas-suq.

Meta dan ikun jippermetti titjib tal-kostefficjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-operaturi tal-ajruporti jakkwistaw servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għall-kontroll tal-ajrudrom bil-kundizzjonijiet tas-suq.

Barra minn hekk, meta dan ikun jippermetti titjib tal-kostefficjenza għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi tal-ajruporti jew lill-

awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernati jakkwistaw servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għall-kontroll tal-avviċinament bil-kundizzjonijiet tas-suq.

2. L-akkwist ta' servizzi bil-kundizzjonijiet tas-suq għandu jkun fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet ugwali, nondiskriminatorji u trasparenti skont il-liġi tal-Unjoni inkluż ir-regoli dwar il-kompetizzjoni li hemm fit-Trattat. Il-proċeduri tal-offerti għall-akkwist tas-servizzi kkonċernati għandhom jitfasslu b'tali mod li jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva ta' fornituri kompetituri f'dawn il-proċeduri, inkluż bi ftuħ mill-ġdid regolari tal-kompetizzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route ikun separat f'termini ta' organizzazzjoni mill-forniment tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET u tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, u li jiġi rispettat ir-rekwiżit dwar is-separazzjoni tal-kontijiet imsemmi fl-Artikolu 25(3).

4. Fornitur tas-servizzi tas-CNS, tal-AIS, tal-ADS, tal-MET jew tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal jista' jintgħażel biex jipprovdi servizzi fi Stat Membru, biss jekk:

(a) ikun iċċertifikat skont l-Artikolu 6(1) u 6(2);

(b) il-post prinċipali tan-negozju tiegħu jkun fit-territorju ta' Stat Membru;

(c) l-Istati Membri jew iċ-ċittadini tal-Istati Membri jkollhom sjieda ta' aktar minn 50 % tal-fornitur tas-servizzi u jikkontrollawh b'mod effettiv, sew direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar, għajr kif ikun previst fi ftehim ma' pajjiż terz li għalih l-Unjoni tkun parti; u

(d) il-fornitur tas-servizz jissodisfa r-rekwiżiti tas-sigurtà u tad-difiża nazzjonali.

5. L-Artikoli 14, 17 u 19 sa 22 ma għandhomx japplikaw għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal deżinjati bħala riżultat ta' proċedura tal-akkwist skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 1. Dawk il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għandhom jipprovdu *data* dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza lill-awtorità superviżorja nazzjonali u lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għall-finijiet ta' monitoraġġ.

6. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiżguraw li l-akkwist mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mill-operaturi tal-ajruporti kif imsemmi fil-paragrafu 1 ikun konformi mal-paragrafu 2, u meta meħtieġ għandhom japplikaw miżuri korrettivi. Fil-każ tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, dawn għandhom ikunu responsabbli għall-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal, li għandhom jinkludu rekwiżiti dwar il-kwalità tas-servizz. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jirreferu l-kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, lill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003.

Artikolu 9

Forniment ta' servizzi ta' informazzjoni komuni

1. Meta jiġu pprovduti servizzi ta' informazzjoni komuni, id-*data* disseminata għandha tippreżenta l-integrità u l-kwalità meħtieġa biex tippermetti l-forniment sikur ta' servizzi għall-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord.

2. Il-prezz għas-servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jkun ibbażat fuq il-kostijiet fissi u varjabbli tal-forniment tas-servizz ikkonċernat u, barra minn hekk, jista' jinkludi valwazzjoni pożittiva li tirrifletti kompromess xieraq bejn ir-riskji u r-redditu.

Il-kostijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu stabbiliti f'kont separat mill-kontijiet għal kwalunkwe attività oħra tal-operatur ikkonċernat u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

3. Il-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jiffissa l-prezz skont il-paragrafu 2, soġġett għal valutazzjoni u approvazzjoni mill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata.

4. F'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet f'volumi speċifiċi ta' spazju tal-ajru deżinjat mill-Istati Membri għal operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, id-*data* operazzjonali rilevanti għandha tkun disponibbli f'ħin reali mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Il-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni għandhom jużaw dik id-*data* biss għal finijiet operazzjonali tas-servizzi li jipprovdu. L-aċċess għal *data* operazzjonali rilevanti għandu jingħata lill-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni, b'mod nondiskriminatorju, mingħajr preġudizzju għall-interessi tal-politika tas-sigurtà jew tad-difiża.

Il-prezzijiet tal-aċċess għal din id-*data* għandhom ikunu bbażati fuq il-kost marġinali biex id-*data* ssir disponibbli.

🡻 550/2004

~~*Artikolu 9*~~

~~**Ħatra ta' fornituri ta' servizzi meteoroloġiċi**~~

~~1. Stati Membri jistgħu jaħtru fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi għall-provvista tad-*data* meteoroloġika kollha jew parti minnha fuq bażi esklussiva fl-ispazju tal-ajru kollu jew parti minnu taħt ir-responsabbilta tagħhom, filwaqt li jqisu konsiderazzjonijiet ta' sigurezza.~~

~~2. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra bla dewmien fil-qafas ta' dan l-Artikolu dwar il-ħatra ta' fornitur ta' servizzi meteoroloġiċi.~~

🡻 1070/2009 Art. 1.5 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu *10*~~*11*~~

Skema ta' prestazzjoni

1. Biex jitjiebu l-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-funzjonijiet tan-networks ~~fl-a~~fl-Ajru ~~u~~Uniku Ewropew, skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network għandha ~~titwaqqaf~~ ⇨ tkun tapplika skont dan l-Artikolu u skont l-Artikoli 11 sa 18. ⇦ ~~Din għandha tinkludi:~~

2. L-iskema ta' prestazzjoni għandha tiġi implimentata fuq perjodi referenzjarji, li għandu jkollhom minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames snin. L-iskema ta' prestazzjoni għandha tinkludi:

(a) miri ta' prestazzjoni ~~għall-Komunità~~ ⌦ għall-Unjoni kollha ⌫ ~~dwar oqsma~~ ⌦ fl-oqsma ⌫ ewlenin tal-prestazzjoni ~~tas-sikurezza,~~ tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza ⇨ għal kull perjodu referenzjarju ⇦ ;

(b) pjani nazzjonali ⌦ pjanijiet ta' prestazzjoni ⌫ jew il-pjani għal blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali, fosthom il-miri ⇨ vinkolanti ⇦ ta' prestazzjoni, li jiżguraw konsistenza mal-miri ta' prestazzjoni fil-Komunità kollha; ⇨ fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni msemmija fil-punt (a) għal kull perjodu referenzjarju ⇦ ; u

(c) analiżi perjodika, monitoraġġ u kejl tal-prestazzjoni tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u tal-funzjonijiet u s-servizzi ta' network. ⇨ valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza ⇦ .

Il-Kummissjoni tista' żżid oqsma ewlenin tal-prestazzjoni addizzjonali għall-iffissar tal-miri ta' prestazzjoni jew għall-finijiet ta' monitoraġġ, meta jkun meħtieġ biex titjieb il-prestazzjoni.

2. F'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3), il-Kummissjoni tista' tiddeżinja l-Eurocontrol jew lil korp imparzjali u kompetenti ieħor biex jaġixxi bħala "korp ta' analiżi tal-prestazzjoni". Ir-rwol tal-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni għandu jkun li jassisti lill-Kummissjoni f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, u biex jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, meta jiġi mitlub, fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni jaġixxi b'mod indipendenti meta jwettaq il-kompiti li hija tkun fdatlu.

3. (a) Il-miri tal-prestazzjoni tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru madwar il-Komunità kollha għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu wara li jitiqesu l-inputs relevanti mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni fil-livell nazzjonali u jew fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali.

(b) Il-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jitfasslu mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni u adottati mill-Istat Membru/mill-Istati Membri. Dawn il-pjanijiet għandhom jinkludu miri nazzjonali vinkolanti jew miri fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali u skema ta' inċentivi xierqa kif adottata mill-Istat Membru/mill-Istati Membri. L-abbozzar tal-pjani għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, mar-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, fejn relevanti, mal-operaturi tal-ajruporti u l-koordinaturi tal-ajruporti.

(c) Il-konsistenza tal-miri nazzjonali jew tal-miri tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali mal-miri ta' prestazzjoni fil-Komunità kollha għandha tiġi evalwata mill-Kummissjoni permezz tal-kriterji ta' evalwazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 6.

Fil-każ li l-Kummissjoni tiskopri li jkun hemm mira waħda jew aktar minn waħda nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali li ma jissodisfawx il-kriterji ta' evalwazzjoni, tista' tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2), li toħroġ rakkomandazzjoni sabiex l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ikkonċernati jipproponu mira jew miri ta' prestazzjoni riveduti. L-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom jadottaw miri ta' prestazzjoni riveduti u l-miżuri xierqa li għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni fiż-żmien dovut.

Meta l-Kummissjoni ssib li l-miri ta' prestazzjoni riveduti u l-miżuri xierqa ma jkunux adatti, tista' tiddeċiedi, bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3), li l-Istati Membri kkonċernati jkollhom jieħdu miżuri korrettivi.

~~Inkella, l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, bl-appoġġ ta' evidenza adegwata, li tirrevedi l-miri tal-prestazzjoni madwar il-Komunità bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3).~~

~~(d)~~ ~~Il-perjodu ta' referenza għall-iskema ta' prestazzjoni, imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jkopri minimu ta' tliet snin u massimu ta' ħames snin. Tul dan il-perjodu, fil-każ li l-miri nazzjonali jew il-miri tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ma jintlaħqux, l-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom japplikaw il-miżuri xierqa li jkunu ddefinixxew. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkopri l-ewwel tliet snin wara l-adozzjoni tar-regoli implimentattivi msemmija fil-paragrafu 6.~~

~~(e)~~ ~~Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet regolari fir-rigward tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni u għandha tippreżenta r-riżultati lill-Kumitat tal-Ajru Uniku.~~

3. ~~Il-proċeduri li ġejjin għandhom japplikaw għall-iskema ta' prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1~~ ⌦ Il-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu bbażati fuq ⌫ :

(a) il-ġbir, il-validazzjoni, l-eżami, l-evalwazzjoni u d-disseminazzjoni tad-*data* rilevanti relatata mal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u mal-funzjonijiet tan-network mill-partijiet rilevanti kollha, inkluż il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, ⇨ l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, ⇦ l-Istati Membri ⇨ , l-Aġenzija, il-Maniġer tan-Network ⇦ u l-Eurocontrol;

⇩ ġdid

(b) l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-iffissar tal-miri fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza;

(c) l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza;

(d) metodoloġija għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' prestazzjoni u ta' miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, u metodoloġija għall-iżvilupp tal-pjan ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni għall-funzjonijiet tan-network;

(e) il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni u tal-miri għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network;

(f) il-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' prestazzjoni, inkluż il-mekkaniżmi ta' twissija xierqa għal reviżjoni tal-pjanijiet u l-miri ta' prestazzjoni u għal reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha tul perjodu referenzjarju;

(g) valutazzjoni komparattiva tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(h) skemi ta' inċentivi inkluż għal diżinċentivi finanzjarji applikabbli meta fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ma jikkonformax mal-miri ta' prestazzjoni vinkolanti rilevanti tul il-perjodu referenzjarju jew meta ma jkunx implimenta l-proġetti komuni rilevanti msemmija fl-Artikolu 35. Dawn id-diżinċentivi finanzjarji għandhom b'mod partikolari jqisu d-deterjorament fil-livell tal-kwalità tas-servizz ipprovdut minn dak il-fornitur, minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-miri ta' prestazzjoni jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-proġetti komuni, u l-impatt tagħhom fuq in-network;

(i) mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tar-riskju fir-rigward tat-traffiku u l-kostijiet;

(j) skedi taż-żmien għall-iffissar tal-miri, il-valutazzjoni tal-pjanijiet u l-miri, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni komparattiva;

(k) metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet komuni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal bejn iż-żewġ kategoriji ta' servizzi;

(l) mekkaniżmi li jindirizzaw avvenimenti mhux prevedibbli u sinifikanti li jħallu impatt materjali fuq l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti.

Artikolu 11

Stabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza għal kull perjodu referenzjarju, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2) u skont il-paragrafi 2 sa 3 ta' dan l-Artikolu. Flimkien mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi valuri tal-linja bażi, valuri ta' analiżi jew gruppi ta' parametri referenzjarji kumplimentari, biex tippermetti l-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' abbozzi ta' pjanijiet ta' prestazzjoni skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(3).

2. Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddefiniti abbażi tal-kriterji essenzjali li ġejjin:

(a) għandhom jixprunaw titjib gradwali u kontinwu fir-rigward tal-prestazzjoni operazzjonali u ekonomika tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(b) għandhom ikunu realistiċi u jistgħu jinkisbu tul il-perjodu referenzjarju kkonċernat, filwaqt li jrawmu żviluppi strutturali u teknoloġiċi fit-tul li jippermettu l-forniment effiċjenti, sostenibbli u reżiljenti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

3. Għall-finijiet tat-tħejjija tad-deċiżjonijiet tagħha dwar il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tiġbor kwalunkwe kontribut meħtieġ mingħand il-partijiet ikkonċernati. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tipprovdi assistenza lill-Kummissjoni għall-analiżi u t-tħejjija ta' dawk id-deċiżjonijiet, permezz ta' opinjoni.

Artikolu 12

Klassifikazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal

1. Qabel il-bidu ta' kull perjodu referenzjarju, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni liema servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li jridu jingħataw tul dak il-perjodu fl-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tiegħu, li jkun beħsiebu jikklassifika bħala servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u bħala servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal rispettivament. Fl-istess ħin, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati b'dawk is-servizzi rispettivi.

2. Fi żmien debitu qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju rilevanti, il-Kummissjoni, għandha tadotta deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni indirizzati lil kull Stat Membru dwar jekk il-klassifikazzjoni maħsuba tas-servizzi kkonċernati tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-punti (28) u (55) tal-Artikolu 2. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tipprovdi assistenza lill-Kummissjoni għall-analiżi u t-tħejjija ta' dawk id-deċiżjonijiet, permezz ta' opinjoni.

3. Meta deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 2 issib li l-klassifikazzjoni maħsuba ma tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fil-punti (28) u (55) tal-Artikolu 2, l-Istat Membru kkonċernat għandu, wara li jikkunsidra dik id-deċiżjoni, jippreżenta notifika ġdida li t-termini tagħha jkunu jikkonformaw ma' dawk il-kriterji. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar din in-notifika skont il-paragrafu 2.

4. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati kkonċernati għandhom jibbażaw l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni tagħhom għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal fuq il-klassifikazzjonijiet li l-Kummissjoni sabet li huma konformi mal-kriterji stabbiliti fil-punti (28) u (55) tal-Artikolu 2. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tibbaża ruħha fuq dawk l-istess klassifikazzjonijiet meta tiġi biex tivvaluta l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal skont l-Artikolu 13(3).

Artikolu 13

Pjanijiet ta' prestazzjoni u miri ta' prestazzjoni għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati

1. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru en route għandhom, għal kull perjodu referenzjarju, jadottaw abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route kollha li jipprovdu u, meta applikabbli, li jakkwistaw mingħand fornituri oħra.

L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom jiġu adottati wara l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju kkonċernat. Dawn għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza, b'mod konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Dawk l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom iqisu l-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

2. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Maniġer tan-Network. Qabel ma jadottaw dawk l-abbozzi ta' pjanijiet, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, meta rilevanti, lill-awtoritajiet militari, lill-operaturi tal-ajruporti u lill-koordinaturi tal-ajruporti. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jippreżentaw ukoll dawk il-pjanijiet lill-awtorità kompetenti nazzjonali responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom, li għandha tivverifika l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

3. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route li jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni rispettivi għall-Unjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni kollha u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fit-tielet subparagrafu.

Il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru en route mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għandha tiġi stabbilita skont il-kriterji li ġejjin:

(a) meta l-valuri ta' analiżi ġew stabbiliti flimkien mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, tqabbil tal-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ma' dawk il-valuri ta' analiżi;

(b) evalwazzjoni tat-titjib fil-prestazzjoni maż-żmien, għall-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni, u addizzjonalment għall-perjodu ġenerali li jinkludi kemm il-perjodu referenzjarju preċedenti kif ukoll il-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni;

(c) tqabbil tal-livell ta' prestazzjoni ppjanat tal-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat ma' fornituri oħra tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jkunu parti mill-istess grupp ta' parametri referenzjarji.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jrid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-suppożizzjonijiet ewlenin applikati bħala bażi għall-iffissar tal-miri u l-miżuri maħsuba biex jintlaħqu l-miri tul il-perjodu referenzjarju, inkluż il-valuri bażi, it-tbassir tat-traffiku u s-suppożizzjonijiet ekonomiċi użati, iridu jkunu preċiżi, adegwati u koerenti;

(b) l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jrid ikun komplut f'termini ta' data u materjal ta' appoġġ;

(c) il-bażijiet tal-kost għall-imposti jridu jikkonformaw mal-Artikolu 20.

4. L-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal għandha tiġi vvalutata mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB abbażi tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 10(3)(k) u l-klassifikazzjoni tas-servizzi differenti kif ivvalutati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12.

5. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route msemmija fil-paragrafu 1, inkluż, meta rilevanti, l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni.

6. Fil-każ ta' fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat li jipprovdi kemm servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route kif ukoll servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha l-ewwel tivvaluta l-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi rispettivi skont il-paragrafu 4.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li l-allokazzjoni tal-kostijiet ma tikkonformax mal-metodoloġija jew mal-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jippreżenta abbozz ġdid tal-pjan ta' prestazzjoni li jikkonforma ma' dik il-metodoloġija u ma' dik il-klassifikazzjoni.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li l-allokazzjoni tal-ispejjeż tikkonforma ma' dik il-metodoloġija u ma' dik il-klassifikazzjoni, din għandha tieħu deċiżjoni għal dak il-għan u tinnotifika lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat u lill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata. L-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tkun marbuta bil-konklużjonijiet ta' dik id-deċiżjoni fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal imsemmi fl-Artikolu 14.

7. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tivvaluta l-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u l-pjanijiet ta' prestazzjoni skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta jkun japplika l-paragrafu 6, din il-valutazzjoni għandha ssir wara li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet skont ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 6.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, din għandha tapprovah.

Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li mira ta' prestazzjoni waħda jew diversi miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha jew li l-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3, din għandha tirrifjuta l-approvazzjoni.

8. Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tkun irrifjutat l-approvazzjoni ta' abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni skont il-paragrafu 7, il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jippreżenta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni, u meta meħtieġ ikun jinkludi miri riveduti.

9. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tivvaluta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tapprovah.

Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tirrifjuta l-approvazzjoni tiegħu u għandha titlob lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat biex jippreżenta abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni.

Meta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 8 jiġi rifjutat għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route li ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat, filwaqt li tqis is-sejbiet li jkunu saru fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 7. L-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti b'dan il-mod mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, kif ukoll il-miżuri biex jintlaħqu dawk il-miri.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 8 tiġi rifjutata biss għax ma tkunx tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li jrid jippreżenta l-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, għandu jinstab konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tkun sabet li ma ntlaħqux.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 8 tiġi rifjutata għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route li mhumiex konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u, barra minn hekk, għax ma jkunx jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB skont it-tielet subparagrafu u l-miżuri biex jinkisbu dawk il-miri u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tkun sabet li ma ntlaħqux.

10. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni approvati mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandhom jiġu adottati mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati kkonċernati bħala pjanijiet definittivi, u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

11. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha toħroġ rapporti regolari, fil-limiti taż-żmien imsemmija fl-atti ta' implimentazzjoni li jridu jiġu adottati skont l-Artikolu 18, dwar il-

monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u tal-funzjonijiet tan-network, inkluż il-valutazzjonijiet regolari tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni en route għall-Unjoni kollha u tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u tagħmel ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.

Il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawn għandhom jinkludu informazzjoni u data relatati mal-kostijiet u d-dħul reali. Meta l-miri ta' prestazzjoni ma jintlaħqux jew il-pjan ta' prestazzjoni ma jiġix implimentat sew, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha toħroġ deċiżjonijiet li jeżiġu l-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta jkun oġġettivament meħtieġ, dawn il-miżuri korrettivi jistgħu jinkludu rekwiżit għal fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jiddelega l-forniment tas-servizzi rilevanti lil fornitur ieħor tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta l-miri ta' prestazzjoni jibqgħu ma jintlaħqux, jew meta l-pjan ta' prestazzjoni jibqa' jiġi implimentat ħażin jew meta l-miżuri korrettivi imposti ma jiġux applikati jew ma jiġux applikati sew, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha twettaq investigazzjoni u tipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(2). Il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 24(3).

Artikolu 14

Pjanijiet ta' prestazzjoni u miri ta' prestazzjoni għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati

1. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fit-terminal għandhom, għal kull perjodu referenzjarju, jadottaw abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal kollha li jipprovdu u, meta applikabbli, li jakkwistaw mingħand fornituri oħra.

L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom jiġu adottati wara l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju kkonċernat. Dawn għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza, b'mod konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Dawk l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom iqisu l-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

2. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Maniġer tan-Network. Qabel ma jadottaw dawk l-abbozzi ta' pjanijiet, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru u, meta rilevanti, lill-awtoritajiet militari, lill-operaturi tal-ajruporti u lill-koordinaturi tal-ajruporti. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jippreżentaw ukoll dawk il-pjanijiet lill-awtorità kompetenti nazzjonali responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom, li għandha tivverifika l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

3. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għandu jkun fihom miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li jkunu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni rispettivi għall-Unjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni kollha u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fit-tielet subparagrafu.

Il-konsistenza tal-miri ta’ prestazzjoni għas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha għandha tiġi stabbilita skont il-kriterji li ġejjin:

(a) meta l-valuri ta’ analiżi ġew stabbiliti flimkien mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha, tqabbil tal-miri ta’ prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni ma’ dawk il-valuri ta’ analiżi;

(b) evalwazzjoni tat-titjib fil-prestazzjoni maż-żmien, għall-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta’ prestazzjoni, u addizzjonalment għall-perjodu ġenerali li jinkludi kemm il-perjodu referenzjarju preċedenti kif ukoll il-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta’ prestazzjoni;

(c) tqabbil tal-livell ta’ prestazzjoni ppjanat tal-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat ma’ fornituri oħra tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jkunu parti mill-istess grupp ta’ parametri referenzjarji.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni jrid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-suppożizzjonijiet ewlenin applikati bħala bażi għall-iffissar tal-miri u l-miżuri maħsuba biex jintlaħqu l-miri tul il-perjodu referenzjarju, inkluż il-valuri bażi, it-tbassir tat-traffiku u s-suppożizzjonijiet ekonomiċi użati, iridu jkunu preċiżi, adegwati u koerenti;

(b) l-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni jrid ikun komplut f’termini ta’ data u materjal ta’ appoġġ;

(c) il-bażijiet tal-kost għall-imposti jridu jikkonformaw mal-Artikolu 20.

4. L-abbozzi tal-pjanijiet ta’ prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità superviżorja nazzjonali għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni.

5. Fil-każ ta’ fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat li jipprovdi kemm servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route kif ukoll servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, l-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li jrid jiġi ppreżentat lill-awtorità superviżorja nazzjonali għandu jkun il-pjan soġġett għal deċiżjoni pożittiva dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet meħuda mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(6).

6. L-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tivvaluta l-miri ta’ prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u l-pjanijiet ta’ prestazzjoni skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta jkun japplika l-paragrafu 5, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-konklużjonijiet tad-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet.

Meta l-awtorità superviżorja nazzjonali ssib li l-abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, din għandha tapprovah.

Meta l-awtorità superviżorja nazzjonali ssib li mira ta’ prestazzjoni waħda jew diversi miri ta’ prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal ma jkunux konsistenti mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha jew li l-pjan ta’ prestazzjoni ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3, din għandha tirrifjuta l-approvazzjoni.

7. Meta l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun irrifjutat l-approvazzjoni ta’ abbozz tal-pjan ta’ prestazzjoni skont il-paragrafu 6, il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jippreżenta abbozz rivedut tal-pjan ta’ prestazzjoni, u meta meħtieġ ikun jinkludi miri riveduti.

8. L-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tivvaluta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni msemmi fil-paragrafu 7 skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni jkun jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tapprovah.

Meta abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ma jkunx jissodisfa dawk il-kriterji u l-kundizzjonijiet, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tirrifjuta l-approvazzjoni tiegħu u għandha titlob lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat biex jippreżenta abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni.

Meta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 7 jiġi rifjutat għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li ma jkunux konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat, filwaqt li tqis is-sejbiet li jkunu saru fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 6. L-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti b'dan il-mod mill-awtorità superviżorja nazzjonali, kif ukoll il-miżuri biex jintlaħqu dawk il-miri.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 7 tiġi rifjutata biss għax ma tkunx tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li jrid jippreżenta l-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, għandu jinstab konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha mill-awtorità superviżorja nazzjonali, u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun sabet li ma ntlaħqux.

Meta l-approvazzjoni tal-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat skont il-paragrafu 7 tiġi rifjutata għax ikun fih miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal li mhumiex konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u, barra minn hekk, għax ma jkunx jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3, l-abbozz finali tal-pjan ta' prestazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat għandu jinkludi l-miri ta' prestazzjoni stabbiliti mill-awtorità superviżorja nazzjonali skont it-tielet subparagrafu u l-miżuri biex jinkisbu dawk il-miri u għandu jkun fih l-emendi meħtieġa fid-dawl tal-kundizzjonijiet li l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun sabet li ma ntlaħqux.

9. L-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni approvati mill-awtorità superviżorja nazzjonali għandhom jiġu adottati mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati kkonċernati bħala pjanijiet definittivi, u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

10. L-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata għandha toħroġ rapporti regolari dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, inkluż valutazzjonijiet regolari tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u tagħmel ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.

Il-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-data meħtieġa għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawn għandhom jinkludu informazzjoni u data relatati mal-kostijiet u d-dħul reali.

Meta l-miri ta' prestazzjoni ma jintlaħqux jew il-pjan ta' prestazzjoni ma jiġix implimentat sew, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha toħroġ deċiżjonijiet li jeżiġu l-

implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi min-naħa tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta jkun oġġettivament meħtieġ, dawn il-miżuri korrettivi jistgħu jinkludu rekwiżit għal fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jiddelega l-forniment tas-servizzi rilevanti lil fornitur ieħor tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta l-miri ta' prestazzjoni jibqgħu ma jintlaħqux, jew meta l-pjan ta' prestazzjoni jibqa' jiġi implimentat ħażin, jew meta l-miżuri korrettivi imposti ma jiġux applikati jew ma jiġux applikati sew, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha titlob lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB biex twettaq investigazzjoni skont l-Artikolu 24(2), u l-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 24(3).

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità superviżorja nazzjonali skont dan l-Artikolu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju.

12. Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB twettaq il-kompiti ta' awtorità superviżorja nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 3(8), l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB flimkien mal-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route. Meta l-Aġenzija tkun ħadet deċiżjoni fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(6), din id-deċiżjoni għandha tkun vinkolanti għaliha għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal.

Artikolu 15

Rwol tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tal-monitoraġġ tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

1. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha tistabbilixxi ħarsa ġenerali b'mod regolari għall-Unjoni kollha tal-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u ta' kif din tirrelata mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

2. Għall-fini tat-tħejjija tal-ħarsa ġenerali msemmija fil-punt 1, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jinnotifikaw ir-rapporti tagħhom imsemmija fl-Artikolu 14(10) lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u għandhom jipprovdu kull informazzjoni oħra li l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tista' titlob għal dawk il-finijiet.

Artikolu 16

Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network

1. Il-Maniġer tan-Network għandu, għal kull perjodu referenzjarju, ifassal abbozz ta' Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network fir-rigward tal-funzjonijiet kollha tan-network li jwettaq.

L-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għandu jsir wara l-istabbiliment ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u qabel il-bidu tal-perjodu referenzjarju kkonċernat. Dan għandu jkun fih miri ta' prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza.

2. L-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u lill-Kummissjoni.

L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha, meta tintalab mill-Kummissjoni, tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network abbażi tal-kriterji essenzjali li ġejjin:

(a) kunsiderazzjoni tal-prestazzjoni maż-żmien, għall-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni, u addizzjonalment għall-perjodi taż-żmien li jinkludu kemm il-perjodu referenzjarju preċedenti kif ukoll il-perjodu referenzjarju kopert mill-pjan ta' prestazzjoni;

(b) il-kompletezza tal-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network f'termini ta' *data* u materjali ta' appoġġ.

Meta l-Kummissjoni ssib li l-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network hu komplut u juri titjib adegwat fil-prestazzjoni, din għandha tadotta l-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network bħala pjan definittiv. Inkella, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Maniġer tan-Network biex jissottometti abbozz rivedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network.

Artikolu 17

Reviżjoni tal-miri ta' prestazzjoni u tal-pjanijiet ta' prestazzjoni waqt perjodu referenzjarju

1. Meta, waqt perjodu referenzjarju, il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha ma jibqgħux adegwati, fid-dawl ta' ċirkostanzi li nbidlu b'mod sinifikanti, u meta r-reviżjoni tal-miri tkun meħtieġa u proporzjonata, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. L-Artikolu 11 għandu japplika għal din id-deċiżjoni. Wara din ir-reviżjoni, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jadottaw abbozz ġdid tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, li għalihom għandhom japplikaw l-Artikoli 13 u 14. Il-Maniġer tan-Network għandu jfassal abbozz ġdid tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network, li għalih għandu japplika l-Artikolu 16.

2. Id-deċiżjoni dwar il-miri ta' prestazzjoni riveduti għall-Unjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-perjodu taż-żmien sakemm isiru applikabbli l-pjanijiet ta' prestazzjoni definittivi adottati skont l-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 14(6).

3. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati jistgħu jitolbu l-permess tal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, jew mingħand l-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, biex jirrevedu mira ta' prestazzjoni waħda jew bosta tul perjodu referenzjarju. Talba bħal din tista' ssir meta jintlaħqu l-limiti ta' twissija, jew meta l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati juru li d-data inizjali, is-suppożizzjonijiet u r-raġunamenti li jirfdu l-miri ta' prestazzjoni ma għandhomx aktar preċiżi b'mod sinifikanti u dejjiemi minħabba ċirkostanzi li ma kinux imbassra waqt l-adozzjoni tal-pjan ta' prestazzjoni.

4. L-Aġenzija li taġixxi bħala PRB fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, jew l-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata fir-rigward tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, għandha tawtorizza lill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat biex jipproċedi bir-reviżjoni maħsuba biss jekk din tkun meħtieġa u proporzjonata, u meta l-miri ta' prestazzjoni riveduti jiżguraw li tinżamm il-konsistenza mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Meta r-reviżjoni tkun ġiet awtorizzata, il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jadottaw abbozz ġdid tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14.

Artikolu 18

Implimentazzjoni tal-iskema ta' imposti

Għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta rekwiżiti u proċeduri dettaljati fir-rigward tal-Artikoli 10(3), 11, 12, 13, 14, 15, 16 u 17, b'mod

partikolari fir-rigward tal-iżvilupp tal-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, l-iffissar tal-miri ta' prestazzjoni, il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tagħhom, il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u fit-terminal, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-ħruġ ta' miżuri korrettivi, u l-iskedi taż-żmien għall-proċeduri kollha. Dawk il-miżuri u l-proċeduri għandhom jiġu stabbiliti b'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2).

↓ 1070/2009 Art. 1.

~~(b) l-għażla ta' oqsma ewlenin ta' prestazzjoni xierqa fuq il-bażi tad-Dokument ICAO Nru 985 'Global air traffic management operational concept', u f'konsistenza mal-Qafas ta' Rendiment tal-Pjan Komprensiv tal-ATM, inklużi l-oqsma tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità, il-kosteffiċjenza u l-fattur uman, adattati, fejn xieraq, sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Ajru Uniku Ewropew u l-objettivi relevanti għal dawn l-oqsma u d-definizzjoni ta' sett limitat ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin għall-kejl tal-prestazzjoni;~~

~~(c) l-iffissar ta' miri ta' prestazzjoni tal-Unjoni, li japplikaw, li għandhom jiġu definiti filwaqt li jitqiesu l-inputs identifikati fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali;~~

~~6. Għall-iffunzjonar dettaljat tal-iskema ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha, sal-4 ta' Diċembru 2011 u fi żmien xieraq biex jiġu ssodisfati l-iskadenzi stipulati f'dan ir-Regolament, tadotta regoli implimentattivi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(3). Dawn ir-regoli implimentattivi għandhom ikopru b'mod partikolari dan li ġej:~~

~~(c) il-kriterji għall-iffissar, mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, ta' pjani tal-prestazzjoni nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali, li jkun fihom il-miri ta' prestazzjoni lokali u l-iskema ta' inċentivi. Il-pjani tal-prestazzjoni għandhom:~~

~~(i) ikunu bbażati fuq pjani kummerċjali tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru;~~

~~(ii) jindirizzaw l-elementi kollha tal-ispiża bażi tan-nefqa nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali;~~

~~(iii) jinkludu miri vinkolanti ta' prestazzjoni konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni li japplikaw għall-Komunità kollha; (d) l-evalwazzjoni tal-miri ta' prestazzjoni nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali fuq il-bażi tal-pjan nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali; u~~

~~(e) il-monitoraġġ tal-pjani ta' prestazzjoni nazzjonali jew tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali, inklużi mekkaniżmi ta' twissija xierqa.; (d) il-kriterji biex jiġi evalwat jekk il-miri nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali humiex konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni li japplikaw għall-Komunità kollha matul il-perjodu ta' referenza u biex jiġu appoġġjati l-mekkaniżmi ta' twissija;~~

~~(e) prinċipji ġenerali għat-twaqqif ta' skema ta' inċentivi mill-Istati Membri;~~

~~(f) il-prinċipji għall-applikazzjoni ta' mekkaniżmu tranżitorju neċessarju għall-adattazzjoni għat-tħaddim tal-iskema ta' prestazzjoni ta' mhux aktar minn 12-il xahar minn wara l-adozzjoni tar-regoli implimentattivi.;~~

~~(b) il-perjodu perjodi xierqa ta' referenza u l-intervalli għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-miri ta' prestazzjoni u l-iffissar ta' miri ġodda;~~

~~(a) il-kontenut u l-iskedai relatati meħtieġa tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 4;~~

↓ 1070/2009 Art. 1.5

~~5. L-istabbiliment tal-iskema ta' prestazzjoni għandu jqis il-fatt li s-servizzi en route, is-servizzi fit-terminal u l-funzjonijiet tan-network huma differenti u għandhom jiġu ttrattati bħala tali anke, jekk ikun neċessarju, għal skopijiet tal-kejl tal-prestazzjoni.~~

↓ 550/2004 (adattat)

~~KAPITOLU III~~

~~SKEMI TA' ĦLASIJIET~~

↓ 1070/2009 Art. 2.8

~~Artikolu 14~~

~~Ġenerali~~

~~Skont ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli 15 u 16, l-iskema tat-talbiet għall-ħlas għas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jikkontribwixxu għal aktar trasparenza fid-determinazzjoni, l-impożizzjoni u l-infurzar tal-ħlasijiet lill-utenti tal-ispazju tal-ajru u għandhom jikkontribwixxu mal-effiċjenza tan-nefqa għal forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u għall-effiċjenza tat-titjiriet, filwaqt li jinżamm livell tajjeb ta' sikurezza. Din l-iskema għandha wkoll tkun konsistenti mal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u mas-sistema ta' ħlas tal-Eurocontrol għal ħlasijiet ta' waqt ir-rotta.~~

↓ 1070/2009 Art. 2.9 (adattat)

Artikolu 19~~15~~

Prinċipji ⌦ għall-iskema ta' imposti ⌫

⇩ ġdid

1. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiffinanzjaw il-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru koperti f'dan l-Artikolu permezz ta' fondi pubbliċi, l-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jiġu ddeterminati, jiġu imposti u jiġu infurzati fuq l-utenti tal-ispazju tal-ajru.

2. L-imposti għandhom ikunu bbażati fuq il-kostijiet tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fir-rigward ta' servizzi u funzjonijiet mogħtija għall-benefiċċju tal-utenti tal-ispazju tal-ajru tul perjodi referenzjarji fissi kif definit fl-Artikolu 10(2). Dawk il-kostijiet jistgħu jinkludu redditu raġonevoli fuq l-assi biex jikkontribwixxu għat-titjib tal-kapital meħtieġ.

3. L-imposti għandhom iħeġġu l-forniment sikur, effiċjenti, effettiv u sostenibbli ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru biex jinkiseb livell għoli ta' sikurezza u kosteffiċjenza u jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni, u għandhom jistimulaw il-forniment ta' servizz integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni.

4. Id-dħul mill-imposti li jġarrbu l-utenti tal-ispazju tal-ajru jista' jirriżulta f'eċċessi jew telf finanzjarji għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-applikazzjoni tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 10(3) u l-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tar-riskju msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 10(3).

5. Id-dħul mill-imposti li jġarrbu l-utenti tal-ispazju tal-ajru skont dan l-Artikolu ma għandux jintuża biex jiffinanzja servizzi mogħtija bil-kundizzjonijiet tas-suq skont l-Artikolu 8.

6. Id-*data* finanzjarja dwar il-kostijiet iddeterminati, il-kostijiet reali u d-dħul tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandha tiġi rrapportata lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 20

Bażijiet tal-kost għall-imposti

1. Il-bażijiet tal-kost għall-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u l-imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għandhom jikkonsistu mill-kostijiet iddeterminati relatati mal-forniment ta' dawk is-servizzi fiż-żona tal-imposti en route u fiż-żona tal-imposti fit-terminal ikkonċernati, kif stabbilit fil-pjanijiet ta' prestazzjoni adottati skont l-Artikoli 13 u 14.

2. Il-kostijiet iddeterminati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-kostijiet tal-faċilitajiet u s-servizzi rilevanti, l-ammonti xierqa għal imgħax fuq il-kapital investit u d-deprezzar tal-assi, kif ukoll il-kostijiet tal-manutenzjoni, l-operazzjoni, il-ġestjoni u l-amministrazzjoni.

3. Il-kostijiet iddeterminati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll il-kostijiet li ġejjin:

(a) il-kostijiet imġarrba mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għal tariffi u imposti mħallsa lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB;

(b) il-kostijiet jew partijiet minnhom imġarrba mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, b'rabta mas-sorveljanza u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, sakemm ma jintużawx riżorsi finanzjarji oħra mill-Istati Membri biex ikopru dawn il-kostijiet;

(c) il-kostijiet imġarrba mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'rabta mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u mal-funzjonijiet tan-network, inkluż il-kompiti fdati f'idejn il-Maniġer tan-Network, sakemm ma jintużawx riżorsi finanzjarji oħra mill-Istati Membri biex ikopru t-tali kostijiet.

4. Dawn la għandhom jinkludu l-kostijiet tal-penali imposti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 42 u lanqas il-kostijiet ta' xi miżura korrettiva msemmija fl-Artikolu 13(11) u fl-Artikolu 14(10).

5. Ma għandux ikun permess sussidju trażversali bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal. Il-kostijiet relatati kemm mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal u mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en-route għandhom jiġu allokati b'mod proporzjonali bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en-route u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal abbażi ta' metodoloġija trasparenti. Is-sussidju trażversali għandu jitħalla jsir bejn is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'xi waħda minn dawk iż-żewġ kategoriji biss meta dan ikun ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi, soġġett għal identifikazzjoni ċara skont l-Artikolu 25(3).

6. Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati għandhom jipprovdu dettalji tal-bażi tal-kost tagħhom lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, u lill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-kostijiet għandhom jinqasmu skont is-separazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 25(3), u billi ssir distinzjoni bejn il-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet operatorji għajr il-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tad-deprezzament, il-kost tal-kapital, il-kostijiet imġarrba għat-tariffi u l-imposti mħallsa lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u l-kostijiet eċċezzjonali.

Artikolu 21

Iffissar tar-rati unitarji

1. Ir-rati unitarji għandhom jiġu stabbiliti għal kull sena kalendarja u għal kull żona tal-imposti, abbażi tal-kostijiet iddeterminati u tal-previżjonijiet tat-traffiku stabbiliti fil-pjanijiet ta' prestazzjoni kif ukoll tal-aġġustamenti applikabbli li jirriżultaw mis-snin preċedenti u minn dħul ieħor.

2. Ir-rati unitarji għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, wara verifika mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB li jikkonformaw mal-Artikolu 19, l-Artikolu 20 u ma' dan l-Artikolu. Meta l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB issib li rata unitarja ma tissodisfax dawk ir-rekwiżiti, ir-rata unitarja għandha tiġi rieżaminata kif xieraq mill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata. Meta rata unitarja tkompli ma tissodisfax dawk ir-rekwiżiti, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha twettaq investigazzjoni u tipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 24(2), u l-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 24(3).

Għall-finijiet tal-imposti, u meta l-konġestjoni tikkawża problemi sinifikanti fin-network inkluż deterjorament tal-prestazzjoni ambjentali, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi, permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), rata unitarja komuni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew, u regoli u proċeduri dettaljati għall-applikazzjoni tagħha. Ir-rata unitarja komuni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' medja ponderata tar-rati unitarji differenti tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernati. Ir-rikavat mir-rata unitarja komuni għandu jiġi riallokat biex tinkiseb in-newtralità tad-dħul għal dawk il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati.

Artikolu 22

Stabbiliment tal-imposti

1. L-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom iġarrbu imposti għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji, li jkunu jqisu l-kapaċitajiet produttivi relattivi tat-tipi differenti ta' inġenji tal-ajru kkonċernati. Meta utenti differenti tal-

ispazju tal-ajru jġarrbu imposti għall-użu tal-istess servizzi, ma għandha ssir l-ebda distinzjoni minħabba n-nazzjonalità jew il-kategorija tal-utent.

2. L-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route għal titjira partikolari f'żona tal-imposti en route partikolari għandha tiġi kkalkulata abbażi tar-rata unitarja stabbilita għal dik iż-żona tal-imposti en route u l-unitajiet tas-servizzi en route għal dik it-titjira. L-imposta għandha tkun magħmula minn komponent varjabbli wieħed jew aktar, kull wieħed ibbażat fuq fatturi oġġettivi.

3. L-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal għal titjira partikolari f'żona tal-imposti tat-terminal partikolari għandha tiġi kkalkulata abbażi tar-rata unitarja stabbilita għal dik iż-żona tal-imposti fit-terminal u l-unitajiet tas-servizzi tat-terminal għal dik it-titjira. Għall-fini tal-kalkolu tal-imposta għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal, l-avviċinament u t-tluq ta' titjira għandhom jgħoddu bħala titjira waħda. L-imposta għandha tkun magħmula minn komponent varjabbli wieħed jew aktar, kull wieħed ibbażat fuq fatturi oġġettivi.

4. Tista' tkun permessa eżenzjoni ta' ċerti utenti tal-ispazju tal-ajru mill-imposti tan-navigazzjoni bl-ajru, speċjalment ta' inġenji tal-ajru ħfief u ta' inġenji tal-ajru tal-Istat, diment li l-kost ta' dik l-eżenzjoni ma jkunx kopert minn riżorsi oħra u ma jingħaddiex lil utenti oħra tal-ispazju tal-ajru.

5. L-imposti għandhom jiġu modulati biex il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-ajruporti u l-utenti tal-ispazju tal-ajru jitħeġġu jappoġġaw it-titjib fil-prestazzjoni ambjentali, jew il-kwalità tas-servizz bħal żieda fl-użu tal-fjuwils alternattivi sostenibbli, żieda fil-kapaċità, tnaqqis tad-dewmien, u l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jinżamm livell ottimali ta' sikurezza, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. Il-modulazzjoni għandha tkun tikkonsisti f'vantaġġi jew żvantaġġi finanzjarji u għandha tkun newtrali fir-rigward tad-dħul għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

Artikolu 23

Implimentazzjoni tal-iskema ta' imposti

Għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' imposti, il-Kummissjoni għandha tadotta rekwiżiti u proċeduri dettaljati fir-rigward tal-Artikoli 19, 20, 21 u 22 b'mod partikolari rigward il-bażijiet tal-kost u l-kostijiet iddeterminati, l-istabbiliment tar-rati unitarji, l-iskemi ta' inċentivi u l-mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tar-riskju u l-modulazzjoni tal-imposti. Dawk il-miżuri u l-proċeduri għandhom jiġu stabbiliti b'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37(2).

🡻 1070/2009 Art. 2.9

~~(a) l-ispejjeż li għandhom jitqassmu bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom ikunu l-ispejjeż determinati tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, inklużi ammonti xierqa għal imgħax fuq kapital investit u deprezzar ta' assi, kif ukoll l-ispejjeż ta' manutenzjoni, operazzjoni, maniġġjar u amministrazzjoni,. L-ispejjeż iddeterminati għandhom ikunu l-ispejjez iddeterminati mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru fil-bidu tal-perjodu ta' referenza għal kull sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza imsemmija fl-Artikolu 11 tal-qafas ta' Regolament, jew matul il-perjodu ta' referenza, wara li jsiru l-aġġustamenti neċessarji billi jiġu applikati l-mekkaniżmi ta' twissija stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament qafas;~~

(b) l-ispejjeż li għandom jitqiesu f'dan il-kuntest għandhom ikunu dawk stmati f'konnessjoni mal-faċilitajiet u servizzi provduti għal u implimentati taħt il-Pjan Reġjonali ta' Navigazzjoni tal-Ajru tal-ICAO, Reġjun Ewropew. Jistgħu wkoll jinkludu spejjeż minfuqa mill-autoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u/jew entitajiet kwalifikati, kif ukoll spejjeż oħra minfuqa mill-Istati Membri u l-fornituri ta' servizz rilevanti f'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru. Huma ma għandhomx jinkludu l-ispejjeż tal-pieni imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tar-Regolament qafas u lanqas l-ispejjeż ta' kwalunkwe miżura korrettiva imposta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament qafas;

(c) fir-rigward tal-blokok funzjonali tal-Ispazju tal-ajru u bħala parti mill-ftehim qafas rispettivi tagħhom, l-Istati membri għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jaqblu fuq il-prinċipji komuni għall-politika ta' ħlasijiet;.

(d) l-ispiża ta' servizzi differenti ta' navigazzjoni bl-ajru għandha tkun identifikata b'mod separat, kif jipprovdi l-Artikolu 12(3) ;

(e) ma għandux ikun permess sussidju trażversali bejn servizzi ta' waqt ir-rotta u servizzi fit-terminal. L-ispejjeż li huma relatati kemm mas-servizzi li jingħataw fit-terminal u s-servizzi en-route għandhom jiġu allokati b'mod proporzjonali bejn is-servizzi en-route u s-servizzi fit-terminal fuq il-bażi ta' metodoloġija trasparenti. Sussidju trasversali għandu jitħalla jsir bejn servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fi kwalunkwe waħda miż-żewġ kategoriji biss meta dan ikun iġġustifikat għal raġunijiet oġġettivi, suġġett għal identifikazzjoni ċara.

(f) it-trasparenza tal-bażi ta' spiża għall-ħlasijiet għandha tkun iggarantita. Regoli ta' implimentazzjoni għall-forniment ta' informazzjoni minn fornituri ta' servizz għandhom ikunu adottati biex jippermettu reviżjonijiet tal-previżjonijiet tal-fornitur, spejjeż attwali u dħul (introjtu). Għandu jkun hemm skambju regolari ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza, fornituri ta' servizz, utenti tal-ispazju tal-ajru, il-Kummissjoni u Eurocontrol.

3. L-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-prinċipji li ġejjin meta jiġu stabbiliti t-tariffi skond il-paragrafu 2:

(a) it-tariffi għandhom ikunu stabbiliti għas-servizzi disponibbli tan-navigazzjoni tal-ajru taħt kundizzjonijiet non-diskriminatorji Meta jkunu imposti ħlasijiet fuq utenti differenti tal-ispazju tal-ajru għall-użu tal-istess servizzi, ebda distinzjoni m'għandha ssir f'konnessjoni ma' nazzjonalità jew kategorija tal-utent;

(b) eżenzjoni ta' ċerti utenti, speċjalment ta' operaturi ta' speċjalment ajruplani ħfief u ajruplani tal-Istat, tista' tkun permessa, sakemm l-ispiża ta' tali eżenzjoni ma tintefaqx fuq utenti oħra;

(c) it-tariffi għandhom jiġu stabbiliti għal kull sena kalendarja fuq il-bażi ta' spejjeż iddeterminati, jew jistgħu jiġu stabbiliti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri biex jiġi ddeterminat il-livell massimu tar-rata tal-unità jew tad-dħul ta' kull sena fuq firxa ta' perjodu li ma jeċċedix il-ħames snin;

d) is-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom jirrendu dħul suffiċjenti biex jiġġenera akkwist raġonevoli mill-assi biex tkun tista' ssir kontribuzzjoni għaż-żidiet inkrimentali meħtieġa tal-kapital;

(e) il-ħlasijiet għandhom jirriflettu l-ispiża ta' servizzi u faċilitajiet ta' navigazzjoni tal-ajru mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet produttivi relattivi tat-tipi differenti tal-ajruplani konċernati;

(f) it-tariffi għandhom jinkoraġġixxu l-forniment sikur, effiċjenti u effettiv u sostenibbli ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru bil-ħsieb tal-kisba ta' livell għoli ta' sikurezza u ta' effiċjenza mqabbla mal-ispiża u li jilħqu l-miri ta' prestazzjoni u huma għandhom jistimulaw il-forniment ta' servizz integrat filwaqt li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni. Għal dak il-għan u b'rabta mal-pjani ta' prestazzjoni jew blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jistgħu jwaqqfu mekkaniżmi, inklużi inċentivi li jikkonsistu f'vantaġġi u żvantaġġi, biex jinkorraġġixxu l-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u/jew utenti tal-ajru ħalli jistostnu t-titjib fil-forniment tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru bħalma hi l-kapaċità miżjuda, dewmien imnaqqas u żvilupp sostenibbli, filwaqt li jinżamm livell tajjeb ta' sikurezza.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni dettaljati għal dan l-Artikolu skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas.

🡻 1070/2009 Art. 2.11

Artikolu 15

Reviżjoni tal-konformità

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-analiżi kontinwa ta' konformità mal-prinċipji u regoli li jirreferi għalihom l-Artikoli 14 u 15, filwaqt li taġixxi f'koperazzjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi l-mekkaniżmi neċessarji biex isir użu mill-esperti tal-Eurocontrol u għandhom jaqsmu r-riżultati tar-reviżjoni mal-Istati Membri, il-Eurocontrol u r-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru.

2. Fuq talba ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri li jikkunsidraw li l-prinċipji u regoli msemmija aktar 'il fuq ma kinux applikati b'mod proprju, jew fuq inizjattiva tagħha proprja, il-Kummissjoni għandha tagħmel investigazzjoni dwar kull allegazzjoni ta' nuqqas ta' konformità jew ta' applikazzjoni tal-prinċipji u/jew regoli konċernati. Mingħajr preġudizzju tal-Artikolu 32(1), il-Kummissjoni għandha taqsam ir-riżultati tal-investigazzjoni mal-Istati Membri, l-Eurocontrol u r-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru. Fi żmien xahrejn mir-riċeviment ta' talba, wara li tkun semgħet lilll-Istat Membru kkonċernat u wara li tikkonsulta l-Kumitat dwar l-Ajru Uniku skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament u rigward jekk il-prattika konċerntata tistax tissokta.

3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri u għandha tinforma lill-fornitur tas-servizz dwarha, sa fejn jikkonċernah legalment. Kull Stat Membru jista' jirreferi d-ddeċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien xahar. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien perjodu ta' xahar.

⇩ ġdid

Artikolu 24

Analiżi tal-konformità mal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi regolarment il-konformità mal-Artikoli 10 sa 17 u 19 sa 22 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23, mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mill-Istati Membri, skont il-każ. Il-Kummissjoni għandha taġixxi f'konsultazzjoni mal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB u mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

2. Fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar, ta' awtorità superviżorja nazzjonali jew tal-Kummissjoni, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha twettaq investigazzjoni dwar kwalunkwe allegazzjoni ta' nuqqas ta' konformità kif imsemmi fil-paragrafu 1. Meta jkollha indikazzjonijiet ta' dan in-nuqqas ta' konformità, l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB tista' tibda investigazzjoni b'inizjattiva tagħha stess. Għandha tikkonkludi l-investigazzjoni fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi talba, wara li tkun semgħet lill-Istat Membru, lill-awtorità superviżorja nazzjonali kkonċernata u lill-fornitur tas-servizz tat-traffiku tal-ajru deżinjat ikkonċernat. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 41(1), l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandha taqsam ir-riżultati tal-investigazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati u mal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar jekk kienx hemm konformità mal-Artikoli 10 sa 17 u 19 sa 22 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 18 u 23 mill-Istati Membri u/jew mill-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u għandha tinnotifika din l-opinjoni lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri u lill-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernat.

🡻 550/2004 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 2512

Trasparenza tal-kontijiet ⌦ tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ⌫

1. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ~~tkun xi tkun is-sistema ta' pussess~~⌦ indipendentement mis-sistema ta' sjieda ⌫ tagħhom jew ~~forma legali~~⌦ l-istrutturi legali ⌫ , għandhom ⇨ ifasslu annwalment ⇦ , ~~jiktbu, jissottomettu lill-verifika~~ u jippubblikaw il-kontijiet finanzjarji tagħhom. Dawn il-kontijiet għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati ~~mill-Komunità~~ ⌦ mill-Unjoni ⌫. Meta, minħabba l-istatus legali tal-fornitur tas-servizzi ⌦ tan-navigazzjoni bl-ajru ⌫ , konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà ma tkunx possibbli, il-fornitur għandu ~~jagħmel sforz biex~~ jikseb din il-konformità sal-punt massimu possibbli.~~2. Fil-każijiet kollha,~~ Iil-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jippubblikaw rapport annwali u jgħaddu regolarment minn awditjar indipendenti ⌦ għall-kontijiet imsemmija f'dan il-paragrafu ⌫ .

⇩ ġdid

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Aġenzija li taġixxi bħala PRB għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw il-kontijiet tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru bis-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu aċċess lil awtoritajiet superviżorji oħra għal dawn il-kontijiet.

🡻 1070/2009 Art. 2.7 (adattat)

⇨ ġdid

3. ~~Meta jipprovdu għadd ta' servizzi,~~ Iil-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ⇨ , fil-kontabbiltà interna tagħhom, iżommu kontijiet separati għal kull servizz tan-navigazzjoni bl-ajru ⇦ ~~jidentifikaw u jniżżlu l-ispejjeż u d-dħul li ġej mis-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, elenkati skont l-iskema għat-talbiet ta' ħlas għas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru msemmi fl-Artikolu 14 u, fejn ikun xieraq, għandhom jinżammu l-kontijiet konsolidati għal sevizzi oħra mhux ta' navigazzjoni tal-ajru,.~~ kif ikunu meħtieġa jagħmlu jekk ⌦ dawn ⌫ is-servizzi ~~kkonċernati~~ ~~jkunu pprovduti~~ ⌦ jitwettqu ⌫ minn impriżi separati ⇨ bil-ħsieb li jevitaw id-diskriminazzjoni, is-sussidjar reċiproku u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandu jżomm ukoll kontijiet separati għal kull attività meta: ⇦

⇩ ġdid

(a) jipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru akkwistati skont l-Artikolu 8(1) u servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mhux koperti minn dik id-dispożizzjoni;

(b) jipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u jwettaq attivitajiet oħra, ta' kwalunkwe tip, inkluż servizzi ta' informazzjoni komuni;

(c) jipprovdi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.

Il-kostijiet iddeterminati, il-kostijiet reali u d-dħul li jirriżulta mis-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jinqasmu f'kostijiet tal-persunal, kostijiet operatorji għajr kostijiet tal-persunal, kostijiet ta' deprezzament, kost tal-kapital, kostijiet imġarrba għal tariffi u imposti mħallsa lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB, u kostijiet eċċezzjonali u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, soġġetti għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

4. Id-data finanzjarja dwar il-kostijiet u d-dħul irrappurtati skont l-Artikolu 19(6) u informazzjoni oħra rilevanti għall-kalkolu tar-rati unitarji għandha tiġi awditjata jew ivverifikata mill-awtorità superviżorja nazzjonali jew minn entità indipendenti mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat u approvata mill-awtorità superviżorja nazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-awditu għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

🡻 550/2004

~~4. Stati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti li għandhu jkollhom aċċess għall-kontijiet tal-fornituri ta' servizz li jipprovdu servizzi ġewwa l-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbilta tagħhom.~~

~~5. Stati Membri jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet transizzjonali tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002~~

~~dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali ta' kontijiet[52] għall-forinituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jaqgħu taħt l-ambitu ta' dan ir-Regolament.~~

↓ 1070/2009 Art. 2.5

~~Artikolu 9a~~

~~Blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali~~

~~1. Sal-4 ta' Diċembru 2012, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru bil-ħsieb li tiġi akkwistata l-kapaċità u l-effikaċja meħtieġa tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew u li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza u li jingħata kontribut għall-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ta' trasport bl-ajru u impatt ambjentali mnaqqas.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' xulxin sakemm hu possibbli l-aktar dawk l-Istati Membri li jistabbilixxu blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru ġirien, sabiex jiżguraw li jkunu konformi ma' din id-dispożizzjoni. Fejn ikun rilevanti, il-koperazzjoni tista' tinkludi wkoll pajjiżi terzi li jieħdu sehem fil-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru.~~

~~2. Il-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali għandhom, b'mod partikolari:~~

~~(a) ikunu sostnuti minn spazju ta' sikurezza;~~

~~(b) jagħmlu possibbli l-aħjar użu tal-ispazju tal-ajru, filwaqt li jieħdu kont tal-flussi tat-traffiku tal-ajru;~~

~~(c) jiżguraw konsistenza man-network Ewropew tar-rotot stabbilit skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-ispazju tal-ajru;~~

~~(d) ikunu ġġustifikati mill-valur miżjud ġenerali tagħhom, inkluż l-aħjar użu ta' riżorsi umani u tekniċi, fuq il-bażi ta' analiżi tar-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju;~~

~~(e) jiżguraw trasferiment bla skossi u flessibbli ta' responsabbiltajiet għal kontroll ta' traffiku tal-ajru bejn unitajiet ta' servizz ta' traffiku tal-ajru;~~

~~(f) jiżguraw il-kompatibbiltà bejn il-konfigurazzjonijiet differenti tal-ispazju tal-ajru, filwaqt li jottimizzaw, fost l-oħrajn, ir-reġjuni attwali tal-informazzjoni dwar titjir;~~

~~(g) ikunu konformi ma' kundizzjonijiet li joħorġu minn ftehimiet reġjonali konklużi ġewwa l-ICAO;~~

~~(h) jirrispettaw ftehimiet reġjonali eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari dawk li jinvolvu pajjiżi terzi Ewropej; u~~

~~(i) jiffaċilitaw il-konformità mal-objettivi ta' prestazzjoni madwar il-Komunità.~~

~~3. Blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru għandu biss jinkun stabbilit bi ftehim reċiproku bejn l-Istati Membri kollha u, jekk ikun il-każ, ma' pajjiżi terzi li jkollhom responsabbiltà għal xi parti mill-ispazju tal-ajru inkluż fil-blokk.~~

~~Qabel ma jgħarraf/jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-istabbiliment ta' blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali l-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) għandu/hom jipprovdi/u lill-Kummissjoni, lill-~~

---

[52] ~~ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.~~

Istati Membri l-oħra u lill-partijiet interessati l-oħra bl-informazzjoni adegwata u jagħtihom l-opportunità biex jissottomettu l-kummenti tagħhom.

4. Fejn blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru jkollu x'jaqsam ma' spazju tal-ajru li jkun kompletament jew parzjalment taħt ir-responsabbilta ta' żewġ Stati Membri jew aktar, il-ftehim li bih il-blokk ikun stabbilit għandu jkun fih id-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-manjiera li biha l-blokk jista' jiġi mmodifikat u l-manjiera li biha Stat Membru jkun jista' jirtira mill-blokk, inklużi arranġamenti tranżizzjonali.

5. Fejn iqumu diffikulatjiet bejn żewġ Stati Membri jew aktar rigward blokk funzjonali ta' spazju tal-ajru min-naħa għall-oħra tal-konfini li jikkonċerna spazju tal-ajru taħt ir-responsabbilta tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jressqu b'mod konġunt il-materja quddiem il-Kumitat tal-Ajru Uniku għal opinjoni. L-opinjoni għandha tintbagħat lill-Istati Membri kkonċernati. Bla ħsara għall-paragrafu 63, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' dik l-opinjoni biex isibu soluzzjoni.

6. Wara li tkun irċeviet in-notifiki mingħand l-Istati Membri dwar l-arranġamenti u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk kull blokka funzjonali tal-ispazju tal-ajru tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 u tippreżenta r-riżultati lill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku sabiex dawn jiġu diskussi. Jekk il-Kummissjoni ssib li waħda jew aktar mill-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ma jissodisfawx ir-rekwiżiti hija għandha tiddiskuti mal-Istati Membri kkonċernati bil-għan li tilħaq konsensus dwar il-miżuri meħtieġa biex tiġi rranġata s-sitwazzjoni.

7. Bla ħsara għall-paragrafu 6, il-ftehim u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din il-pubblikazzjoni għandha tispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni relevanti.

8. Il-materjal ta' gwida għat-twaqqif u l-modifika tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru għandu jiġi żviluppat sal-4 ta' Diċembru 2010 skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament qafas.

9. l Il-Kummissjoni għandha, sal-4 ta' Diċembru 2011 u skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas, tadotta regoli implimentattivi dwar it-tagħrif li jrid jingħata mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i) qabel ma jitwaqqaf jew jiġi mmodifikat blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 9b

Koordinatur tas-Sistema tal-Blokok Funzjonali tal-Ispazju tal-Ajru

1. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru, il-Kummissjoni tista' taħtar persuna fiżika bħala Koordinatur tas-Sistema tal-Blokok Funzjonali tal-Ispazju tal-Ajru ("Il-Koordinatur"). Il-Kummissjoni għandha taġixxi skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas.

2. Bla preġudizzju għall-Artikolu 9a(5) il-Koordinatur għandu, fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati u jekk ikun il-każ, il-pajjiżi terzi li jieħdu sehem fl-istess blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru, jiffaċilita li jingħelbu d-diffikultajiet fil-proċess ta' negozjati bil-għan li jitaħaffef l-istabbiliment tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru. Il-Koordinatur għandu jaġixxi fuq il-bażi tal-mandat mogħti mill-Istati Membri kollha kkonċernati u, jekk ikun il-każ, pajjiżi terzi li jieħdu sehem fl-istess blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru.

3. Il-Koordinatur għandu jaġixxi b'mod imparzjali l-aktar fir-rigward tal-Istati Membri, tal-pajjiżi terzi, tal-Kummissjoni u tal-partijiet interessati.

~~4. Il-Koordinatur m'għandu jikxef l-ebda tagħrif miksub waqt il-qadi tal-funzjoni tiegħu/tagħha ħlief meta jingħata/tingħata l-awtorizzazzjoni mill-Istat(i) Membru(i) biex jagħmel/tagħmel dan, jew, jekk ikun il-każ, minn pajjiżi terzi kkonċernati.~~

~~5. Wara l-ħatra tiegħu/tagħha, il-Koordinatur għandu jirrapporta lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tal-Ajru Uniku u lill-Parlament Ewropew kull tliet xhur. Ir-rapport għandu jinkludi sommarju tan-negozjati u tar-riżultati tagħhom.~~

~~6. Il-mandat tal-Koordinatur għandu jiskadi meta jiġi ffirmat l-aħħar ftehim dwar blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru iżda mhux aktar tard mill-4 ta' Diċembru 2012.~~

🡻 1070/2009 Art. 3.6 (adattat)
⇨ ġdid

KAPITOLU IV

⌦ ĠESTJONI TAN-NETWORK ⌫

Artikolu 266

Funzjonijiet ⌦ tan-network ⌫ Il-ġestjoni u t-tfassil tan-network

1. Il-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) għandhom jippermettu l-aqwa użu ➩ jiżguraw l-użu sostenibbli u effiċjenti ⇦ tal-ispazju tal-ajru ➩ u tar-riżorsi skarsi. ⇦ u ⌦ Għandhom jiżguraw ukoll ⌫ li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jistgħu joperaw trajettorji ppreferuti ➩ ambjentalment ottimali ⇦ filwaqt li jippermettu aċċess massimu għall-ispazju tal-ajru u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Dawk il-funzjonijiet tan-network ➩ , numerati fil-paragrafi 2 u 3, ⇦ għandhom ➩ jappoġġaw il-kisba tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha u għandhom ikunu bbażati fuq rekwiżiti operazzjonali ⇦ ikunu mmirati biex jiġu appoġġati l-inizjattivi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali u għandhom jitwettqu b'mod li jirrispetta s-separazzjoni tal-kompiti regolatorji u operattivi.

2. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet msemmija fil-paragrafu 1, u bla ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tar-rotot nazzjonali u l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jitwettqu Il-funzjonijiet li ġejjin ⌦ tan-network ⌫ ⌦ imsemmija fil-paragrafu 1 ⌫ jinkludu dan li ġej:

(a) id-disinn ➩ u l-ġestjoni tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru ⇦ tax-xibka ta' rotot Ewropej ➩ Ewropew⇦ ;

➩ (b) il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru; ⇦

(cb) il-koordinazzjoni tar-riżorsi skarsi fil-baned tal-frekwenzi tal-avjazzjoni użati mit-traffiku tal-ajru ġenerali, b'mod partikolari l-frekwenzi tar-radju kif ukoll il-koordinazzjoni tal-kodiċijiet tar-radar transponder.

⇩ ġdid

3. Il-funzjonijiet tan-network imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu wkoll li ġej:

(a) l-ottimizzazzjoni tad-disinn tal-ispazju tal-ajru għan-network u l-iffaċilitar tad-delega tal-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru b'koperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri;

(b) il-ġestjoni tat-twassil tal-kapaċità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fin-network kif stabbilit fil-Pjan Operazzjonali tan-Network (NOP) vinkolanti;

(c) funzjoni għal koordinazzjoni u appoġġ f'każ ta' kriżi tan-network;

(d) il-ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru;

(e) il-ġestjoni tal-ippjanar, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni tal-iskjerament tal-infrastruttura fin-network tal-ATM Ewropew, f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet operazzjonali u l-proċeduri operazzjonali assoċjati;

(f) il-monitoraġġ tal-funzjonament tal-infrastruttura tan-network tal-ATM Ewropew.

🡻 1070/2009 Art. 3.6

4. Il-funzjonijiet elenkati ~~fl-ewwel subparagrafu~~ fil-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx jinvolvu l-adozzjoni ta' miżuri vinkolanti ta' ambitu ġenerali jew l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni politika. ~~Huma għandhom iqisu l-proposti stabbiliti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali.~~ Dawn għandhom jitwettqu f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet militari skont il-proċeduri miftiehma li jikkonċernaw l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.

⇩ ġdid

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 36 biex temenda dan ir-Regolament biex iżżid il-funzjonijiet ma' dawk elenkati fil-paragrafi 2 u 3, meta meħtieġ għall-funzjonament u l-prestazzjoni tan-network.

🡻 1070/2009 Art. 3.6 (adattat)

Artikolu 27

⌦ Il-Maniġer tan-Network ⌫

⇩ ġdid

1. Biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 26, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija meta rilevanti, għandha tiżgura li l-Maniġer tan-Network jikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network stabbiliti fl-Artikolu 26, billi jwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 4.

🡻 1070/2009 Art. 3.6 (adattat)

⇨ ġdid

2. Il-Kummissjoni tista'~~, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Ajru Uniku u f'konformità mar-regoli implimentattivi msemmija fil-paragrafu 4, tinkariga~~ ⌦ taħtar ⌫ ~~lill-Eurocontrol, jew lil~~ korp ~~ieħor~~ imparzjali u kompetenti~~,~~ ⇨ biex iwettaq ⇦ il-kompiti ~~neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu~~ ⇨ tal-Maniġer tan-Network ⇦ . Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3). Dik id-Deċiżjoni tal-ħatra għandha tinkludi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħatra, inkluż il-finanzjament tal-Maniġer tan-Network.

3. ⇨ Il-kompiti tal-Maniġer tan-Network ⇦ ~~Dawn il-kompiti~~ għandhom jitwettqu b'mod ⇨ indipendenti, ⇦ imparzjali, u ~~kosteffettiv~~ ⇨ kosteffiċjenti ⇦ ~~u għandhom jitwettqu f'isem l-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati~~. Dawn għandhom ikunu soġġetti għal governanza xierqa, li ~~tirrikonoxxi~~ ⌦ għandha tirrikonoxxi kontabbiltajiet separati għall-forniment ⌫ ~~r-responsabilitajiet separati għall-provvediment~~ tas-servizzi u r-regolamentazzjoni ⇨ meta l-korp kompetenti deżinjat bħala l-Maniġer tan-Network ikollu wkoll funzjonijiet regolatorji. ⇦ ⇨ Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-Maniġer tan-Network

għandu jqis ⇦ filwaqt li jiġu kkunsidrati il-ħtiġijiet tan-network sħiħ tal-ATM ⇨ tal-ATM kollu u għandu jinvolvi bis-sħiħ lill-utenti ⇦ u bl-involviment tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, u lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ⇨ , lill-operaturi tal-ajrudromi u lill-militar. ⇦

⇩ ġdid

4. Il-Maniġer tan-Network għandu jikkontribwixxi għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network permezz ta' miżuri ta' appoġġ immirati lejn ippjanar u operazzjonijiet sikuri u effiċjenti tan-network f'kundizzjonijiet normali u ta' kriżi u permezz ta' miżuri mmirati lejn it-titjib kontinwu tal-operazzjonijiet tan-network fl-Ajru Uniku Ewropew u l-prestazzjoni ġenerali tan-network, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni. L-azzjoni tal-Maniġer tan-Network għandha tqis il-ħtieġa li l-ajruporti jiġu integrati għalkollox fin-network.

5. Il-Maniġer tan-Network għandu jikkopera mill-qrib mal-Aġenzija li taġixxi bħala PRB biex jiżgura li l-miri ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ikunu riflessi kif xieraq fil-kapaċità li trid titwassal minn fornituri individwali tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li trid tiġi miftiehma mill-Maniġer tan-Network u dawk il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fil-Pjan Operazzjonali tan-Network.

6. Il-Maniġer tan-Network għandu:

(a) jiddeċiedi dwar miżuri individwali li jimplimentaw il-funzjonijiet tan-network u li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan Operazzjonali tan-Network vinkolanti u l-kisba tal-miri ta' prestazzjoni vinkolanti;

(b) jagħti pariri lill-Kummissjoni u jipprovdi informazzjoni rilevanti lill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB dwar l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tan-network tal-ATM skont il-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew, b'mod partikolari biex jiġu identifikati l-investimenti meħtieġa għan-network.

7. Il-Maniġer tan-Network għandu jieħu deċiżjonijiet bi proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-partijiet fil-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandhom jaġixxu kemm jista' jkun possibbli bil-ħsieb li jtejbu l-funzjonament u l-prestazzjoni tan-network. Il-proċess koperattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jippromwovi l-interess tan-network.

🡻 1070/2009 Art. 3.6

3. Il-Kummissjoni tista' żżid mal-lista ta' funzjonijiet fil-paragrafu 2 wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet interessati tal-industrija. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentah, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikoli 5(4) tar-Regolament qafas.

⇩ ġdid

8. B'atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għat-twettiq tal-funzjonijiet tan-network, il-kompiti tal-Maniġer tan-Network, il-mekkaniżmi ta' governanza, inkluż il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

🡻 1070/2009 Art. 3.6

~~4. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu, apparti għal dawk imsemmija fil-paragrafi 6 sa 9, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas. Dawk ir-regoli implimentattivi għandhom jindirizzaw b'mod partikulari:~~

~~(a) il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri biex titjieb l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-frekwenza ajrunawtika inkluż l-iżvilupp ta' prinċipji u kriterji;~~

~~(b) il-funzjoni ċentrali biex jiġu kkoordinati l-identifikazzjoni bikrija u r-riżoluzzjoni tal-ħtiġijiet ta' frekwenza fil-faxex allokati għat-traffiku tal-ajru ġenerali Ewropew biex jiġu appoġġati d-disinn u l-operat tan-network Ewropew tal-avjazzjoni;~~

~~(c) il-funzjonijiet addizzjonali tan-network kif iddefiniti fil-Pjan Regolatorju tal-ATM;~~

~~(d) l-arranġamenti dettaljati għat-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod koperattiv bejn l-Istati Membri, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-funzjoni tal-ġestjoni tan-network għall-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 2;~~

~~(e) l-arranġamenti għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati relevanti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew; u~~

~~(f) fi ħdan l-ispektrum tar-radju allokat għat-traffiku tal-ajru ġenerali mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, qsim tal-ħidmiet u r-responsabbilitajiet bejn il-funzjoni tal-ġestjoni tan-network u l-maniġers tal-frekwenzi nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li l-funzjonijiet s-servizzi tal-maniġers tal-frekwenzi nazzjonali jkomplu jwettqu dawk il-kompiti ta' frekwenza li ma għandhom l-ebda impatt fuq in-network. Fir-rigward ta' dawk il-każijiet li għandhom impatt fuq in-network, il-maniġers tal-frekwenzi nazzjonali għandhom jikkoperaw ma' dawk responsabbli għall-funzjoni tal-ġestjoni tan-network biex jiġi ottimizzat l-użu tal-frekwenzi.~~

⇩ ġdid

9. L-aspetti tad-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 26 għandhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom iqisu d-domandi tat-traffiku tal-ajru, l-istaġunalità u l-kumplessità tat-traffiku tal-ajru u tal-pjanijiet ta' prestazzjoni. Qabel ma jiddeċiedu dwar dawk l-aspetti, għandhom jikkonsultaw lill-utenti tal-ispazju tal-ajru kkonċernati jew lill-gruppi li jirrappreżentaw lil dawn l-utenti tal-ispazju tal-ajru u lill-awtoritajiet militari kif xieraq.

🡻 1070/2009 Art. 3.6

~~5. Aspetti ta' tfassil tal-ispazju tal-ajru minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kkunsidrati fuq livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali. Dan il-proċess ta' tfassil għandu jqis it-talbiet u l-kumplessità tat-traffiku u l-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali jew nazzjonali u għandu jinkludi konsultazzjoni sħiħa mal-utenti tal-ispazju tal-ajru rilevanti jew mal-gruppi rilevanti li jirrappreżentaw l-utenti tal-ispazju tal-ajru u mal-awtoritajiet militari, skont kif ikun xieraq.~~

~~6. L-Istati Membri għandhom jinkarigaw lill-Eurocontrol jew lil korp ieħor kompetenti u imparzjali bil-prestazzjoni tal-amministrazzjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, u dan soġġett għal arranġamenti ta' sorveljanza xierqa.~~

~~7. Ir-regoli implimentattivi għall-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, inklużi l-arranġamenti ta' sorveljanza neċessarji, għandhom jiġu żviluppati f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament qafas u adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas, bil-għan li tiġi ottimizzata l-kapaċità disponibbli fl-użu tal-ispazju tal-ajru u jitjiebu l-proċessi tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru. Dawn ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq trasparenza u effiċjenza, filwaqt li jiġi żgurat li tiġi pprovduta kapaċità b'mod flessibbli u f'waqtha, konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Pjan Reġjonali ta' Navigazzjoni tal-Ajru tal-ICAO, Reġjun Ewropew.~~

~~8. Ir-regoli implimentattivi għall-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru għandhom isostnu d-deċiżjonijiet operattivi meħuda mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, mill-operaturi ta' ajruporti u mill-utenti tal-spazju tal-ajru u għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin:~~

~~(a) ippjanar tat-titjiriet;~~

~~(b) użu ta' kapaċità ta' spazju tal-ajru disponibbli matul il-fażijiet kollha tat-titjir, inklużi assenjazzjoni ta'slot; u~~

~~(c) użu ta' rotot mit-traffiku tal-ajru ġenerali, inklużi:~~

- ~~il-ħolqien ta' pubblikazzjoni waħdanija għall-orjentazzjoni tar-rotot u t-traffiku,~~
- ~~il-possibilitajiet għad-devjazzjoni tat-traffiku ġenerali tal-ajru minn żoni ta' konġestjoni, u~~
- ~~ir-regoli ta' prijorità dwar l-aċċess għall-ispazju tal-ajru għat-traffiku ġenerali tal-ajru, b'mod partikolari matul perjodi ta' konġestjoni u ta' kriżi.~~

~~9. Meta tkun qed tiżviluppa u tadatta ir-regoli ta' implimentazzjoni il-Kummissjoni għandha, kif ikun xieraq u mingħajr preġudizzju għas-sikurezza, tieħu kont tal-konsistenza bejn il-pjani tat-titjiriet u l-islots tal-ajruporti u l-koordinazzjoni meħtieġa ma reġjuni qrib.~~

⇩ ġdid

Artikolu 28

Trasparenza tal-kontijiet tal-Maniġer tan-Network

1. Il-Maniġer tan-Network għandu jfassal il-kontijiet finanzjarji tiegħu, u jippreżentahom u jippubblikahom. Dawn il-kontijiet għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati mill-Unjoni. Meta, minħabba l-istatus legali tal-Maniġer tan-Network, ma jkunx possibbli li tinkiseb konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, il-Maniġer tan-Network għandu jagħmel sforz biex jikseb din il-konformità sal-punt massimu possibbli.

2. Il-Maniġer tan-Network għandu jippubblika rapport annwali u jagħmel awditjar indipendenti b'mod regolari.

🡻 550/2004

~~*Artikolu 10*~~

~~Relazzjonijiet bejn fornituri ta' servizzi~~

~~1. Fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru jistgħu japprofittaw ruħhom mis-servizzi ta' fornituri ta' servizz oħra li kienu ċertifikati fil-Komunità.~~

~~2. Fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jifformalizzaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol tagħhom permezz ta' ftehim bil-miktub jew arranġamenti legali ekwivalenti, li jkun fihom id-doveri u funzjonijiet speċifiċi assunti minn kull fornitur u li jippermettu għall-iskambju ta' *data* operazzjonali bejn il-fornituri tas-servizzi kollha sa fejn għandu x'jaqsam it-traffiku tal-ajru ġenerali. Dawk l-arranġamenti għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità jew lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza kkonċernati.~~

~~3. F'każijiet li jinvolvu l-forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru, l-approvazzjoni tal-Istati Membri konċernati għandha tkun rekwiżita. F'każijiet li jinvolvu l-forniment ta' servizzi meteoroloġiċi, l-approvazzjoni tal-Istati Membri konċernati għandha tkun rekwiżita jekk huma jkunu nnominaw fornitur fuq bażi esklussiva skont l-Artikolu 9(1).~~

⇩ ġdid

Artikolu 29

Relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni biex jikkonsultaw lill-utenti tal-ispazju tal-ajru u lill-operaturi tal-ajrudromi rilevanti fuq kull kwistjoni maġġuri relatata mas-servizzi mogħtija, inkluż il-bidliet rilevanti fil-konfigurazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru, jew investimenti strateġiċi li jħallu impatt rilevanti fuq il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u/jew l-imposti. L-utenti tal-ispazju tal-ajru għandhom ukoll ikunu involuti fil-proċess tal-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-investimenti strateġiċi. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jiddettaljaw il-modalitajiet tal-konsultazzjoni u tal-involviment tal-utenti tal-ispazju tal-ajru fl-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-investimenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).

↓ 1070/2009 Art. 2.6 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 30~~11~~

Relazzjonijiet mal-awtoritajiet militari

Fil-kuntest tal-politika komuni għat-trasport, l-Istati Membri għandhom ~~jieħdu l-passi meħtieġa biex~~ jiżguraw li jiġu stabbiliti jew imġedda ftehimiet bil-miktub bejn l-awtoritajiet ċivili u militari kompetenti jew arranġamenti legali ekwivalenti fir-rigward tal-ġestjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru speċifiċi ⇨ u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ⇦.

↓ 550/2004

~~Artikolu 13~~

~~**Aċċess għal u protezzjoni ta' *data***~~

~~1. Safejn għandu x'jaqsam it-traffiku tal-ajru ġenerali, *data* operazzjonali rilevanti għandha tkun skambjata f'ħin reali bejn il-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, utenti ta' spazju tal-ajru u l-ajruporti kollha, biex ikunu faċilitati l-ħtiġiet operazzjonali tagħhom. Id-*data* għandha tkun użata biss għal għanijiet ta' operazzjoni.~~

~~2. L-aċċess għal *data* ta' operazzjoni għandu jingħata lill-awtoritajiet proprji, fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru ċertifikati, utenti tal-ispazju tal-ajru u ajruporti fuq bażi non-diskriminatorja. Fornituri ta' servizz iċċertifikati, utenti ta' spazju tal-ajru u ajruporti għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet standard ta' aċċess għad-*data* operazzjonali relevanti tagħhom barra minn dik (dawk) li jirreferi għaliha l-paragrafu 1. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom japprovaw kundizzjonijiet standard tali. Regoli dettaljati konnessi ma' tali kundizzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti, fejn xieraq, skont il-proċedura li jirreferi għaliha l-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas.~~

⇩ ġdid

Artikolu 31

Disponibbiltà u aċċess għal *data* operazzjonali dwar it-traffiku tal-ajru ġenerali

1. Fir-rigward tat-traffiku tal-ajru ġenerali, id-*data* operazzjonali rilevanti għandha tkun disponibbli fil-ħin reali, fuq bażi nondiskriminatorja u mingħajr preġudizzju għall-interessi tal-politika tas-sigurtà jew tad-difiża, mill-fornituri kollha tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti, u l-Maniġer tan-Network, inkluż fuq bażi transfruntiera u fuq bażi mifruxa mal-Unjoni kollha. Din id-disponibbiltà għandha tkun għall-benefiċċju tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ċċertifikati jew iddikjarati, l-entitajiet li għandhom interess ippruvat li jikkunsidraw il-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-ajruporti kif ukoll il-Maniġer tan-Network. Id-*data* għandha tintuża biss għal finijiet ta' operazzjoni.

2. Il-prezzijiet tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq il-kost marġinali biex id-data ssir disponibbli.

3. L-aċċess għad-data operazzjonali rilevanti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-awtoritajiet inkarigati mis-sorveljanza tas-sikurezza, mis-sorveljanza tal-prestazzjoni u mis-sorveljanza tan-network, inkluż lill-Aġenzija.

4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti dettaljati għad-disponibbiltà tad-*data* u l-aċċess għaliha skont il-paragrafi 1 u 3 u l-metodoloġija biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet kif imsemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).

↓ 551/2004 (adattat)

KAPITOLU ~~II~~ V

SPAZJU TAL-AJRU ~~ARKITETTURA~~ ⌦ , INTEROPERABBILTÀ U INNOVAZZJONI TEKNOLOĠIKA ⌫

↓ 1070/2009 Art. 3.2

~~*Artikolu 3*~~

~~**Ir-Reġjun Ewropew għall-Informazzjoni dwar it-Titjiriet Aktar 'il Fuq (EUIR)**~~

~~1. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jimmiraw għat-twaqqif u r-rikonoxximent min-naħa tal-ICAO ta' EUIR uniku. Għal dak l-iskop, minħabba kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha, tippreżenta rakkomandazzjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 300 tat-Trattat sal-4 ta' Diċembru 2011.~~

~~2. L-EUIR għandu jitfassal biex jikkomprendi l-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbilta tal-Istati Membri skont l-Artikolu 1(3) u jista' wkoll jinkludi spazju tal-ajru ta' pajjiżi terzi Ewropej.~~

~~3. L-istabbiliment tal-EUIR għandu jkun bla preġudizzju għar-responsabbiltà ta' Stati Membri għad-deżinjazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru għall-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-forniment ta' servizzi.~~

~~4. L-Istati Membri għandhom iżommu ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-ICAO fil-limiti ġeografiċi tar-reġjuni ta' informazzjoni ta' titjir ta' aktar 'il fuq fdata lilhom mill-ICAO fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.~~

↓ 1070/2009 Art. 3.3
⇨ ġdid

Artikolu 32~~3a~~

Informazzjoni ajrunawtika elettronika

Mingħajr preġudizzju għall-pubblikazzjoni mill-Istati Membri tal-informazzjoni ajrunawtika u b'mod konsistenti ma' dik il-pubblikazzjoni il-Maniġer tan-Network, b'koperazzjoni ~~mal-Eurocontrol~~ ⇨ mal-Kummissjoni ⇦ , għandu jistabbilixxi infrastruttura ta' informazzjoni ajrunawtika għall-Unjoni kollha biex tiżdied id-disponibbiltà ta' informazzjoni ajrunawtika elettronika ta' kwalità għolja, ippreżentata b'mod aċċessibbli u li taqdi r-rekwiżiti tal-utenti rilevanti kollha f'termini ta' kwalità tad-*data* u tempestività. ⇨ L-informazzjoni ajrunawtika magħmula disponibbli b'dan il-mod għandha tkun biss l-informazzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punt 2.1 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1139. ⇦

~~2. Għall-għan ta' paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha:~~

~~(a) tiżgura l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' informazzjoni ajrunawtika fuq livell tal-Unjoni taħt forma ta' portal elettroniku ta' informazzjoni integrata b'aċċess mhux ristrett għall-partijiet interessati. L-infrastruttura għandha tintegra l-aċċess u l-forniment tal-elementi meħtieġa għad-*data*, iżda mhux limitati għall-informazzjoni ajrunawtika, informazzjoni tal-uffiċjal tar-rappurtar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (ARO), informazzjoni meteoroloġika u informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fluss;~~

~~(b) issostni l-immodernizzar u l-armonizzazzjoni għall-forniment tal-informazzjoni ajrunawtika fl-aktar sens wiesa' tiegħu b'koperazzjoni mill-qrib mal-Eurocontrol u l- ICAO. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli implimentattivi dettaljati għal dan l-Artikolu skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas.~~

🡻 1070/2009 Art. 3.4

~~*Artikolu 4*~~

~~Regoli ta' klassifikazzjoni tal-ajru u l-ispazju tal-ajru~~

~~Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċeduri regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas, tadotta regoli implimentattivi sabiex:~~

~~(a) tadotta d-dispożizzjonijiet xierqa dwar ir-regoli tal-ajru fuq il-bażi tal-istandards tal-ICAO u l-prattiki rakkomandati;~~

~~(b) tarmonizza l-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru tal-ICAO, b'adattament xieraq, sabiex ikun żgurat forniment mingħajr intoppi ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru sikuri u effiċjenti fi ħdan l-ajru uniku Ewropew.~~

🡻 551/2004 (adattat)

~~KAPITOLU III~~

~~UŻU FLESSIBBLI TAL-ISPAZJU TAL-AJRU FL-AJRU UNIKU EWROPEW~~

🡻 551/2004 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 33~~7~~

Użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru

1. Filwaqt li jqisu l-organizzazzjoni tal-aspetti militari fir-responsabbiltà tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ~~uniformi~~ tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew kif deskritt mill-ICAO u kif żviluppat mill-Eurocontrol, biex jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport ⇨ u b'konsistenza mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew ⇦ .

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar l-applikazzjoni tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru, fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport, fir-rigward tal-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom.

3. Meta, b'mod partikolari wara rapporti ppreżentati mill-Istati Membri, isir meħtieġ li tissaħħaħ u tiġi armonizzata l-applikazzjoni tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew, ⌦ il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ⌫ ~~regoli implimentattivi~~ fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport. ⌦ Dawk l-atti ta' implimentazzjoni ⌫ għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ⌦ ta' eżami ⌫ ~~skont~~ ⌦ msemmija fl-Artikolu ⌫ ~~8~~ 37(3)~~tar-Regolament qafas~~.

⇩ ġdid

Artikolu 34

Koordinazzjoni tas-SESAR

L-entitajiet inkarigati mill-kompiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tal-koordinazzjoni tal-fażi tad-definizzjoni ta' SESAR, tal-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR u tal-fażi tal-mobilizzazzjoni ta' SESAR, skont il-każ, għandhom jikkoperaw biex jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn dawk it-tliet fażijiet ħalli tinkiseb tranżizzjoni bla xkiel u fil-ħin bejniethom.

Il-partijiet ikkonċernati ċivili u militari rilevanti kollha għandhom ikunu involuti kemm jista' jkun possibbli.

➔ 1070/2009 Art. 2.10

~~Artikolu 15a~~

~~Proġetti komuni~~

~~1. Proġetti komuni jistgħu jgħinu l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan Regolatorju tal-ATM. Proġetti bħal dawn għandhom jappoġġjaw l-objettivi ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi mtejba l-prestazzjoni tas-sistema tal-avjazzjoni tal-Ewropa f'oqsma prinċipali bħalma huma l-kapaċità, it-titjiriet u l-effiċjenza f'termini ta' spejjeż kif ukoll is-sostenibbiltà ambjentali, fi ħdan objettivi dominanti ta' sikurezza.~~

~~2. Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas, tiżviluppa materjal ta' gwida rigward il-mod li bih dawn il-proġetti jistgħu jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM. Materjal ta' gwida bħal dan m'għandux idgħajjef il-mekkaniżmi għall-iskjerament ta' tali proġetti rigward blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru kif ġie miftiehem mill-partijiet ta' dawk il-blokok.~~

~~3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi wkoll, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas, biex tistabbilixxi proġetti komuni għall-operazzjonijiet marbuta man-network, li huma ta' importanza partikulari għat-titjib tal-prestazzjoni globali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru fl-Ewropa. Proġetti komuni bħal dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju fi ħdan il-qafas finanzjarju multiannwali. Għal dan il-għan, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeċiedu fuq l-użu tar-riżorsi finanzjarji tagħhom, il-Kummissjoni għandha tagħmel analiżi indipendenti fuq il-benefiċċji f'termini ta' nfiq u konsultazzjonijiet kif xieraq mal-Istati Membri u l-partijiet kollha relevanti skont l-Artikolu 28, filwaqt li jiġu eżaminati bir-reqqa mezzi xierqa biex jiffinanzjaw l-iskjerament. L-ispejjeż eliġibbli ta' skjerament ta' proġetti komuni għandhom jiġu koperti skont il-prinċipji tat-trasparenza u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni.~~

⇩ ġdid

Artikolu 35

Proġetti komuni

1. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi proġetti komuni għall-implimentazzjoni tal-bidliet operazzjonali essenzjali identifikati fil-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew li jħallu impatt fuq in-network kollu.

2. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' governanza għal proġetti komuni u għall-implimentazzjoni tagħhom.

3. Il-proġetti komuni jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni. Għal dan il-għan, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeċiedu fuq l-użu tar-riżorsi finanzjarji tagħhom, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi indipendenti tal-kostbenefiċċji u konsultazzjonijiet xierqa mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti skont l-Artikolu 10 , filwaqt li tesplora kull mezz xieraq għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proġetti komuni u l-mekkaniżmi ta' governanza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 37(3).

↓ 551/2004

~~Artikolu 8~~

~~Sospensjoni temporanja~~

~~1. F'każijiet fejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tqajjem diffikultajiet operazzjonali sinifikanti, Stati Membri jistgħu jissospendu temporanjament applikazzjoni tali fuq kundizzjoni li jinformaw b'dan mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra.~~

~~2. Wara l-introduzzjoni ta' sospensjoni temporanja, aġġustamenti għar-regoli adottati taħt l-Artikolu 7(3) għandhom jinħadmu għall-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbilta tal-Istat(i) Membru(i) kkonċernat, skont il-proċedura taħt l-Artikolu 8 tar-Regolament qafas.~~

KAPITOLU ~~IV~~ VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

↓ 1070/2009 Art. 2.11

~~Artikolu 17~~

~~Reviżjoni tal-Annessi~~

~~Miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali tal-Anness sabiex jittieħed kont ta' żviluppi tekniċi u operattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament qafas.~~

~~F'każijiet ta' urġenza assoluta, il-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament qafas.~~

⇩ ġdid

Artikolu 36

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6 u 26 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi taż-żmien identiċi, għajr jekk il-

Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6 u 26 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tkun effettiva mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6 u 26 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

🡻 549/2004 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 37 ~~5~~

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", magħmul minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru u ppresedut ~~rappreżentant ta'~~ mill-Kummissjoni. Il-Kumitat għandu jiżgura konsiderazzjoni xierqa tal-interessi tal-kategoriji kollha tal-utenti. ⇨ Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ⇦

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, ⇨⇦ ~~għandhom japplikaw l-Artikolu 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE~~ ⇨ għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ⇦ ~~, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha~~.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, ~~għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE~~ ⇨ għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ⇦ ~~, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha~~.

~~Il-perjodu imsemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.~~

🡻 1070/2009 Art. 1.4

~~4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

~~5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1), (2), (4), (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

➔ 1070/2009 Art. 1.5 (adattat)

Artikolu 38~~10~~

⌦ Konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati ⌫

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, l-Aġenzija kemm jekk qed taġixxi bħala PRB kif ukoll jekk le, u l-Maniġer tan-Network għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għal konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati għat-twettiq tal-kompiti tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

➔ 1070/2009 Art. 1.5 (adattat) ⇨ ġdid

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dan il-mekkaniżmu ~~ta' konsultazzjoni~~ fil-livell ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ ⇨ biex tikkonsulta dwar kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, meta xieraq ⇦. Il-Kumitat ta' Djalogu Settorjali speċifiku mwaqqaf skont id-Deċiżjoni ⌦ tal-Kummissjoni ⌫ 98/500/KE għandu jkun involut fil-konsultazzjoni. ~~3. Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati għandha tkopri, b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' kunċetti u teknoloġiji ġodda fl-EATMN.~~ ⇨ Għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 3, meta tkun meħtieġa konsultazzjoni relatata ma' aspetti militari, il-Kummissjoni, minbarra lill-Istati Membri, għandha tikkonsulta lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u lil esperti militari kompetenti oħra deżinjati mill-Istati Membri. ⇦

3. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jinkludu:

(a) fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ⇨ jew gruppi rilevanti li jirrappreżentawhom ⇦ ;~~,~~

⇩ ġdid

(b) il-Maniġer tan-Network;

➔ 1070/2009 Art. 1.5 (adattat) ⇨ ġdid

(c) operaturi tal-ajruporti ⇨ jew gruppi rilevanti li jirrappreżentawhom ⇦ ;~~,~~

(d) utenti ~~rilevanti~~ tal-ispazju tal-ajru jew gruppi ⌦ rilevanti li jirrappreżentawhom; ⌫ ~~utenti tal-ispazju tal-ajru,~~

(e) ⌦ ⌫ il-militar ~~awtoritajiet militari~~;~~,~~

(f) ⌦ l-⌫industrija tal-manifattura; ~~u~~

(g) korpi rappreżentattivi tal-persunal professjonali;

⇩ ġdid

(h) organizzazzjonijiet nongovernattivi rilevanti.

🡻 1070/2009 Art. 1.5 (adattat)

~~*Artikolu 6*~~

~~Korp Konsultattiv tal-Industrija~~

~~Bla ħsara għall-funzjoni tal-Kumitat u ta' Eurocontrol, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi "korp konsultattiv tal-industrija", li għalih għandhom jappartjenu fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru, assoċjazzjonijiet ta' utenti tal-ispazju tal-ajru, operaturi tal-ajruporti, l-industrija tal-manifattura u korpi rappreżentattivi tal-persunal professjonali. Il-funzjoni ta' dan il-korp għandha tkun biss li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar aspetti tekniċi tal-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.~~

Artikolu 39~~7~~

Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi ~~Ewropej~~

🡻 1070/2009 Art. 1.5 (adattat)

⇨ ġdid

~~Il-Komunità~~ ⌦ L-Unjoni ⌫ u l-Istati Membri tagħha għandhom jimmiraw u jappoġġaw l-estensjoni ~~tal-a~~tal-Ajru ~~u~~Uniku Ewropew għal pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea. Għal dak il-għan, għandhom jagħmlu sforz, ~~jew~~ fil-qafas tal-ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi ġirien ~~jew fil-kuntest~~ ~~tal-ftehim dwar it-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru~~ , jestendu ~~l-applikazzjoni~~ ~~ta' dan ir-Regolament, u l-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3,~~ ⌦ l-Ajru Uniku Ewropew ⌫ għal dawk il-pajjiżi. ⇨ Barra minn hekk, għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkoperaw ma' dawk il-pajjiżi fil-kuntest ta' ftehimiet dwar il-funzjonijiet tan-network, jew fil-qafas tal-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Eurocontrol li jipprovdi qafas ġenerali għal koperazzjoni msaħħa u jsaħħaħ id-"dimensjoni pan-Ewropea" tal-ATM. ⇦

🡻 1070/2009 Art. 1.5

Artikolu 8

Regoli implimentattivi

1. Għall-iżvilupp tar-regoli implimentattivi l-Kummissjoni tista' toħroġ mandati lill-Eurocontrol jew, fejn ikun xieraq, lil korp ieħor billi tistabbilixxi l-kompiti li jridu jitwettqu u l-iskeda biex dan isir, filwaqt li jitqiesu l-iskadenzi relevanti stipulati f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha taġixxi skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2).

2. Meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li toħroġ mandat f'konformità mal-paragrafu 1, hija għandha tirsisti biex tagħmel l-aħjar użu mill-arranġementi eżistenti għall-involviment u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati kollha, fejn dawn l-arranġamenti jkunu jikkorrispondu mal-prattiki tal-Kummissjoni dwar proċeduri ta' trasparenza u konsultazzjoni u ma jkunx hemm konflitt mal-obbligi istituzzjonali tagħha.

⇩ ġdid

Artikolu 40

Appoġġ minn korpi oħra

Il-Kummissjoni tista' titlob l-appoġġ ta' korpi oħra għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.

🡻 1070/2009 Art. 2.1

Artikolu 4

Rekwiżiti tas-sikurezza

Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament qafas, tadotta r-regoli implimentattivi li jinkorporaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-rekwiżiti regolatorji ta' sikurezza tal-Eurocontrol (ESARRs) u l-emendi sussegwenti ta' dawk ir-rekwiżiti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, fejn ikun possibli l-adattazzjonijiet u xierqa.

↓ 550/2004 (adattat)

~~KAPITOLU IV~~

~~DISPOŻIZZJONIJIET FINALI~~

↓ 1070/2009 Art. 2.11 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 41~~18~~

Kunfidenzjalità

1. La l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li jaġixxu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, la l-Kummissjoni ⇨ , la l-Aġenzija, jekk taġixxi bħala PRB kif ukoll jekk le, u lanqas il-Maniġer tan-Network ⇦ ma għandhom jiżvelaw informazzjoni ta' natura kunfidenzjali, b'mod partikolari informazzjoni dwar il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom u l-komponenti tal-kostijiet tagħhom.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-iżvelar mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali ~~jew~~, mill-Kummissjoni ⇨ jew mill-Aġenzija li taġixxi bħala PRB ⇦ meta jkun essenzjali għall-qadi ta' dmirijiethom, f'liema każ dan l-iżvelar għandu jkun proporzjonat u għandu jirrispetta l-interessi leġittimi tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-protezzjoni ~~tas-sigrieti kummerċjali~~ ⌦ tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva ⌫ tagħhom.

3. L-informazzjoni u d-*data* pprovduti skont l-iskema ta' ⇨ imposti stabbilita fl-Artikoli 19 sa 24, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet iddeterminati, il-kostijiet u d-dħul reali tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru deżinjati ⇦ ~~tariffi msemmija fl-Artikolu 14~~ għandhom jiġu żvelati pubblikament.

↓ 1070/2009 Art. 1.5 (adattat)

⇨ ġdid

Artikolu 42~~9~~

Penali

~~Il-penali li~~ L-Istati Membri għandhom ⌦ jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli ⌫ ~~jistipulaw~~ għal ksur ta' dan ir-Regolament u ~~tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3~~ ⇨ tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu ⇦ b'mod partikolari mill-utenti tal-ispazju tal-ajru ⇨ , l-operaturi tal-ajruporti ⇦ u l-fornituri tas-servizzi ⌦ tan-navigazzjoni bl-ajru ⌫ ⇨ , u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti ⇦ għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

↓ 549/2004

Artikolu 12

Sorveljanza, immonitorjar u metodi ta' stima tal-impatt

1. Is-sorveljanza, immonitorjar u metodi ta' stima ta' impatt għandhom ikunu bbażati fuq is-sottomissjoni tar-rapport annwali mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni meħuda skond dan ir-Regolament u l-miżuri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3.

↓ 1070/2009 Art. 1.6(a)

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi perjodikament l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3, u qabel xejn għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-4 ta' Ġunju 2011, u minn hemm 'il quddiem fit-tmiem ta' kull perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 11(53)(d). Meta dan ikun iġġustifikat għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob mill-Istati Membri informazzjoni addizzjonali għall-informazzjoni li qiegħda fir-rapporti ppreżentati minnhom skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

↓ 549/2004

3. Għall-għanijiet tal-kitba tar-rapporti li jirreferi għalihom il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat.

↓ 1070/2009 Art. 1.6(b)

4. Ir-rapporti għandu jkun fihom stima tar-riżultati miksuba mill-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament inkluża informazzjoni xierqa dwar żviluppi fis-settur, b'mod partikulari dwar aspetti ekonomiċi, soċjali, ta' impjiegi u teknoloġiċi, kif ukoll dwar il-kwalità ta' servizz, fid-dawl tal-għanijiet oriġinali u bil-ħsieb ta' ħtiġiet futuri.

⇩ ġdid

Artikolu 43

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-2030. Meta jkun iġġustifikat għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni rilevanti mingħand l-Istati Membri għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi.

↓ 1070/2009 Art. 2.12 (adattat)

~~*Artikolu 18a*~~

~~**Reviżjoni**~~

~~Il-Kummissjoni għandha tippreżenta studju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-4 ta' Diċembru 2012 filwaqt li tagħmel evalwazzjoni tal-impatti legali, soċjali, tas-sikurezza, tal-industrija, u tal-ekonomija tal-applikazzjonijiet tal-prinċipji tas-suq għall-forniment tas-servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni, is-sorveljanza u l-informazzjoni ajrunawtika, meta mqabbel mal-prinċipji ta' organizzazzjoni eżistenti jew alternattivi u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fil-blokok funzjonali tal-ispjazju tal-ajru fit-teknoloġija disponibbli.~~

↓ 551/2004 (adattat)

~~**KAPITOLU IV**~~

~~**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**~~

~~*Artikolu 10*~~

~~**Reviżjoni**~~

~~Fil-kuntest tar-reviżjoni perjodika li jirreferi għaliha l-Artikolu 12(2) tar-Regolament qafas, il-Kummissjoni għandha tiffinalizza studju prospettiv dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni futura tal-konċetti li jirreferi għalihom l-Artikolu 3, 5 u 6 għall-ispazju tal-ajru ta' aktar 'l isfel.~~

~~Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-istudju u fid-dawl tal-progress miksub, il-Kummissjoni għandha tissottometti l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 2006 rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkompanjat, jekk xieraq, bi proposta biex jestendu l-applikazzjoni ta' dawn il-konċetti għall-ispazju tal-ajru ta' aktar 'l isfel, jew jiddeterminaw xi passi oħra. Fil-każ li tkun prevista estensjoni tali, id-deċiżjoni relevanti għandha preferibilment tittieħed qabel il-31 ta' Diċembru 2009.~~

↓ 549/2004 (adattat)

Artikolu 44~~*13*~~

Salvagwardji

Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi l-applikazzjoni ta' miżuri minn Stat Membru sal-punt li ~~dawn ikunu~~ ⌦ jkunu ⌫ meħtieġa biex jissalvagwardjaw l-interessi essenzjali tal-politika tad-difiża jew tas-sigurtà. Dawn il-miżuri huma b'mod partikolari dawk li huma importanti ħafna:

(e) għas-sorveljanza tal-ispazju tal-ajru li hu fir-responsabbiltà tiegħu skont il-Ftehimiet dwar in-Navigazzjoni bl-Ajru Reġjonali tal-ICAO, inkluż il-kapaċità li jiskopri, jidentifika u jevalwa l-inġenji tal-ajru kollha li jużaw dan l-ispazju tal-ajru, bil-ħsieb li jfittex li jissalvagwardja s-sigurtà tat-titjiriet u jieħu azzjoni biex jiżgura l-ħtiġijiet tas-sigurtà u tad-difiża;

(f) fil-każ ta' disturbi interni serji li jaffettwaw iż-żamma tal-liġi u tal-ordni;

(g) fil-każ ta' gwerra jew tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra;

(h) għas-sodisfazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Istat Membru b'rabta maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

(i) biex jitwettqu operazzjonijiet u taħriġ militari, inkluż il-possibbiltajiet meħtieġa għall-eżerċizzji.

🡻 1070/2009 Art. 1.7

~~Artikolu 13a~~

~~L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni~~

~~Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-Regolamenti (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 u r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni[53], l-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'konformità mal-irwoli rispettivi tagħhom kif stipulat f'dan ir-Regolament, għandhom jikkoordinaw kif xieraq mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-aspetti kollha tas-sikurezza jiġu indirizzati b'mod xieraq~~

🡻

Artikolu 45

Revoka

Ir-Regolamenti (KE) Nri 549/2004, 550/2004 u 551/2004 huma revokati.

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

🡻 550/2004 (adattat)

Artikolu *46*~~19~~

Dħul fis-seħħ ⌦ u applikazzjoni ⌫

[53] ~~ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.~~

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ~~fl-20~~ ⌦ fl-għoxrin ⌫ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

~~2. Madankollu, l-Artikli 7 u 8 għandhom jidħlu fis-seħħ sena wara l-pubblikazzjoni tar-rekwiżiti komuni, kif jirreferi l-Artikolu 6, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.~~

⇩ ġdid

2. L-Artikolu 3(3) għandu japplika minn *[OP please insert the date – 48 months after the entry into force of this Regulation]*.

L-Artikoli 10 sa 24 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2023. Iżda l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, u l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħhom, għandhom jibqgħu japplikaw għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti relatati mat-tielet perjodu referenzjarju.

L-Artikolu 26(3) u l-Artikolu 32 għandhom japplikaw għall-Maniġer tan-Network mill-jum meta ssir applikabbli deċiżjoni tal-ħatra, adottata skont l-Artikolu 27(2) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li tinkludi dawk id-dispożizzjonijiet.

🡻 550/2004

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President